L-Università ta' Malta

# Pjan Strateġiku 2020–2025

*Inservu lill-istudenti, lill-akkademja u lis-soċjetà b'mod sostenibbli*

# Pjan Strateġiku 2020–2025

*Inservu lill-istudenti,
lill-akkademja u lis-soċjetà
b'mod sostenibbli*

**Il-Pjan Strateġiku 2020-2025 ġie miktub mir-Rettorat tal-Università ta' Malta u mill-membri tal-Kumitati u l-Gruppi Konsultattivi għall-Ippjanar Strateġiku:**

Prof Alfred J Vella, ir-Rettur
Prof Tanya Sammut-Bonnici, il-Prorettur għall-Ippjanar Strateġiku u l-Intrapriża (editur prinċipali)
Prof Godfrey Baldacchino, il-Prorettur għall-Iżvilupp Internazzjonali u l-Assigurazzjoni tal-Kwalità
Prof Joseph M Cacciottolo, il-Prorettur għall-Affarijiet Akkademiċi
Prof Carmen Sammut, il-Prorettur għall-Affarijiet tal-Istudenti u l-Istaff u l-Kuntatt mas-Soċjetà
Prof Inġ Saviour Zammit, il-Prorettur għar-Riċerka u t-Trasferiment tal-Għarfien

**Dan id-dokument ġie maqlub għall-Malti minn:**

Dr George Farrugia
Prof Bernard Micallef
Is-Sur Thomas Pace
Dr Michael Spagnol
Is-Sa Doriana Vella

**ISBN:** 978-99957-1-794-0

# Werrej

| | |
|---|---|
| Kelmtejn mir-Rettur | 4 |
| Il-Viżjoni, il-Missjoni u l-Valuri | 5 |
| Sommarju tal-Pjan Strateġiku 2020-2025 | 6 |
| Il-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku | 8 |
| Tema Strateġika 1: It-Tagħlim u l-Istruzzjoni | 12 |
| Tema Strateġika 2: Ir-Riċerka u t-Trasferiment tal-Għarfien | 19 |
| Tema Strateġika 3: Il-Fatturi Soċjali u l-Impatt Tagħhom | 25 |
| Tema Strateġika 4: L-Impatt fuq l-Intrapriża u l-Industrija | 30 |
| Tema Strateġika 5: L-Impatt Nazzjonali | 37 |
| Tema Strateġika 6: Il-Viżjoni Internazzjonali | 42 |
| Tema Strateġika 7: Is-Sostenibbiltà | 48 |
| Is-Servizzi u s-Sapport Amministrattiv | 54 |
| Niżviluppaw il-MATSEC u l-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela | 72 |
| Noħolqu Kultura ta' Kwalità | 73 |
| Nimplimentaw il-Pjan Strateġiku | 74 |
| Appendiċi I: Linji Gwida għall-Edukazzjoni Ogħla | 75 |
| Appendiċi II: L-Istruttura tal-Università | 78 |
| Appendiċi III: Kumitati u Gruppi Konsultattivi | 82 |

## Tabelli

| | |
|---|---|
| Tabella 1: Sommarju tat-Temi Strateġiċi | 6 |
| Tabella 2: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar it-Tagħlim u l-Istruzzjoni | 17 |
| Tabella 3: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar ir-Riċerka u t-Trasferiment tal-Għarfien | 23 |
| Tabella 4: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar il-Fatturi Soċjali u l-Impatt Tagħhom | 28 |
| Tabella 5: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar l-Impatt fuq l-Intrapriża u l-Industrija | 35 |
| Tabella 6: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar l-Impatt Nazzjonali | 39 |
| Tabella 7: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar il-Viżjoni Internazzjonali | 47 |
| Tabella 8: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar is-Sostenibbiltà | 52 |
| Tabella 9: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar is-Servizzi u s-Sapport Amministrattiv | 70 |

# Kelmtejn mir-Rettur

Matul is-sena akkademika 2018/19, bejn Settembru 2018 u Mejju 2019, stedinna lill-membri kollha tal-komunità tal-Università ta' Malta biex jipparteċipaw bis-sħiħ fil-Proċess tal-Pjan Strateġiku, bħala parti mill-isforz kontinwu tagħna għall-iżvilupp. L-Università kienet lesta tisma' bi ħġarha opinjonijiet differenti biex tiżgura li l-Pjan Strateġiku aġġornat ikun jistagħna bil-fehmiet tal-membri tal-komunità kollha tal-Università.

L-iżvilupp tal-Pjan Strateġiku attwali jirrifletti l-evoluzzjoni tal-edukazzjoni ogħla, l-ekonomija, l-industrija u s-soċjetà. Kull pjan jisħaq fuq il-konsistenza fil-missjoni, il-viżjoni u l-valuri tagħna, minkejja li kull pjan ġdid ivarja xi ftit mill-pjanijiet preċedenti. Dan il-pjan jiffoka aktar fuq dawk l-aspetti li huma fil-qalba tal-ħidma tagħna, jiġifieri, l-esperjenza tal-istudenti, il-ħtiġijiet u l-kontributi tal-komunità akkademika, u l-impatt tagħna fuq is-soċjetà.

Huwa importanti għall-Università li timpenja ruħha fl-ippjanar strateġiku, b'mod speċjali f'dan iż-żmien meta l-bidla ekonomika mgħaġġla, il-forzi kompetittivi, il-bidliet fid-domanda pubblika u l-avvanzi fit-teknoloġija qed joffru sfidi f'kull aspett tal-edukazzjoni ogħla.

Inħeġġu lill-istudenti, l-istaff u l-alumni biex jappoġġjaw dan il-Pjan Strateġiku li għandu jservi ta' mudell għall-komunità pedagoġika li rridu nrawmu u għall-impatt li nixtiequ li jkollna fuq in-nazzjon u s-soċjetà tagħna. Aħna impenjati biex il-Pjan Strateġiku jevolvi fi pjan ta' azzjoni.

Għal dan il-għan, ir-Rettorat, is-Senat u l-Kunsill jimmiraw li jkollhom aġenda fattibbli b'seba' temi strateġiċi ewlenin ta' prijorità: it-tagħlim u l-istruzzjoni, ir-riċerka u t-trasferiment tal-għarfien, l-impatt u l-fatturi soċjali, l-impatt fuq l-intrapriża u l-industrija, l-impatt nazzjonali, il-viżjoni internazzjonali u s-sostenibbiltà. Dawn l-oqsma ta' prijorità se jservu ta' gwida għall-istaff akkademiku, amministrattiv, tekniku u industrijali biex jorbtu l-ħidma tagħhom ta' kuljum mat-teħid tad-deċiżjonijiet u mat-tqassim tar-riżorsi.

L-Università qed tavvanza u tirnexxi u għalhekk se nimpenjaw lill-komunità tal-kampus biex tirfina dawn il-prijoritajiet u tintroduċi komponenti importanti oħra ta' dan il-Pjan Strateġiku.

Dan il-Pjan Strateġiku, bla dubju, huwa biss il-bidu. Bħala membri tal-komunità universitarja, għandna nagħmlu ħilitna biex intejbu fejn meħtieġ u nimplimentaw inizjattivi ġodda, nerfgħu r-responsabbiltà tal-parti rispettiva tagħna fil-pjan, u nimpenjaw ruħna għall-iżvilupp tal-istituzzjoni kollha. Jeħtieġ inpoġġu l-kisba u l-avvanz kontinwu bħala partijiet integrali tal-ħidma tagħna ta' kuljum ħalli lkoll nilħqu l-miri li ressquna flimkien fl-Università ta' Malta.

**Prof Alfred J Vella**
*Ir-Rettur tal-Università ta' Malta*

# Il-Viżjoni, il-Missjoni u l-Valuri

L-Università impenjata biex taqdi b'mod sostenibbli lill-istudenti, lill-akkademja u lis-soċjetà. Il-viżjoni, il-missjoni u l-valuri tal-Università ta' Malta ġejjin mix-xewqa tal-komunità li timxi 'l quddiem u tħaddan sfidi ġodda.

Il-viżjoni tal-Università ta' Malta hija li tikseb postha fost l-istituzzjonijiet ewlenin li jmexxu l-edukazzjoni ogħla, li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-reġjun tagħna, ta' pajjiżna u tas-soċjetà, b'mod ġenerali. Se nkomplu naħdmu fuq it-tradizzjoni tagħna li niżviluppaw l-għarfien meħtieġ biex Malta tkun tista' tikber f'nazzjon-gżira żgħir u bħala stat membru ta' komunità internazzjonali usa'.

Il-missjoni tagħna hija li naqdu l-aspirazzjonijiet tal-poplu ta' dawn il-gżejjer billi noffru edukazzjoni ogħla ta' kwalità fl-arti, ix-xjenza, ix-xjenzi soċjali, l-istudji umanistiċi u f'oqsma oħra ta' għarfien meħtieġa għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali ta' Malta permezz ta' studji akkademiċi b'mistoqsijiet kritiċi, skoperti, riċerka u servizzi għall-komunità. L-Università se twettaq dawn il-funzjonijiet b'mod sostenibbli għall-bżonnijiet attwali u tal-ġejjieni ta' pajjiżna.

Bħala membri taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla u firmatarji tal-Magna Charta Universitatum, l-Università ta' Malta hija impenjata lejn il-valuri tal-libertà akkademika, l-awtonomija istituzzjonali, it-tmexxija tajba, il-kontabbiltà, l-ugwaljanza u r-responsabbiltà soċjali.



# Sommarju tal-Pjan Strateġiku 2020–2025

**Tabella 1: Sommarju tat-Temi Strateġiċi**

| | |
|---|---|
| **1. It-Tagħlim u l-Istruzzjoni** | • Intejbu s-sapport akkademiku u pastorali għall-istudenti<br>• Noħolqu mudelli dinamiċi li jipprovdu t-tagħlim b'mod sħiħ<br>• Niżviluppaw ambjenti fiżiċi li jwasslu għat-tagħlim<br>• Nespandu t-tagħlim elettroniku ta' livell għoli<br>• Nipparteċipaw f'tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol li jżid il-valur tal-esperjenza tat-tagħlim<br>• Inżommu r-relevanza tal-programmi ta' struzzjoni<br>• Infasslu assessjar kontinwu, formattiv u sommattiv li jkun validu, b'saħħtu u trasparenti<br>• Niżviluppaw u nimmodernizzaw il-programmi tad-dottorat<br>• Inwasslu programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu |
| **2. Ir-Riċerka u t-Trasferiment tal-Għarfien** | • Nippromwovu r-riċerka ta' klassi dinjija b'sinifikat lokali, reġjonali u globali<br>• Inwettqu r-riċerka u t-trasferiment tal-għarfien li jsostni l-klassifiki<br>• Nassiguraw fondi sostenibbli għar-Riċerka u l-Iżvilupp<br>• Inwessgħu r-riċerka korporattiva u t-trasferiment tal-għarfien<br>• Intejbu l-komunikazzjoni u t-tixrid tar-riżultati tar-riċerka<br>• Inwettqu riċerka responsabbli li tiżgura l-integrità u l-etika<br>• Infasslu strateġija għar-riżorsi umani li ssostni lir-riċerkaturi<br>• Napplikaw il-kunċett ta' gruppi li jwassal għal riċerka ffinanzjata kif jixraq u sostenibbli |
| **3. L-Impatt u l-Fatturi Soċjali** | • Nassistu lill-istudenti u lill-membri tal-istaff b'diżabilità<br>• Ngħinu lill-istudenti li mhumiex rappreżentati u lill-istudenti l-ġodda<br>• Nimpenjaw ruħna favur id-drittijiet tal-ġeneru u tal-persuni LGBTIQ u ntejbuhom<br>• Niżguraw l-aċċess u l-inklużjoni ta' kulturi varji<br>• Inżidu l-promozzjoni tas-saħħa u s-servizzi tal-benesseri<br>• Ninvolvu l-komunità tal-kampus<br>• Nippromwovu l-komunikazzjoni mal-pubbliku |
| **4. L-Impatt fuq l-Intrapriża u l-Industrija** | • Ninvolvu l-industrija fl-iżvilupp tal-kurrikulu<br>• Nintegraw l-għarfien tal-industrija fl-esperjenza tat-tagħlim<br>• Intejbu t-tagħlim permezz ta' proġetti ta' intrapriża<br>• Nippromwovu l-ħiliet interpersonali u kollaborattivi<br>• Inħejju lill-istudenti għad-dinja tax-xogħol u għal impjieg għal rashom<br>• Inwessgħu l-edukazzjoni eżekuttiva<br>• Nipprovdu l-għarfien espert lill-industrija<br>• Noħolqu konferenzi akkademiċi għall-intrapriża u l-industrija |

| | |
|---|---|
| **5. L-Impatt Nazzjonali** | • Nippromwovu l-istudji u r-riċerka li jiffokaw fuq il-wirt kulturali<br>• Inrawmu kuxjenza u apprezzament għall-karatteristiċi Maltin<br>• Inħarsu l-ilsien Malti u nibżgħu għalih filwaqt li nibqgħu ngħożżu l-lingwa Ingliża<br>• Naħsbu għal kapital uman lokali, biżżejjed u xieraq, li jkun mogħni bil-kreattività u l-kultura, u li lest jaqdi l-ekonomija li qiegħda tevolvi<br>• Inwasslu edukazzjoni ta' kwalità għolja li tkun kapaċi tbiddel lill-istudenti f'ċittadini mill-aktar kompetenti u effettivi<br>• Nippriservaw il-post tal-Università bħala istituzzjoni edukattiva ogħla ewlenija f'Malta u bħala ċentru akkademiku uniku fil-Mediterran<br>• Inżommu u ntejbu l-pożizzjoni tal-Università fost l-aqwa 4% tal-universitajiet tal-ogħla livell fid-dinja |
| **6. Il-Viżjoni Internazzjonali** | • Insaħħu u nżidu r-relazzjonijiet internazzjonali tal-istudenti fil-kuntest lokali ta' Malta li qed tipprova żżid il-każmopolitaniżmu<br>• Insaħħu u nżidu r-relazzjonijiet internazzjonali tal-istaff<br>• Nieħdu ħsieb u nxerrdu l-fama tajba li għandha l-Università<br>• Nattiraw studenti internazzjonali u postgradwatorji<br>• Inwessgħu l-koperazzjoni ġusta u rikka tal-Università mad-dinja |
| **7. Is-Sostenibbiltà** | • Niżviluppaw art u bini sostenibbli<br>• Innaqqsu, nerġgħu nużaw u nirriċiklaw l-iskart<br>• Nestendu l-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija<br>• Nibżgħu għall-ilma u nnaqqsu l-ħela<br>• Inħeġġu miżuri ta' trasport sostenibbli<br>• Noffru taħriġ u riċerka dwar is-sostenibbiltà<br>• Nippromwovu l-prassi ta' ħajja b'saħħitha fuq il-kampus |
| **8. Is-Servizz u s-Sapport Amministrattiv** | • Noħolqu ekosistema ta' infrastruttura u appoġġ<br>• Namministraw u niżviluppaw proċessi mmirati għall-istudenti<br>• Inwessgħu l-infrastruttura għall-benesseri tal-istudenti<br>• Intejbu r-riżorsi tal-librerija<br>• Niksbu livell ta' eċċellenza fis-servizzi bbażati fuq it-teknoloġija<br>• Ninvestu fin-nies u nsaħħu l-ħaddiema tagħna<br>• Niżviluppaw komunikazzjoni interna u esterna<br>• Inwasslu infrastruttura fiżika<br>• Insaħħu l-qafas finanzjarju |

# Il-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku

## Ninvolvu l-Partijiet Interessati tal-Università fit-Tfassil tal-Istrateġija

L-Università ta' Malta nediet il-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku biex taġġorna l-viżjoni u l-missjoni tagħha għas-snin li ġejjin. Il-Pjan Strateġiku jippreżenta sett ta' miri ġenerali u strateġija biex nilħquhom. Iservi wkoll ta' gwida għal proċess ta' ppjanar strateġiku li, fil-futur, jista' jerġa' jintuża u jittejjeb. B'hekk titrawwem kultura ta' kontinwità u jinħoloq legat ta' ħsieb strateġiku.

L-għanijiet tal-Università huma li ssostni u tiżviluppa l-pożizzjoni tagħha bħala provditur tal-edukazzjoni ta' klassi dinjija li għandha wkoll irwol nazzjonali b'saħħtu. Il-miri jservu ta' linji gwida għat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' kuljum u għall-attività operattiva għax jistabilixxu direzzjoni ċara għall-organizzazzjoni u jgħinuha tiddefinixxi l-prijoritajiet tagħha. Se jkun kruċjali li fl-istadju tal-implimentazzjoni titrawwem kultura ta' żvilupp kontinwu.

Il-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku kien sforz mifrux li involva l-ilħna kollha tal-membri tal-komunità universitarja u ssintetizza b'mod metikoluż il-varjetà wiesgħa ta' kontributi, li kollha kienu mmirati għall-bini ta' istituzzjoni dinamika u kontemporanja. Il-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku dam sena akkademika, minn Settembru 2018 sa Lulju 2019, u f'dan iż-żmien l-Università ħadet sehem f'sett komprensiv ta' attivitajiet li għenuha tiżviluppa l-ħsieb, l-għarfien u l-viżjoni tagħha.

Il-proċess tal-ippjanar għadda minn tliet fażijiet. Fl-ewwel fażi, l-Università ffukat fuq l-involviment tal-partijiet interessati interni. L-istudenti, l-akkademiċi u l-amministraturi kkontribwew għall-kontenut tal-pjan f'laqgħat, gruppi ta' ħidma, kumitati u f'eżerċizzji ta' stħarriġ. Il-kontribut siewi tagħhom kien strumentali għall-pjan. It-tieni fażi kienet tinvolvi partijiet interessati esterni li għenu fit-tiswir ta' direzzjoni strateġika għall-Università biex ikollha impatt effettiv fuq is-soċjetà, l-industrija u n-nazzjon. It-tielet fażi ġabret il-fehmiet tal-partijiet interessati kollha fuq il-prinċipji li ġew ippreżentati fl-ewwel abbozz. Il-verżjoni finali tal-Pjan Strateġiku hija r-riżultat ta' reviżjoni li saret mis-Senat u l-Kunsill. L-attivitajiet tal-iżvilupp strateġiku kienu jikkonsistu minn:

- l-ospitar ta' seba' konferenzi f'għamla ta' Laqgħat ta' Żvilupp Strateġiku għall-komunità universitarja u għall-partijiet kollha interessati;
- l-organizzazzjoni ta' 49 grupp ta' ħidma li ffukaw fuq tmien setturi ta' partijiet interessati li jirrappreżentaw lill-istudenti, l-akkademiċi, l-istaff industrijali u tekniku, l-intrapriżi, is-soċjetà ċivili, il-gvern u l-provdituri tal-edukazzjoni ta' qabel il-livell universitarju;
- l-involviment ta' 14-il fakultà, 150 dipartiment akkademiku, akkademji, ċentri, kulleġġi, istituzzjonijiet u skejjel, u 12-il direttorat amministrattiv fi ħdan l-istruttura tal-Università;
- l-inkoraġġiment tal-komunità universitarja magħmula minn 15,870 persuna, li jinkludi 11,650 student u 4,220 membru tal-istaff li jaħdmu fuq bażi full-time jew part-time, sabiex jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-pjan permezz ta' attivitajiet għall-ġbir tal-Fehmiet tal-Partijiet Interessati. Dawn involvew seminars, laqgħat u eżerċizzji ta' stħarriġ, li lkoll offrewlhom l-opportunità li jaqsmu l-viżjoni u l-ambizzjonijiet tagħhom għall-Università;
- it-twassil ta' preżentazzjonijiet lil gruppi ta' partijiet interessati u persuni oħra biex jiksbu aktar għarfien u jħaddnu perspettivi differenti;
- il-ħolqien ta' ambjent kostruttiv u pożittiv għar-rispons u dibattiti għall-partijiet interessati kollha.

Is-sisien tal-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku tqiegħdu permezz ta' komponenti ewlenin, fosthom il-kumitat ta' tmexxija, eżerċizzju ta' referenzar strateġiku li identifika t-temi strateġiċi u l-gruppi ta' partijiet interessati ewlenin, il-laqgħat tal-partijiet interessati li matulhom ġew organizzati gruppi ta' ħidma, l-istħarriġ strateġiku, ir-rispons tal-partijiet interessati u l-konsultazzjoni pubblika, u r-reviżjoni tas-Senat u l-Kunsill Universitarju. It-taqsimiet li ġejjin se jesploraw fil-qosor l-irwol ta' kull komponent ewlieni.

### Il-Kumitat ta' Tmexxija

Il-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku ġie amministrat minn Kumitat ta' Tmexxija li opera bħala sottokumitat konġunt tas-Senat u l-Kunsill. Il-Kumitat kien jikkonsisti minn rappreżentanti tal-istudenti, ir-Rettur u l-Proretturi, rappreżentanti akkademiċi mis-Senat u l-Kunsill, ir-Reġistratur bħala Segretarju tas-Senat, u s-Segretarju tal-Kunsill. Il-Kumitat ipprovda direzzjoni għal dawk l-inizjattivi u l-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp tal-pjan, u serva wkoll ta' pjattaforma inklużiva għad-diskussjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet.

### L-Eżerċizzju ta' Referenzar (Benchmarking)

It-temi strateġiċi ewlenin inħolqu minn eżerċizzju komprensiv ta' referenzar li inkluda reviżjoni profonda ta' numru sostanzjali ta' linji gwida u l-aqwa prattiċi, kif indikat f'Appendiċi I, u dawn huma:

- Il-pjanijiet strateġiċi tal-universitajiet ewlenin
- Il-linji gwida nazzjonali għall-edukazzjoni ogħla
- Il-linji gwida internazzjonali għall-edukazzjoni ogħla
- Il-mudelli ta' kwalità mfassla mil-leġiżlazzjoni lokali
- Il-mudelli ta' kwalità mfassla mill-organizzazzjonijiet internazzjonali
- Il-kejl statistiku tal-klassifiki internazzjonali
- In-networks tal-edukazzjoni ogħla

### L-Istrateġiji Ewlenin u l-Istrateġiji biex Nilħqu l-Għanijiet

L-iżvilupp tal-viżjoni strateġika qies l-interazzjoni ta' bejn l-Istrateġiji Ewlenin u l-Istrateġiji biex Nilħqu l-Għanijiet, li huma b'saħħithom fl-istituzzjonijiet globali tal-edukazzjoni ogħla. L-istrateġiji ewlenin tagħna jindirizzaw l-għanijiet edukattivi u jipprovdu l-punt tat-tluq għall-iżvilupp u l-evoluzzjoni tal-viżjoni u l-missjoni tal-Università ta' Malta. It-temi li ġejjin kienu adottati bħala l-istrateġiji ewlenin, imma nħolqu sottogruppi oħra li huma soġġetti li jiġu rfinuti:

1. It-Tagħlim u l-Istruzzjoni
2. It-Trasferiment tar-Riċerka u l-Għarfien
3. L-Impatt u l-Fatturi Soċjali
4. L-Impatt fuq l-Intrapriża u l-Industrija
5. L-Impatt Nazzjonali
6. Il-Viżjoni Internazzjonali
7. Is-Sostenibbiltà



L-istrateġiji ewlenin huma segwiti mill-qrib mill-istrateġiji biex nilħqu l-għanijiet għax dawn jiffukaw fuq is-sapport amministrattiv meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet edukattivi. L-oqsma ewlenin tas-sapport amministrattiv ġew irrappreżentati mid-direttorati amministrattivi.

**Il-Gruppi tal-Partijiet Interessati**

Il-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku involva l-gruppi tal-partijiet interessati ewlenin tal-Università, u dawn kienu:

- L-Istudenti
- L-Istaff Akkademiku
- L-Istaff Amministrattiv, Tekniku u Industrijali
- Il-Gvern
- Is-Soċjetà Ċivili
- Il-Kummerċ, l-Industrija u l-Intrapriża
- Il-Provdituri tal-Edukazzjoni ta' Qabel il-Livell Universitarju

**Il-Laqgħat ta' Żvilupp Strateġiku**

Ġew mistiedna membri minn kull grupp tal-partijiet kollha interessati bħala delegati fi ħdan numru ta' fora u sessjonijiet ta' ħidma. Il-partijiet interessati kollha ħadu sehem fi pjattaformi kollaborattivi li matulhom taw il-fehmiet importanti tagħhom għall-iżvilupp ta' università dinamika u kontemporanja. Kull laqgħa tmexxiet f'sessjoni ta' ġurnata, u ffukat fuq seba' Gruppi ta' Ħidma tal-Istrateġija li rrappreżentaw l-Istrateġiji Ewlenin. Għal kull grupp ta' ħidma ġie assenjat numru ta' kopresidenti u relaturi, u dawn kienu jiffurmaw ukoll parti mill-Gruppi Konsultattivi Strateġiċi li ħadu sehem fl-iżvilupp ta' kull tema tal-istrateġija tal-Università.

**L-Istħarriġ tal-Istrateġija**

Fl-ewwel xhur tal-2019, l-Università għamlet stħarriġ ma' aktar minn 15,750 membru u partijiet interessati esterni tagħha biex tikseb il-fehmiet tagħhom fuq il-Proċess tal-Ippjanar Strateġiku. It-temi tal-istħarriġ jirriflettu l-istrateġiji ewlenin: it-tagħlim u l-istruzzjoni, ir-riċerka u t-trasferiment tal-għarfien, il-fatturi soċjali u l-impatt tagħhom, l-impatt fuq l-Intrapriża u l-industrija, l-impatt nazzjonali, il-viżjoni internazzjonali, is-sostenibbiltà, u s-sapport amministrattiv.

**Il-Gruppi Konsultattivi Strateġiċi**

L-irwoli tal-Gruppi Konsultattivi Strateġiċi kienu li jiddokumentaw il-punti li tqajmu mill-Gruppi ta' Ħidma tal-Istrateġija rispettiva, li jiġbru l-abbozzi tal-pjan fuq it-tema rispettiva, u li jagħtu l-pariri tagħhom lis-Senat u lill-Kunsill fuq it-temi strateġiċi. Il-Gruppi Konsultattivi Strateġiċi kienu jinkludu membri tas-Senat, deputat dekani, membri mis-sottokumitati tas-Senat u l-Kunsill, diretturi u deputati amministrattivi, rappreżentanti tal-istudenti fis-Senat u l-Kunsill, konsulenti interni, partijiet interessati esterni, u membri tal-Kumitat Intern tat-Tmexxija.

**Il-Fehmiet tal-Partijiet Interessati u l-Konsultazzjoni Pubblika**

L-abbozz finali tal-Pjan Strateġiku kien disponibbli għall-komunità sħiħa tal-Università magħmula mill-istudenti, l-istaff, u l-partijiet interessati esterni mis-soċjetà ċivili, il-gvern, l-industrija u l-provdituri tal-edukazzjoni ta' qabel l-università. Il-fehmiet espressi fil-proċess konsultattiv għenuna nirfinaw il-verżjoni tal-pjan li ġie ppreżentat lis-Senat u lill-Kunsill.

**Ir-Reviżjoni tas-Senat u l-Kunsill**

Biex ikun formalizzat il-Pjan Strateġiku tal-Università ta' Malta saret reviżjoni mis-Senat u l-Kunsill. Is-Senat huwa responsabbli mill-kwistjonijiet akkademiċi li jirregolaw l-istudji, ir-riċerka, id-dokumentazzjoni, ir-rekwiżiti tad-dħul fl-Università u l-eżamijiet. Il-Kunsill huwa responsabbli mill-governanza u t-tqassim tar-riżorsi, li jinkludu l-finanzi, ir-riżorsi umani, il-proġetti kapitali, it-teknoloġija tal-informazzjoni, il-propjetà, is-servizzi legali, u l-investimenti fis-servizzi tal-librerija u fis-sapport għar-riċerka.

# Tema Strateġika 1: It-Tagħlim u l-Istruzzjoni

## Niżviluppaw l-Istudenti, l-Akkademja u s-Soċjetà

L-Università ta' Malta trawwem l-integrazzjoni tal-istudji ogħla mar-riċerka. L-Istituzzjoni hija sensittiva għall-ħtiġijiet tal-komunità inġenerali u tqis lilha nnifisha bħala l-qalba ewlenija tat-tagħlim għas-soċjetà Maltija. Żewġ irwoli prinċipali tal-Università huma li trawwem ċittadini bl-għarfien, bl-ogħla ħiliet, responsabbiltà u integrità, kif ukoll li tħeġġeġ ir-riżultat konsistenti għal riċerka relevanti ta' kwalità għolja.

### Insaħħu s-Sapport Akkademiku

Aħna naħdmu qatigħ biex inwasslu korsijiet ta' studju li huma relevanti, li jirriflettu l-ambjent soċjali tal-Università, u li jindirizzaw minnufih iċ-ċirkustanzi li jibqgħu jinbidlu. Aħna sensittivi ħafna għall-ħtiġijiet tal-istudenti potenzjali u attwali li ġejjin minn sfondi mhux tradizzjonali u ta' dawk li huma diġà impjegati. Il-persuni maturi qegħdin jibdlu l-profil demografiku tal-korp studentesk. Dan it-tibdil aħna nilqgħuh. L-istudenti maturi għandna nagħtuhom iżjed għajnuna u flessibbiltà, billi nikkunsidraw l-għarfien li jkunu akkwistaw permezz tal-esperjenza li jkunu kisbu qabel fit-tagħlim u fix-xogħol.

Is-sapport akkademiku proattiv huwa meħtieġ għall-istudenti kollha biex jirnexxu fl-istudji tagħhom, speċjalment fil-każ ta' dawk vulnerabbli jew li ġejjin minn sfondi b'rati baxxi ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni ogħla. Iż-żieda progressiva tal-istudenti internazzjonali hija xejra li nilqgħu u li tagħni d-diversità kulturali u l-viżjoni kożmopolitana tal-Università.

### Noħolqu Esperjenza ta' Tagħlim b'Mod Sħiħ

Il-programmi ta' studju tal-Università jitfasslu biex ikunu mudelli dinamiċi għat-tagħlim u l-istruzzjoni, b'tali mod li jinvolvu u jispiraw lill-istudenti biex matul ħajjithom jibqgħu jistaqsu, jitgħallmu u jaħsbu b'mod flessibbli. Aħna nistinkaw għall-eċċellenza fl-istruzzjoni bis-saħħa ta' reviżjonijiet minn kollegi akkademiċi interni u esterni, u permezz ta' spazji komdi għat-tagħlim, mgħammra bl-aħħar riżorsi didattiċi ta' kwalità għolja.

Billi l-mod kif jitwassal it-tagħlim irid ikun versatili u flessibbli, inħeġġu li tintuża varjetà ta' modalitajiet immirati lejn spettru wiesa' ta' ħtiġijiet u attivitajiet, li tinkludi s-servizzi ta' disseminazzjoni offruti mill-Università. Se nagħmlu ħilitna biex ninkludu sessjonijiet u diskussjonijiet interattivi, bl-istudenti fil-mira, permezz ta' sistemi msejsa fuq lezzjonijiet ippjanati kif jixraq u abbinati ma' tuturi li jħeġġu l-parteċipazzjoni individwali, l-inklużjoni u d-djalogu. It-tagħlim universitarju hu magħġun b'riċerka li tirrifletti l-avvanzi li jsiru f'diversi dixxiplini u jitwassal minn akkademiċi b'għarfien espert li jippruvawh fir-riċerka tagħhom.

Minbarra t-tagħlim ta' dixxiplina speċifika, se nsaħħu u nappoġġjaw il-kisba ta' ħiliet differenti flimkien, bħall-ħsieb kritiku, id-dibattitu informattiv, il-komunikazzjoni u d-diskors pubbliku, kif ukoll il-ħiliet soċjali tal-individwu. Dawn jgħinu lill-istudenti jsibu impjieg f'livell xieraq li jissodisfahom, wara li jkunu temmew l-edukazzjoni ogħla formali.

Il-ħoloq ta' bejn l-edukazzjoni ogħla u s-suq tax-xogħol jeħtieġ li jkunu t-tnejn effettivi u effiċjenti sabiex ilaħħqu mal-ħtieġa li qiegħda dejjem tiżdied, fil-livelli kollha, ta' speċjalisti b'edukazzjoni ogħla. Għal dan il-għan, se nimmiraw biex niffaċilitaw it-tagħlim b'mod flessibbli billi nżommu f'moħħna l-bżonnijiet attwali u tal-ġejjieni tal-istudenti.

**Niżviluppaw l-Ambjent Fiżiku tat-Tagħlim**

Minħabba x-xenarju dinamiku u virtwali wiesa' tal-informazzjoni, il-librerija hija riżorsa ewlenija li kontinwament tibdel l-irwol u r-responsabbiltajiet tagħha biex tiżgura li tkun qed tipprovdi l-materjal tagħha għall-bżonnijiet li dejjem jinbidlu ta' dawk li jaċċessawha u biex tilħaq l-aspettattivi tagħhom. Għalhekk, hu meħtieġ aktar investiment biex naraw li s-servizzi eċċellenti attwali tal-librerija jitwessgħu għat-trawwim ta' ambjent inklinat lejn l-innovazzjoni u l-kreattività. B'hekk, ikunu stimulati t-tagħlim u l-istruzzjoni kemm fuq livell individwali kif ukoll fuq livell kollaborattiv, u tittejjeb il-viżibbiltà tar-riċerka li ssir fl-Università stess.

**Inżidu t-Tagħlim Elettroniku ta' Livell Għoli**

Il-ħtieġa għaż-żieda ta' tagħlim u struzzjoni elettronika ta' livell għoli hija kruċjali u urġenti. Bl-għajnuna ta' prattikanti mħarrġa u infrastruttura xierqa li tiżgura implimentazzjoni effettiva, se nsaħħu l-faċilitajiet elettroniċi eżistenti. Dawn spiss ikollhom bżonn aġġornamenti li jkunu konformi mal-aħħar teknoloġiji tal-istruzzjoni u tat-tagħlim, li jinbidlu b'rata mgħaġġla, mal-ħtiġijiet tar-riċerka, u mal-prijoritajiet tal-popolazzjonijiet studenteski, kemm f'termini ta' skop u ta' metodu, kif ukoll fejn tidħol l-allokazzjoni tal-ħin.

**Ninvolvu Ruħna f'Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol**

Se nkomplu nħeġġu l-esperjenza f'xogħlijiet professjonali, b'mod partikolari apprentistati li jkunu xierqa u bbażati fuq ix-xogħol, kemm lokalment kif ukoll lil hinn minn xtutna, għax dawn jgħollu l-livell tal-esperjenza edukattiva inġenerali. Se nkomplu naraw li jkun hemm tranżizzjoni bla skossi bejn iż-żmien li wieħed iqatta' l-Università u d-dħul tiegħu f'impjieg xieraq. L-Università tħaddem programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol f'bosta oqsma, fosthom fil-mediċina, fix-xjenzi tas-saħħa u fil-farmaċewtika. Se nipprovdu sistemi ta' għajnuna għall-iżvilupp ta' taqsimiet-studju prattiċi f'suġġetti ta' oqsma oħra. Se jkun hemm ukoll konsulenti li jassistu l-programmi ta' studju b'komponenti bbażati fuq ix-xogħol li jinkludu l-assenjamenti u l-akkreditazzjoni.

**Inżommu r-Relevanza tal-Programmi ta' Struzzjoni**

L-istrutturi eżistenti għandhom iservu biex jiffaċilitaw l-aġġornament regolari tal-programmi ta' struzzjoni, b'reazzjoni għall-fehmiet tal-istudenti, il-pariri tal-esperti, ir-reviżjoni tal-programmi u l-bidliet mgħaġġla fil-kontenut u l-metodi tad-dixxiplini differenti. L-istrutturi akkademiċi u amministrattivi jeħtieġ li jissaħħu u jiġu riveduti flimkien, b'mod regolari, biex jirreaġixxu minnufih għall-ħtiġijiet diversi u kontinwi ta' bosta entitajiet tal-Università.





Il-bdil tal-irwoli tal-akkademiċi minn provdituri tal-għarfien għal gwidi esperti, konsulenti u faċilitaturi nirrikonoxxuh u nilqgħuh. Il-motivazzjoni, l-impenn għall-istruzzjoni u l-innovazzjoni għandhom jiġu rrikonoxxuti u ppremjati. Se nimmiraw għall-eċċellenza fl-istruzzjoni b'mod integrat mal-proċessi li jwasslu għal avvanzi akkademiċi, id f'id mar-riżultati tar-riċerka u t-tmexxija jew il-parteċipazzjoni fi proġetti ta' disseminazzjoni.

**Infasslu l-Assessjar Formattiv**

It-tagħlim u l-istruzzjoni huma assoċjati b'mod fundamentali mal-assessjar kontinwu, formattiv u summattiv. Kull evalwazzjoni tal-isforzi u l-ħidma tal-istudenti jeħtieġ li tkun valida, siewja u trasparenti. L-enfasi fuq l-eżamijiet formali qed tinbidel b'forom oħra ta' assessjar, li aktarx huma iżjed speċifiċi, u li jiddeterminaw il-livelli preċiżi tal-għarfien u l-kompetenzi. B'dan il-għan, l-irwoli tal-assenjamenti, l-assessjar awtentiku, il-preżentazzjonijiet u l-portfolji qegħdin jiżdiedu u huma aċċettati kemm mill-istudenti kif ukoll mill-akkademiċi.

**Inżidu l-Edukazzjoni Dottorali**

Kemm is-siwi kif ukoll l-għan tal-edukazzjoni dottorali, f'rabta bejn l-istruzzjoni u r-riċerka, żdiedu meta mqabbla mal-ħtiġijiet li dejjem jinbidlu tas-soċjetà u mal-profil demografiku tal-istudenti. It-trawwim strutturat tal-ħiliet, il-kompetenza fil-komunikazzjoni, l-istruzzjoni, u t-tmexxija issa huma parti mill-edukazzjoni dottorali u l-mandat tal-Iskola għad-Dottorat li twaqqfet dan l-aħħar, u lkoll flimkien jikkumplimentaw b'mod effettiv il-ħiliet fir-riċerka fil-livell dottorali tradizzjonali.

**Inwasslu Programmi ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu**

Se niffukaw fuq iż-żieda ta' korsijiet qosra, korsijiet part-time, korsijiet elettroniċi u programmi ta' taħriġ prattiku għall-professjonisti fi spettru wiesa' ta' oqsma. Jistgħu jitfasslu taqsimiet-studju akkademiċi flessibbli għall-ħtiġijiet tal-professjonisti f'nofs il-karriera tagħhom jew fil-bidu tagħha biex jaġġornaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom. Dan it-taħriġ għandu joħolqilhom opportunitajiet biex jiżviluppaw il-karrieri tagħhom u biex l-impjegaturi jtejbu l-abiltajiet tal-ħaddiema tagħhom. L-Università għandha l-bażi tal-għarfien biex toħloq dawn il-korsijiet speċjalizzati għall-organizzazzjonijiet professjonali u l-uffiċjali tal-gvern. Dawn il-korsijiet jistgħu jitfasslu flimkien mal-partijiet interessati biex jinħoloq ambjent dinamiku u ta' sostenn li jippromwovi kollaborazzjonijiet professjonali ta' valur.

It-taħriġ u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-istaff akkademiku huma proċessi kontinwi essenzjali fil-livelli kollha tal-vjaġġ akkademiku tagħhom. L-akkademiċi kollha, mill-iċken karigi sal-ogħla professuri u superviżuri tat-teżijiet, jibbenifikaw minn taħriġ u għajnuna xierqa. Għalhekk, se nsaħħu u nestendu l-istrutturi li hemm diġà, ngħidu aħna, l-Uffiċċju għall-Iżvilupp Akkademiku Professjonali, li jipprovdi dan it-tip ta' konsulenza. Se niżviluppaw sistemi biex nagħrfu struzzjoni ta' eċċellenza permezz ta' mekkaniżmi bħal premjijiet u rikonoxximent.

## Tabella 2: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar it-Tagħlim u l-Istruzzjoni

| L-Istrateġiji Ewlenin | L-Istrateġiji Biex Nilħqu l-Għanijiet |
|---|---|
| • **Intejbu s-sapport akkademiku u pastorali għall-istudenti** | • Inħarrġu lil-letturi u l-istaff ta' għajnuna biex jidentifikaw l-oqsma li jeħtieġu l-għajnuna fil-konsulenza u fil-gwida tal-istudenti<br>• Noħolqu mezzi aċċessibbli biex l-istudenti jfittxu u jsibu l-għajnuna<br>• Intejbu s-sapport akkademiku b'mod partikolari għal dawk l-istudenti li ġejjin minn sfondi żvantaġġjati |
| • **Noħolqu mudelli dinamiċi li jipprovdu t-tagħlim b'mod sħiħ** | • Nippromwovu l-istruzzjoni aġġornata b'riċerka li tirrifletti l-avvanzi f'dixxiplini varji<br>• Nestendu t-taħriġ fit-tagħlim immirat għall-istudenti<br>• Ninkludu taħlita ta' ħiliet, bħall-ħsieb kritiku, id-dibattitu infurmat, il-komunikazzjoni u d-diskors pubbliku fil-programmi tat-tagħlim<br>• Naraw li fil-kurrikuli ninkludu studji mhux obbligatorji f'oqsma ta' interessi partikolari<br>• Noffru taħriġ u żvilupp professjonali kontinwu lill-istaff akkademiku kollu<br>• Nirrikonoxxu l-istruzzjoni ta' eċċellenza permezz ta' mekkaniżmi li jippremjaw lil min jistħoqqlu |
| • **Niżviluppaw l-ambjenti fiżiċi li jwasslu għat-tagħlim** | • Inżidu l-investiment fi spazji komdi u ta' livell għoli għall-istruzzjoni<br>• Noħolqu oqsma ta' studji aktar indipendenti biex inħeġġu t-tagħlim individwali u kollaborattiv |
| • **Nespandu t-tagħlim elettroniku ta' livell għoli** | • Inżidu r-riżorsi u t-taħriġ għall-provvista tat-tagħlim elettroniku<br>• Niżviluppaw abbiltajiet teknoloġiċi għall-assessjar elettroniku<br>• Nistabbilixxu politika fit-tul u linji gwida għat-tagħlim elettroniku b'għanijiet, għarfien, ħiliet, infrastruttura u servizzi ta' sapport amministrattiv |
| • **Nipparteċipaw f'tagħlim imfassal fuq ix-xogħol li jżid il-valur tal-esperjenza tat-tagħlim** | • Inħeġġu kurrikuli ta' tagħlim li fihom jintegraw il-prattika tax-xogħol<br>• Nipprovdu linji gwida għall-iżvilupp ta' taqsimiet-studju bbażati fuq ix-xogħol, ir-riżultati tat-tagħlim u l-assessjar<br>• Nipprovdu taħriġ għall-istaff akkademiku u l-konsulenti li jipparteċipaw f'tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol<br>• Noħolqu infrastruttura amministrattiva li ssostni t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol<br>• Inħarsu l-linji gwida u r-regolamenti tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol |
| • **Inżommu r-relevanza tal-programmi ta' struzzjoni** | • Nirrevedu u naġġornaw ta' spiss il-programmi tal-istruzzjoni biex inwieġbu għax-xewqat tal-istudenti, il-pariri tal-esperti, fid-dawl tal-bidliet li għaddejjin minnhom id-dixxiplini<br>• Intejbu s-sistemi formali tal-ġbir tal-fehmiet u nħeġġu l-użu ta' sistemi oħra informali bejn l-istudenti u l-akkademiċi |
| • **Infasslu assessjar kontinwu** | • Infasslu assessjar kontinwu, formattiv u summattiv li huwa validu, affidabbli u trasparenti permezz ta' linji gwida fuq l-aqwa prassi ta' tfassil tal-assessjar<br>• Nipprovdu taħriġ fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-assessjar |
| • **Inżidu l-programmi tad-dottorat** | • Nidentifikaw oqsma ta' riċerka li għandhom impatt fuq is-soċjetà, l-industrija u n-nazzjon<br>• Nipprovdu għajnuna kontinwa lir-riċerkaturi tad-dottorat<br>• Nipprovdu linji gwida u taħriġ għas-superviżjoni fil-livell tad-dottorat |
| • **Inwasslu programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu** | • Inżidu l-korsijiet qosra, part-time u elettroniċi<br>• Infasslu l-korsijiet flimkien mal-partijiet interessati esterni<br>• Insaħħu l-Uffiċċju għall-Iżvilupp Akkademiku u Professjonali, biex insostnu l-eċċellenza fl-istruzzjoni permezz ta' taħriġ, għoti tal-premjijiet u rikonoxximenti |



# Tema Strateġika 2: Ir-Riċerka u t-Trasferiment tal-Għarfien

## Inrawmu Riċerka b'Sinifikat Lokali, Reġjonali u Globali

F'konformità mal-viżjoni u l-missjoni tagħha, l-Università ta' Malta tistinka biex tipparteċipa f'riċerka ta' klassi dinjija li jkollha sinifikat lokali, reġjonali, Ewropew u globali. Sabiex jintlaħaq dan, l-Università tagħmel ħilitha biex issaħħaħ il-kwalità tar-riżultati tar-riċerka b'akkademiċi ta' kalibru għoli u permezz ta' infrastruttura ta' riċerka distinta.

Ir-riċerkaturi fl-Università ta' Malta huma fost l-iżjed effiċjenti skont is-sistema metrika kwantifikabbli tal-UE, ngħidu aħna, fin-numru ta' pubblikazzjonijiet ta' kwalità għal kull ewro ta' riċerka investit. Filwaqt li nkomplu nirrikonoxxu r-riċerka li ssir fejn għandu x'jaqsam mal-avvanz fil-karriera u nibqgħu niffukaw fuq l-aċċess għar-riżorsi, se naraw li ninvestu fl-iżvilupp ta' riċerkaturi tal-fażi bikrija.

L-Università tagħraf l-irwol fundamentali li għandhom ir-riċerkaturi ta' livell dottorali fl-ekosistema tar-riċerka. Se nkomplu nsaħħu l-Iskola għad-Dottorat li għadha kemm fetħet billi noffru l-aqwa għajnuna lir-riċerkaturi u s-superviżuri tagħhom.

Biex nattiraw u nżommu magħna riċerkaturi dottorali u postdottorali ta' livell għoli, se nkomplu ninvestu f'infrastruttura sostenibbli li tipprovdi ambjent li jwassal għall-kreattività u l-innovazzjoni.

L-istrateġiji intelliġenti ta' speċjalizzazzjoni għandhom irwol fundamentali biex intejbu l-kompetittività Ewropea b'investiment strutturali fir-riċerka u l-innovazzjoni. Se nkomplu nipparteċipaw fl-iżvilupp tal-Istrateġija Intelliġenti ta' Speċjalizzazzjoni ta' Malta biex niżguraw li tkun konformi mal-abbiltajiet tal-ekosistema tar-riċerka tal-Università.

Biex inwieġbu aħjar għall-ħtiġijiet lokali, reġjonali, Ewropej u globali, se naħdmu biex nagħrfu x'inhuma l-oqsma ta' interess emerġenti u nirreaġixxu għalihom. Il-vantaġġ taċ-ċokon tan-nazzjon jagħtina l-possibbiltà li nkunu flessibbli u li jkollna l-ħila nidentifikaw oqsma li jistgħu jiġu adottati għall-kuntest lokali.

Se noffru lir-riċerkaturi s-sapport neċessarju biex ikunu jistgħu jaċċessaw infrastrutturi ta' riċerka ta' livell għoli u informazzjoni marbuta mar-riċerka. Se nfittxu li nkunu parti min-networks ta' riċerka globali ħalli nrawmu kollaborazzjoni internazzjonali u koperazzjoni bil-ħsieb li nżidu l-parteċipazzjoni u s-suċċess tagħna fir-riċerka li ssir bil-fondi Ewropej.

**Ir-Riċerka li Ssaħħaħ l-Ikklassifikar tal-Università**

Sabiex intejbu l-klassifikar globali tal-Università, jeħtieġ li ntejbu l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħna, li huma kruċjali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Aħna u ntejbu l-pożizzjoni tagħna fil-klassifika globali, se tibda ssirilna ħafna eħfef biex nattiraw l-aħjar talent, ħaġa li twassal għal rispons pożittiv fuq il-prestazzjoni u r-riżultati tagħna. Għalhekk, se naħdmu qatigħ biex inżidu n-numru ta':

- riċerkaturi;
- riċerkaturi dottorali u l-proporzjon bejn l-istudenti u l-istaff;
- pubblikazzjonijiet ta' reviżjonijiet minn kollegi akkademiċi f'rivisti akkademiċi internazzjonali;
- referenzi minn ktibiet ta' awturi;
- ktibiet b'indiċi organizzat skont ir-referenzi ewlenin tax-xjenzi, ix-xjenzi soċjali, l-arti u l-istudji umanisitiċi;
- l-'h-index' tal-istaff akkademiku bbażat fuq il-pubblikazzjonijiet tagħhom u r-referenzi li jsiru għalihom.

Sadattant, l-Università se tibqa' tkejjel l-attivitajiet tar-riċerka tagħha mal-aqwa esponenti biex tidentifika l-oqsma li jeħtieġu titjib li jsaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fil-klassifiki.

**Il-Fondi ta' Riċerka u s-Sostenibbiltà**

L-Università se tkompli ssus wara l-awtoritajiet lokali biex sal-2020 jilħqu l-mira ta' 2% tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) fl-investiment li għandha Malta fir-Riċerka u l-Iżvilupp. Skont l-Osservatorju Ewropew tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-2017 iċ-ċifra kienet madwar 0.54% tal-PDG. Se nkomplu nistinkaw għal żieda fil-fondi allokati għar-Riċerka u l-Iżvilupp fis-Settur tal-Edukazzjoni Ogħla. Nimmiraw li nilħqu kollaborazzjoni mal-gvern u n-negozji biex il-fondi ta' riċerka jintużaw fl-aħjar interess għal Malta u l-UE, kemm mill-perspettiva ekonomika kif ukoll mil-lat soċjali.

Se nkomplu nsaħħu d-Direttorat tas-Servizzi ta' Għajnuna fir-Riċerka (RSSD) u l-Uffiċċju tal-Għajnuna għall-Proġetti (PSO) ħalli jassistu lill-istaff biex jikkompeti għall-fondi u se naraw x'possibbiltà hemm li niftħu uffiċċju tal-UE biex intejbu l-opportunitajiet tal-fondi. Dan id-Direttorat (RSSD) se jibqa' jiffoka u jimmira għall-eċċellenza fir-riċerka għax dan huwa l-uniku mod kif niggarantixxu l-fondi għar-riċerka minn sorsi internazzjonali. Se nibqgħu nfittxu li ngħollu l-livell tal-fondi għar-riċerka lokali u l-iżvilupp billi naħtfu l-opportunitajiet ta' kofinanzjament li jeżistu fl-Ewropa.

Il-Fond għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Iżvilupp (RIDT) irnexxielu jattira fondi minn negozji u organizzazzjonijiet mhux governattivi, tant li kiseb aktar minn tliet miljun ewro minn mindu twaqqaf. L-akbar sehem ta' fondi, sal-lum il-ġurnata, ġie investit fir-riċerka medika. L-RIDT se jimplimenta strateġija li biha jiddiversifika s-sorsi tradizzjonali tiegħu u l-oqsma li fihom jistgħu jiġu investiti d-donazzjonijiet.

Konxji li l-Università jeħtieġ li ssostni u tagħmel investimenti kapitali fl-infrastruttura tar-riċerka, inkluż fil-laboratorji, b'baġit raġonevoli ta' operat, u għalhekk se naraw li niddedikaw biżżejjed fondi f'dan ir-rigward. L-Università se tagħmel l-infrastruttura tar-riċerka disponibbli għall-industrija bir-rati tas-suq ħalli tilħaq aħjar ir-rekwiżiti tal-operat.

**It-Trasferiment tal-Għarfien**

L-Uffiċċju għar-Riċerka Korporattiva u t-Trasferiment tal-Għarfien (CR&KTO) jiffoka fuq l-iskoperta, il-protezzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-propjetà intellettwali, il-kollaborazzjoni ta' bejn l-industrija u l-akkademja, u r-riċerka b'kuntratt. Din tal-aħħar hi kkordinata mill-Malta University Consulting Limited, b'mod speċjali meta r-riċerka b'kuntratt tkun multidixxiplinarja u tinvolvi l-kordinazzjoni ta' diversi taqsimiet ta' riċerka. Se nkomplu nagħmlu l-proċessi interni konformi ma' xulxin biex nagħmluha eħfef għall-partijiet interessati esterni li jingħataw kuntratti għal servizzi ta' riċerka, u b'hekk jipprovdu servizz aħjar għall-industrija.

L-Università se ssaħħaħ il-funzjonijiet tat-Trasferiment tal-Għarfien u tipprovdi fondi li: jistimulaw attivitajiet b'risq l-innovazzjoni; jidentifikaw, jipproteġu u jikkummerċjalizzaw il-propjetà intellettwali; itejbu l-kollaborazzjoni ta' bejn l-industrija u l-akkademja; u li jipprovdu prova tal-kunċett u fondi għal impriżi ġodda ħalli jiġbdu iżjed imsieħba kummerċjali. It-twaqqif tal-Malta University Investment Portfolio Limited huwa pass fid-direzzjoni t-tajba għax iħalli lill-Università tinvesti f'kumpaniji li joffru pjattaforma ġdida għan-negozju (spinouts).

Sabiex inħeġġu lill-akkademiċi jiddikjaraw u jikkummerċjalizzaw il-propjetà intellettwali, l-Università se tagħraf lil dawk l-akkademiċi li jieħdu sehem f'attivitajiet bħal dawn, pereżempju bi premjijiet annwali għall-aqwa innovatur u b'rikonoxximenti għall-avvanz tal-karriera.

**Id-Disseminazzjoni tar-Riċerka**

L-Università se tinvolvi komunikaturi edukattivi professjonali fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti, l-istudji umanistiċi u l-matematika (STEAHM) biex ixxerred ir-riċerka li ssir u r-riżultati miksuba minnha u żżid l-għarfien tal-pubbliku dwarha. Huwa essenzjali għalina li nikkomunikaw l-importanza tar-riċerka ħalli nappoġġjaw ekonomija bbażata fuq l-għarfien f'Malta. Għalhekk, se nsaħħu l-pożizzjoni tal-Università bħala pilastru proattiv fl-iżvilupp ekonomiku ta' Malta u fil-provvista tal-għarfien għall-partijiet interessati tagħha fir-riċerka, li jinkludu l-gvern, l-industrija u s-soċjetà. Kuxjenza akbar f'dan l-aspett tinkoraġġixxi iżjed studenti biex ikomplu bl-istudji postgradwatorji u r-riċerka tagħhom.

F'tentattiv biex insaħħu l-espożizzjoni pubblika fil-midja tradizzjonali, se naraw li ntejbu l-programmi tal-istazzjon tar-radju tagħna u nżidu l-parteċipazzjoni tal-akkademiċi fi programmi tar-radju u t-televiżjoni. Din il-parteċipazzjoni pubblika tal-akkademiċi tista' tintlaħaq aħjar b'inċentivi bħal premjijiet annwali għall-aqwa komunikatur u b'rikonoxximenti ta' avvanz fil-karriera.

Jistgħu jintużaw ukoll stazzjonijiet ġodda tax-xandir, ngħidu aħna, podcasts u filmati fil-YouTube, li jtejbu l-Istrateġija tal-Midja Soċjali tal-Università u jxerrdu l-isforzi tar-riċerka lil udjenza akbar. Is-servizzi mtejba tat-tixrid tal-informazzjoni għandhom iservu biex itejbu l-komunikazzjoni ta' bejn ir-riċerkaturi għal aktar riċerka inter, multi u transdixxiplinarji.

Se nagħmlu ħilitna biex nerġgħu norganizzaw rivisti ta' riċerka tematika f'sensiela universitarja, u se nqisu wkoll il-possibbiltà li nipproduċu rivista bil-Malti, li toħroġ kull tliet xhur, bi spettru wiesa' ta' suġġetti. Din tqanqal l-interazzjoni bejn l-Università u l-partijiet interessati li jkunu għaddejjin bir-riċerka. Fl-istess waqt, l-Università se tkompli tħaddan inizjattivi b'Aċċess Miftuħ għax-Xjenza u l-Informazzjoni, kif hemm diġà fir-Repożitorju Miftuħ.

**Ir-Riċerka Responsabbli, l-Integrità u l-Etika**

L-Università waqqfet Kumitat għall-Impenn fir-Riċerka biex tistudja kif l-aħjar torbot flimkien il-prinċipji tar-Riċerka Responsabbli u l-Innovazzjoni (RRI) fl-operat tagħha ta' kuljum. L-RSSD se jgħin lill-akkademiċi billi jħejji lill-RRI b'pakketti ta' ħidma fuq l-applikazzjonijiet tal-għotjiet għar-riċerka għax dawn, eventwalment, jistgħu jsiru obbligatorji fil-proċessi tal-finanzjament tal-UE.

L-Uffiċċju għall-Integrità fir-Riċerka (RIO) se jiġi stabbilit biex jiżgura li l-interazzjoni ta' bejn ir-riċerkaturi avvanzati u dawk ta' stadju bikri, li tinkludi wkoll ir-riċerkaturi fil-livell tad-dottorat u s-superviżuri tagħhom, issir b'integrità sħiħa, kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv tal-Università u fil-Manwal tal-Imġiba u l-Proċeduri għall-Istaff Akkademiku.

Se nsaħħu l-Kumitat tal-Università għall-Etika fir-Riċerka (UREC) billi nfornuh bit-Teknoloġija tal-Informazzjoni neċessarja u b'riżorsi oħra li jissimplifikaw il-funzjonijiet u l-interazzjonijiet tiegħu mar-riċerkaturi kollha.

**L-Istrateġija tar-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi**

Minbarra s-sapport ta' qabel u ta' wara r-riċerka li jingħataw mill-RSSD u l-PSO, l-Università se tkompli ttejjeb l-għajnuna li tagħti lill-akkademiċi u lir-riċerkaturi dottorali u postdottorali. Il-benefiċċji tal-Kategorija tar-Riċerkaturi (Research Stream) li ġew inklużi fl-aħħar Ftehim Kollettiv se jiġu offruti iżjed lir-riċerkaturi li jkollhom bżonn jikkonċentraw fuq il-proġetti ta' riċerka tagħhom billi 'jinħelsu' mill-obbligi tal-istruzzjoni tagħhom għal perjodu ta' żmien. Ir-riżorsi akkademiċi jistgħu jiġu estiżi lill-uffiċjali li jassistu fir-riċerka, li jinkludu wkoll ir-riċerkaturi postdottorali. L-Università tħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali biex joffru boroż ta' studju lir-riċerkaturi dottorali u jiffinanzjaw pożizzjonijiet postdottorali.

Tista' tinħoloq skema li tippermetti lir-riċerkaturi avvanzati jassistu lir-riċerkaturi żgħar. L-Università se tippromwovi t-taħriġ għar-riċerkaturi dwar it-teknoloġiji xjentifiċi li ħerġin u se tiffaċilita l-mobilità tal-istaff tar-riċerkaturi kemm lokalment kif ukoll barra l-pajjiż. L-Università se tfittex ukoll li tattira iżjed nisa biex jidħlu għar-riċerka u għal pożizzjonijiet fl-immaniġġjar tar-riċerka, u se tippromwovi opportunitajiet indaqs f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġeneru.

Se nintroduċu aktar prinċipji mill-40 wieħed stipulati fid-Dokument u l-Kodiċi tal-Istrateġija tar-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi (HRS4R), bil-ħsieb li niksbu l-Premju ta' Eċċellenza mir-Riżorsi Umani fir-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea.

**Il-Kunċett tal-Gruppi ta' Riċerka**

L-Università qed taħdem biex tintroduċi Gruppi ta' Riċerka multidixxiplinarji li jkunu jistgħu jgawdu minn fondi nazzjonali u oħrajn allokati apposta. Dawn il-gruppi jagħmlu riċerka bażika u applikata ta' relevanza nazzjonali u internazzjonali. Il-fondi jiġu pprovduti wara li jitfassal pjan tan-negozju li jispjega dak li jkun mistenni f'medda minima ta' tliet snin, ngħidu aħna n-numru ta' boroż ta' studju ffinanzjati għal riċerkaturi dottorali u postdottorali, il-pubblikazzjonijiet tar-riċerka, il-propjetà intellettwali ġġenerata, protetta u użata, u l-fondi addizzjonali esterni ġġenerati bil-kisba ta' fondi nazzjonali u tal-UE għar-riċerka. Jistgħu jiġu ffinanzjati għoxrin Grupp ta' Riċerka b'medja ta' nofs miljun ewro kull grupp kull sena. Dan jista' jwassal għal żieda ta' 200 riċerkatur dottorali u postdottorali fost id-dixxiplini kollha tar-riċerka.

## Tabella 3: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar ir-Riċerka u t-Trasferiment tal-Għarfien

| L-Istrateġiji Ewlenin | L-Istrateġiji Biex Nilħqu l-Għanijiet |
|---|---|
| • Nippromwovu r-riċerka ta' klassi dinjija b'sinifikat lokali, reġjonali u globali | • Nattiraw u nżommu magħna riċerkaturi ta' livell għoli<br>• Nippremjaw ir-riċerkaturi ta' klassi dinjija<br>• Ninvestu fl-aħjar ambjent possibbli għar-riċerkaturi<br>• Niżviluppaw il-funzjonijiet tal-Iskola għad-Dottorat<br>• Inrawmu kollaborazzjoni internazzjonali u ta' koperazzjoni<br>• Nirreaġixxu għall-ħtiġijiet lokali, reġjonali u globali u għal oqsma ġodda<br>• Insaħħu l-ispeċjalizzazzjonijiet intelliġenti u l-kompetittività Ewropea<br>• Nidentifikaw oqsma speċjalizzati li l-Università tista' tadottahom għaliha |
| • Inwettqu r-riċerka u t-trasferiment tal-għarfien li jsostnu l-post tagħna fil-klassifiki | • Inkejlu l-attivitajiet tar-riċerka mal-aqwa esponenti korrispondenti<br>• Inżidu l-pubblikazzjonijiet riveduti minn kollegi akkademiċi u r-referenzi għalihom<br>• Intejbu l-proporzjon bejn ir-riċerkaturi dottorali u l-istaff |
| • Nassiguraw fondi sostenibbli għar-Riċerka u l-Iżvilupp (RŻ) | • Nappoġġjaw żieda fil-fondi għar-riċerka f'konformità mal-mira tan-Nefqiet Grossi fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp (GERD)<br>• Intejbu l-aċċess għal infrastruttura internazzjonali tar-riċerka u l-informazzjoni<br>• Nestendu l-verifika fi tmiem il-proġett għall-użu effettiv tar-riżorsi<br>• Insaħħu u niddiversifikaw il-fondi mogħtija mill-RIDT<br>• Issaħħu l-RSSD u l-PSO ħalli nżidu l-kompetittività għall-fondi<br>• Inħaffu l-proċessi tal-akkwist u tar-reklutaġġ<br>• Nakkwistaw u naġġornaw l-infrastruttura, inkluż il-laboratorji u l-ispazji għall-uffiċċji |
| • Inwessgħu r-riċerka korporattiva u t-trasferiment tal-għarfien | • Nespandu l-potenzjal tal-Propjetà Intellettwali<br>• Insaħħu l-provvista tal-konsulenza għar-riċerka<br>• Nistabbilixxu proċeduri standard tal-operat għall-konsulenza<br>• Nirrikonoxxu l-akkademiċi involuti fil-Perjodu tal-Investigazzjoni (IP) u fit-trasferiment tal-għarfien<br>• Insaħħu s-CR&KTO<br>• Nippromwovu sħubiji tat-trasferiment tal-għarfien u l-kollaborazzjoni mal-industrija<br>• Inżidu l-kunċett tal-prova u l-fondi għal impriżi ġodda ta' riċerkaturi |
| • Intejbu l-komunikazzjoni u t-tqassim tar-riżultati tar-riċerka | • Intejbu l-istrateġiji tal-midja soċjali u tradizzjonali<br>• Nikkunsidraw li noħorġu pubblikazzjoni ġdida fuq ir-riċerka li ssir f'Malta<br>• Nagħmlu r-riċerka bħala pilastru fl-iżvilupp ekonomiku ta' Malta<br>• Inħeġġu iżjed studenti biex ikomplu bir-riċerka postgradwatorja<br>• Ninvolvu numru ta' komunikaturi għall-oqsma STEAHM<br>• Inżidu l-komunikazzjoni interna u esterna |
| • Inwettqu riċerka responsabbli li tiżgura l-integrità u l-etika | • Inwaqqfu Kumitat għall-Involviment fir-Riċerka u Uffiċċju għall-Integrità fir-Riċerka<br>• Insaħħu u nissimplifikaw il-Kumitat UREC<br>*tkompli fil-paġna li jmiss* › |

**Tabella 3: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar ir-Riċerka u t-Trasferiment tal-Għarfien (tkompli)**

| | |
|---|---|
| • **Infasslu strateġija għar-riżorsi umani li tivvalorizza u tgħin lir-riċerkaturi** | • Nintroduċu numru ta' boroż ta' studju<br>• Nadottaw il-prinċipji tad-Dokument u l-Kodiċi HRS4R<br>• Nintroduċu skema sabiex inħarrġu u niggwidaw lir-riċerkaturi li għadhom fi stadji bikrija<br>• Inħeġġu l-ksib tal-benefiċċji tal-Kategorija tar-Riċerkaturi biex inżidu l-flessibbiltà<br>• Intejbu l-istatus tar-riċerkaturi u nestendu r-riżorsi<br>• Insaħħu l-għajnuna teknika u ntejbu l-kundizzjonijiet tal-istaff ta' għajnuna<br>• Nindirizzaw il-bilanċ tal-ġeneru fir-riċerka u l-amministrazzjoni<br>• Niffaċilitaw il-mobilità tal-istaff tar-riċerka kemm lokalment kif ukoll barra l-pajjiż<br>• Nippromwovu t-taħriġ għar-riċerkaturi f'teknoloġiji xjentifiċi li ħerġin |
| • **Napplikaw il-kunċett ta' gruppi biex inħeġġu riċerka ffinanzjata kif jixraq u sostenibbli** | • Ngħollu l-livell ta' aġilità biex immorru tajjeb fir-riċerka multidixxiplinarja<br>• Nappoġġjaw l-isforzi għall-fondi minn sorsi nazzjonali u internazzjonali<br>• Niżviluppaw pjanijiet ta' negozju li jinkludu d-dettalji tar-riżultati mistennija f'diversi oqsma tar-riċerka |



# Tema Strateġika 3: Il-Fatturi Soċjali u l-Impatt Tagħhom

## Noħolqu Università Inklużiva għal Soċjetà Inklużiva

L-Università ta' Malta tħeġġeġ lis-soċjetà tkun parteċipattiva b'tali mod li l-intellettwali jkollhom irwol sinifikanti fil-ħajja soċjali, politika, ekonomika u kulturali tal-pajjiż. L-Università hija istituzzjoni inklużiva li tistinka biex tgħin lill-komunità tagħna, kemm fi ħdan l-Università stess kif ukoll fis-soċjetà inġenerali, bl-involviment tal-istudenti u l-istaff. Għandna l-għan li nqanqlu r-responsabbiltà pubblika u li attivament nispiraw il-kunċett ta' servizz pubbliku biex jiġu identifikati opportunitajiet fejn inservu ta' mudell. Filwaqt li nfittxu li ntejbu l-benesseri tal-komunità akkademika tagħna, impenjati li nsaħħu, niżviluppaw u nikkoperaw mal-intertaqsimiet tal-ġeneru, ir-razza, l-etniċità, id-diżabilità u sferi oħra tad-diversità.

### Ngħinu lill-Persuni b'Diżabilità

L-Università tiffaċilita l-aċċess u l-għajnuna biex tiżgura li l-persuni b'diżabilità jkollhom ċans tajjeb li jirnexxu fl-istudji tagħhom. Tipprovdi wkoll l-għajnuna lill-membri tal-istaff u l-viżitaturi.

Biex intejbu l-aċċessibbiltà, nagħmlu ħilitna biex:

- nagħmlu l-uffiċċji aċċessibbli u nipprovdu r-riżorsi lit-Taqsima tal-Aċċessibbiltà u l-Għajnuna għall-Persuni b'Diżabilità (ADSU);
- nipproponu inizjattivi ġodda li jgħinu lill-membri tal-istaff bi sfidi intellettwali;
- inwettqu verifiki regolari dwar l-aċċessibbiltà, nieħdu azzjoni immedjata meta meħtieġa, u nissorveljaw l-oqsma problematiċi regolarment;
- nipprovdu s-servizz ta' taxi fuq il-kampus għall-istudenti u l-istaff b'diffikultajiet ta' mobilità;
- niżviluppaw proċeduri standard tal-operat 'Xierqa għall-Prattika' li bihom nevalwaw lill-istudenti qabel ikunu aċċettati biex isegwu korsijiet universitarji speċifiċi;
- noffru l-għajnuna lill-membri tal-istaff li jkollhom kuntatt ma' studenti b'diżabilità jew b'diffikultajiet fit-tagħlim, inklużi l-istudenti bid-diżlessja jew li huma fl-ispettru tal-awtiżmu, permezz tal-Uffiċċju għall-Iżvilupp Akkademiku Professjonali (OPAD) u t-Taqsima tal-Aċċessibbiltà u l-Għajnuna għall-Persuni b'Diżabilità (ADSU);
- niżguraw li d-disinn tal-binjiet il-ġodda jqisu l-ħtiġijiet tal-istudenti li qegħdin f'dan l-ispettru;
- inżidu l-'kmamar għall-kwiet' fuq il-kampus.

### Noffru l-Għajnuna lill-Istudenti Inqas Rappreżentati u lill-Istudenti l-Ġodda

L-Università se ttejjeb is-sistemi tal-għajnuna li jsaħħu l-esperjenza tat-tagħlim u jżidu r-rati ta' studenti bi sfondi diversi u inqas rappreżentati li jtemmu b'suċċess il-korsijiet universitarji. L-istudenti minn ambjenti soċjoekonomiċi inqas privileġġati, minn minoranzi, u l-istudenti l-ġodda jsibuha aktar diffiċli biex iħossuhom parti mill-komunità tal-Università. Għalhekk, se nipprovdu infrastruttura ta' sapport biex niżviluppaw l-identità personali bħala sors ta' qawwa u biex inrawmu relazzjonijiet fost gruppi ta' studenti f'ambjenti akkademiċi u soċjali fuq il-kampus.

### Navvanzaw id-Drittijiet tal-Ġeneru

L-Università impenjata li tavvanza d-drittijiet tal-ġeneru u tal-persuni LGBTIQ. Għal dan il-għan, nipproponu li:

- inwettqu verifiki regolari dwar l-ugwaljanza tal-ġeneru;
- noffru viżibbiltà akbar lill-Kumitat għall-Kwistjonijiet tal-Ġeneru ħalli jingħata s-setgħa biex jaħdem fuq il-kwistjonijiet relatati mal-integrazzjoni tal-ġeneru fi ħdan il-kurrikulu bl-għajnuna tal-Uffiċċju OPAD;
- nippromwovu iżjed il-Politika dwar il-Fastidju Sesswali li daħlet fis-seħħ fl-Università u fil-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela biex isservi ta' mudell għal dokumenti oħra ta' politika għal setturi oħra lil hinn mill-Università;
- noħolqu diskussjoni fuq l-isfidi relatati ma' ġeneri speċifiċi fuq il-kampus, f'dak li għandu x'jaqsam mal-promozzjoni;
- nindirizzaw id-diskrepanza tal-ġeneru f'suġġetti bħall-inġinerija, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa;
- noħolqu depożitorju fil-librerija li jaħżen dokumenti storiċi relatati mal-avvanz tad-drittijiet tal-ġeneru;
- nipprovdu toilets newtrali għall-ġeneru.

### Nippromwovu d-Diversità

L-Università hija komunità multikulturali li fiha qed jiżdiedu ħafna studenti u membri tal-istaff internazzjonali b'kulturi differenti. Il-Kumitat għar-Razza u l-Affarijiet Etniċi ġie stabbilit biex irawwem kuxjenza, jiżgura l-aċċess u l-integrazzjoni, jissalvagwardja lill-istudenti u lill-membri tal-istaff u jagħti l-pariri lir-Rettorat. Se nimpenjaw ruħna biex:

- nippromwovu l-benefiċċji tad-diversità, inklużi tar-razez u tal-etniċità;
- niżguraw li jkun hemm faċilitajiet adekwati għal persuni ta' twemmin differenti;
- nippromwovu programm ta' attivitajiet maħsub biex tinħoloq kuxjenza akbar u jħeġġeġ bidla fil-mentalità;
- nappoġġjaw sistema ta' sieħba għall-istudenti u l-istaff internazzjonali.

Se nibqgħu nissorveljaw u nevalwaw l-implikazzjonijiet tal-migrazzjoni fis-settur edukattiv. Ir-Rikonoxximent tat-Tagħlim Preċedenti għandu jgħin lill-istudenti bi status ta' refuġjat, jew lil dawk li qed ifittxu kenn f'Malta, biex japplikaw u jkunu jistgħu jidħlu għall-korsijiet. Dan jikkontribwixxi għall-isforzi nazzjonali ta' integrazzjoni permezz ta' korsijiet, inizjattivi ta' kuntatt u kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra relevanti.

### Inżidu s-Servizzi tas-Saħħa u tal-Benesseri

Kampus inklużiv itejjeb il-benesseri u jakkomoda l-ħtiġijiet uniċi ta' individwi differenti. Id-dokumenti ta' politika bl-aħjar prassi għad-diversità u l-inklużjoni jagħrfu li s-saħħa mentali u l-benesseri huma kwistjonijiet ta' diversità. L-azzjonijiet proposti huma biex:

- intejbu s-servizzi ta' konsulenza u appoġġ għas-saħħa mentali, flimkien ma' programmi dwar kif għandek tgħix ħajja b'saħħitha mnedija miċ-Ċentru għas-Saħħa u l-Benesseri;
- insiru Università li tippromwovi s-saħħa, kif rikonoxxut mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, u għal dan il-għan, se jkunu meħtieġa s-servizzi ta' ħaddiem/a soċjali, ħaddiem/a li jaħdmu maż-żgħażagħ, u infermier/a;
- nipprovdu sessjonijiet regolari għall-istudenti dwar l-immaniġġjar tal-istress fi żmien l-eżamijiet;
- inkomplu norganizzaw korsijiet spissi tal-Ewwel Għajnuna għas-Saħħa Mentali kemm għall-istaff kif ukoll għall-istudenti;

- insegwu l-linji gwida għall-membri tal-istaff dwar kif jgħinu lill-individwi f'diffikultajiet kbar billi noffrulhom it-taħriġ meħtieġ.

### Ninvolvu l-Komunità tal-Kampus

Ambjent inklużiv jippromwovi prattiċi pożittivi għall-istudenti u għar-reklutaġġ tal-istaff, inizjattivi ta' mobilità soċjali u programmi li jattiraw parteċipanti mis-setturi kollha tas-soċjetà. L-Università tipproponi li:

- nagħmlu sforz biex intejbu l-komunikazzjoni interna u esterna biex niżguraw li jkun hemm inqas xogħol doppju, kordinazzjoni aħjar u iżjed sinerġija, kif ukoll li tiġi implimentata strateġija għall-komunikazzjoni b'indikaturi ewlenin għall-kejl tal-prestazzjoni;
- nappoġġjaw l-għaqdiet rikonoxxuti tal-istudenti billi niżguraw li jkun hemm disponibbli riżorsi adekwati, inkluż il-possibbiltà ta' ħaddiem/a li jaħdmu maż-żgħażagħ biex jassistuhom;
- infasslu skemi ta' taħriġ u gwida fuq il-kampus;
- nippromwovu aktar għarfien dwar il-Politika dwar l-Ibbuljar u l-Fastidju;
- nippromwovu lingwa inklużiva fuq il-kampus;
- niżguraw li l-korsijiet ta' filgħaxija jkopru l-ħtiġijiet u l-interessi tal-istudenti part-time, u nikkunsidraw li noffru programmi full-time ta' matul il-jum b'mod flessibbli, fuq bażi part-time, meta jkollhom bżonn l-istudenti.

### Nippromwovu l-Kuntatt mal-Pubbliku

L-Università tinvolvi ruħha f'għadd ġmielu ta' attivitajiet ta' kuntatt kemm mal-gruppi fi ħdanha kif ukoll mal-komunità nazzjonali usa'. Dawn l-attivitajiet għandhom l-għan li jkattru l-interess tal-pubbliku fl-edukazzjoni ogħla u li jħeġġuhom ikomplu jistudjaw ħalli jiksbu kwalifika biex javvanzaw fil-karriera. Se nistinkaw biex:

- inwessgħu l-opportunitajiet ta' tagħlim elettroniku mill-bogħod billi nipprovdu varjetà ta' modalitajiet ta' tagħlim;
- inżidu l-kuntatt mal-Università tat-Tielet Età;
- nestendu s-servizzi offruti miċ-Ċentru għar-Riżorsi fil-Kottonera, li jinkludu s-servizzi ta' konsulenza u ta' klinika legali f'lokalitajiet fin-naħat ta' fuq ta' Malta madwar il-Port, Buġibba, il-Qawra u Għawdex;
- nikkunsidraw li nestendu servizzi speċifiċi ta' kuntatt bħal dawk offruti mit-Taqsima Mobbli tad-Dentisti;
- inwaqqfu Ċentru tal-Viżitaturi fil-Kampus tal-Belt biex nenfasizzaw il-legat tal-Università u nippromwovu l-proġetti tagħha mill-qalba tal-belt kapitali;
- nevalwaw mill-ġdid il-kunċett ta' CAMPUS FM u r-rivista THINK bil-ħsieb li nagħmlu dawn il-mezzi iżjed effettivi;
- ninvolvu l-oqsma tal-arti u l-istudji umanistiċi f''Science in the City' għal firxa usa' ta' setturi multidixxiplinarji;
- nagħtu l-ħajja mill-ġdid lil sforzi bħall-'University in Piazza';
- intejbu l-kollaborazzjoni ma' entitajiet mhux governattivi, partikolarment mas-soċjetà ċivili u l-industrija.

## Tabella 4: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar il-Fatturi Soċjali u l-Impatt Tagħhom

| L-Istrateġiji Ewlenin | L-Istrateġiji Biex Nilħqu l-Għanijiet |
|---|---|
| • **Nassistu lill-istudenti u lill-membri tal-istaff b'diżabilità** | • Noħolqu uffiċċji aċċessibbli u riżorsi għall-istaff ta' għajnuna tat-Taqsima ADSU<br>• Ngħinu lill-membri tal-istaff bi sfidi intellettwali<br>• Inwettqu verifiki regolari dwar l-aċċessibbiltà u nieħdu azzjoni immedjata fejn meħtieġ<br>• Nissorveljaw l-oqsma problematiċi regolarment<br>• Nipprovdu servizz ta' taxi fuq il-kampus għall-istudenti u l-membri tal-istaff b'diffikultajiet ta' mobilità<br>• Nistabbilixxu proċeduri standard għall-assessjar tal-istudenti dwar jekk humiex 'Xierqa għall-Prattika' b'rabta ma' korsijiet partikolari<br>• Ngħinu lill-membri tal-istaff biex jinteraġixxu mal-istudenti b'diżabilità jew b'diffikultajiet fit-tagħlim<br>• Infasslu binjiet li jindirizzaw il-ħtiġijiet fiżiċi u mentali tal-istudenti<br>• Inżidu aktar 'kmamar għall-kwiet' fuq il-kampus |
| • **Ngħinu lill-istudenti li mhumiex rappreżentati u lill-istudenti l-ġodda** | • Intejbu s-sistemi ta' għajnuna li jgħollu r-rata tal-istudenti li jtemmu l-korsijiet b'suċċess<br>• Inrawmu kollaborazzjonijiet bejn gruppi differenti ta' studenti<br>• Noħolqu attivitajiet li bihom l-istudenti jħossuhom parti mill-kampus<br>• Niżviluppaw l-identità personali bħala sors ta' qawwa |
| • **Navvanzaw id-drittijiet tal-ġeneru u tal-persuni LGBTIQ u nimpenjaw ruħna favur tagħhom** | • Inwettqu verifiki regolari dwar l-ugwaljanza tal-ġeneru<br>• Naħdmu fuq l-integrazzjoni tal-ġeneru fi ħdan il-kurrikulu<br>• Nippromwovu l-Politika, flimkien mal-partijiet interessati esterni, dwar il-Fastidju Sesswali<br>• Nindirizzaw sfidi speċifiċi relatati mal-ġeneru b'rabta mal-avvanz fil-karriera<br>• Nindirizzaw id-diskrepanza tal-ġeneru f'suġġetti bħall-inġinerija, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa<br>• Noħolqu depożitorju fil-librerija li jaħżen dokumenti storiċi relatati mal-avvanz tad-drittijiet tal-ġeneru<br>• Nipprovdu toilets newtrali għall-ġeneru |
| • **Niżguraw l-inklużjoni ta' studenti u membri tal-istaff ta' kulturi varji** | • Nippromwovu l-benefiċċji tad-diversità<br>• Niżguraw li jkun hemm faċilitajiet adekwati għal persuni ta' twemmin differenti<br>• Nippromwovu programm li jħeġġeġ il-bidla fl-attitudni<br>• Nappoġġjaw sistema ta' kumpanni għall-istudenti u l-istaff internazzjonali |
| • **Inżidu l-promozzjoni tas-saħħa u s-servizzi tal-benesseri** | • Nipprovdu l-għajnuna għall-immaniġġjar tal-istress fi żmien l-eżamijiet<br>• Nipprovdu korsijiet tal-Ewwel Għajnuna għas-Saħħa Mentali għall-istaff u l-istudenti<br>• Nipprovdu ħaddiem/a soċjali, ħaddiem/a li jaħdmu maż-żgħażagħ, u infermier/a fuq il-kampus<br>• Norganizzaw taħriġ għall-istaff biex jassistu persuni b'diffikultajiet f'sitwazzjonijiet kritiċi |
| • **Ninvolvu l-komunità tal-kampus** | • Niżviluppaw strateġija għall-komunikazzjoni interna u esterna<br>• Nappoġġjaw l-għaqdiet rikonoxxuti tal-istudenti<br>• Inwaqqfu uffiċċju biex tinqeda fuq il-proċeduri tal-Università taħt saqaf wieħed<br>• Nippromwovu l-għarfien dwar il-Politika dwar l-Ibbuljar u l-Fastidju<br>• Nippromwovu lingwa inklużiva fuq il-kampus<br>• Infasslu skeda ta' korsijiet li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-istudenti part-time |

| | |
|---|---|
| • **Nippromwovu l-kuntatt mal-pubbliku** | • Inżidu l-aċċessibbiltà billi nespandu t-tagħlim elettroniku<br>• Nestendu l-iskop u l-firxa ġeografika tal-Università tat-Tielet Età<br>• Nestendu l-firxa ġeografika ta' servizzi simili taċ-Ċentru għar-Riżorsi fil-Kottonera<br>• Nikkunsidraw li nwessgħu servizzi speċifiċi ta' kuntatt<br>• Inwaqqfu Ċentru tal-Viżitaturi fil-Kampus tal-Belt<br>• Nevalwaw mill-ġdid l-istazzjon CAMPUS FM u r-rivista THINK biex bihom nilħqu udjenzi akbar<br>• Ninvolvu l-oqsma tal-arti u l-istudji umanistiċi f'"Science in the City'<br>• Nagħtu l-ħajja mill-ġdid lil sforzi bħall-'University in Piazza'<br>• Intejbu l-kollaborazzjoni tagħna mas-soċjetà ċivili u l-industrija |



# Tema Strateġika 4: L-Impatt fuq l-Intrapriża u l-Industrija

## Niżviluppaw Sinerġiji bejn l-Akkademja u l-Industrija

L-Università ta' Malta qiegħda tinvesti biex iżżid il-kapaċità tagħha għal attività kollaborattiva ma' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), mal-industrija u ma' partijiet soċjali u ekonomiċi oħra. L-intrapriża u l-innovazzjoni huma pedamenti strateġiċi għall-iżvilupp kontinwu tal-għarfien u l-programmi ta' riċerka biex ikollna impatt pożittiv fuq is-soċjetà u l-ekonomija. Se nagħmlu ħilitna biex immexxu 'l quddiem il-prijoritajiet li jikkonċernaw it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, il-kuntatt tagħna 'l barra mill-Università, u l-programmi edukattivi għat-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp ekonomiku.

**Ninvolvu l-Industrija fl-Iżvilupp tal-Kurrikulu**

Bħalissa Malta qiegħda tgawdi minn kważi impjieg sħiħ li ħoloq firxa wiesgħa ta' karrieri u opportunitajiet tax-xogħol għall-gradwati tagħna. Madankollu, hemm għadd ta' diskrepanzi fl-għarfien u l-ħiliet meta tqis id-domanda kbira ta' diversi setturi. Ir-riċerka u r-rappurtaġġ ta' dawn id-diskrepanzi minn żmien għal żmien jgħinu fit-tfassil tas-sisien għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp tal-kurrikulu u l-ippjanar tal-impjieg.

Se nħeġġu l-parteċipazzjoni tal-industrija fl-iżvilupp tal-programmi tat-tagħlim billi ntejbu d-djalogu mal-industrija permezz ta' gruppi konsultattivi strateġiċi, gruppi fokali u eżerċizzji ta' stħarriġ, u l-involviment attiv fl-iżvilupp tal-kurrikulu.

**Nintegraw l-Għarfien tal-Industrija fl-Esperjenza tat-Tagħlim**

Malta għandha firxa rikka ta' kumpaniji lokali li kibru u rnexxew. Il-komunità tal-istudenti tista' tibbenefika mill-għarfien dwar il-qofol ta' dawn l-istejjer ta' suċċess, li jistgħu jkunu disponibbli permezz ta' katalgi bi studji fattwali fuq l-imprendituri lokali.

Se nħeġġu biex jittellgħu iżjed sessjonijiet tas-Sensiela tal-Kelliema Industrijali li jlaqqgħu kelliema korporattivi u pubbliċi tal-ogħla livell mid-dinjiet tal-kummerċ, l-arti, l-akkademja u s-soċjetà ċivili fuq il-kampus tagħna biex jaqsmu l-esperjenzi u l-ideat tagħhom. Se nippromwovu wkoll is-Sensiela tal-Letturi Distinti, li fiha speċjalisti mill-oqsma rispettivi tagħhom jiġu mistiedna jiddiskutu mal-istudenti u l-akkademiċi bħala parti mill-kurrikulu.

**Intejbu t-Tagħlim permezz ta' Proġetti mal-Intrapriżi**

Se nagħmlu l-almu tagħna biex intejbu l-esperjenza tat-tagħlim għall-istudenti tal-korsijiet tal-ewwel grad u postgradwatorji permezz ta' proġetti, assenjamenti u attivitajiet oħra mal-intrapriżi li jiffaċilitaw l-interazzjoni prattika mal-industrija. Il-programmi ta' studju jistgħu jitfasslu biex jiżguraw li l-istudenti tal-ewwel grad ikollhom iċ-ċans jipparteċipaw f'attivitajiet li jkunu bbażati fuq proġetti varji matul iż-żmien tal-istudju tagħhom fl-Università ta' Malta.




30%

L-esperjenza tat-tagħlim titjieb jekk l-istudenti jiksbu l-esperjenza biex isolvu l-problemi tal-ħajja reali, jitgħallmu kif jindirizzaw mistoqsijiet kritiċi, jagħrfu jikkontrollaw l-inċertezza, u jieħdu sehem f'soluzzjonijiet prattiċi ma' superviżuri akkademiċi esperti u konsulenti mill-industrija.

**Nippromwovu l-Ħiliet Interpersonali u Kollaborattivi**

Mir-reazzjonijiet li rċivejna mill-industrija, hemm bżonn nippreparaw aħjar lill-istudenti bl-għarfien u l-ħiliet relevanti u essenzjali għad-dinja interkonnessa tal-lum. Il-ħiliet li qegħdin ifittxu l-impjegaturi jinkludu s-sejba tas-soluzzjoni għall-problemi, il-ħiliet interpersonali, il-komunikazzjoni viżiva u l-imġiba professjonali. Il-kumplessità u l-internazzjonalizzazzjoni tal-kummerċ qed jiżdiedu, u għalhekk il-gradwati għandhom aktar pressjoni biex ikunu effettivi fil-ħila tal-kollaborazzjoni u meta jaħdmu f'tim f'ambjenti tal-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.

Se nagħmlu ħilitna biex niffukaw fuq dawn il-ħiliet u se ninkludu wkoll elementi ta' ċittadinanza tajba fil-kurrikulu, it-tħassib u l-empatija għall-benesseri tal-koħaddiema u l-klijenti, kif ukoll il-ħiliet tal-organizzazzjoni u t-tmexxija tradizzjonali. Se nadottaw metodi tradizzjonali u innovattivi li jinkludu l-isport u l-attività fiżika biex niżviluppaw il-kapaċità tal-istudenti li jsolvu l-problemi b'mod effettiv u jkunu reżiljenti.

**Inħejju lill-Istudenti għad-Dinja tax-Xogħol u biex Jaħdmu għal Rashom**

Fid-dawl tar-reazzjonijiet li kellna mill-SMEs u korporazzjonijiet industrijali akbar, l-Università tagħraf li hemm bżonn taħriġ fil-ħiliet kummerċjali, li jista' jiġi pprovdut bi programmi mifruxa mal-Università li jkunu aċċessibbli għad-dixxiplini kollha.

Il-ħiliet koperattivi u intraprenditorjali, flimkien max-xogħol li naħdmu għal rasna, huma importanti għall-istabbiltà u r-reżiljenza tal-ekonomija. Għalhekk, se nimpenjaw ruħna li nżidu d-dispożizzjoni tal-istruzzjoni li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' ideat kummerċjali u t-twaqqif ta' taqsimiet u organizzazzjonijiet kummerċjali, megħjuna bl-għerf tal-governanza u l-litteriżmu finanzjarju.

**Inwessgħu l-Edukazzjoni Eżekuttiva**

L-Università qed taġġorna r-riżorsi tagħha biex toffri żvilupp professjonali kontinwu għall-prattikanti u l-professjonisti eżekuttivi. L-infrastruttura meħtieġa biex ikollna firxa usa' ta' programmi ta' tagħlim tul il-ħajja tinkludi d-dispożizzjoni ta' nies esperti li jħarrġu, ambjenti ta' tagħlim u sistemi ta' għajnuna amministrattiva għall-edukaturi u l-istudenti. Il-programmi għandhom l-għan li jżommu lill-parteċipanti aġġornati fuq l-avvanzi li kontinwament qegħdin isiru fil-qasam tagħhom u fl-użu ta' teknoloġiji relatati.

L-edukazzjoni elettronika tibqa' pjattaforma effiċjenti li żżid l-aċċessibbiltà tal-edukazzjoni għall-istudenti adulti li għandhom karriera u l-impenji tal-familja. Se nfittxu li nikkollaboraw ma' pubblikaturi ta' livell dinji biex nużaw l-għarfien espert u l-kontenut tal-kurrikulu tagħhom għall-iżvilupp ta' pjattaformi tat-tagħlim diġitali.

L-ekonomija Maltija u l-prodott domestiku gross qed jiżdiedu b'rata sostanzjali. Il-pajjiż miexi 'l quddiem mil-lat ta' ġid ekonomiku, ħaġa li magħha ma ġġibx biss aktar prosperità imma wkoll livell ogħla ta' responsabbiltà fejn jidħlu l-immaniġġjar u l-amministrazzjoni. Għal dan il-għan, se nikkontribwixxu billi nwasslu edukazzjoni b'mod aktar intensiv fuq ir-regolamentazzjoni u l-konformità f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-istituzzjonijiet internazzjonali li jispeċjalizzaw fl-oqsma regolatorji rispettivi.

**Nipprovdu l-Għarfien Espert lill-Industrija**

L-Università se żżid l-involviment tagħha mal-intrapriżi u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija bħala partijiet interessati esterni u msieħba soċjali. L-għan tagħna hu li nrawmu ambjent ta' djalogu u ta' qsim ta' għarfien ma' dan il-grupp importanti ta' impjegaturi li jifforma l-maġġoranza tal-popolazzjoni ggradwata. Il-ħsieb tagħna hu li nżidu t-tixrid tal-għarfien intern f'oqsma speċifiċi mal-imsieħba industrijali. Hemm il-ħtieġa li nippromwovu l-esperti akkademiċi mal-komunità kummerċjali u li nippreżentaw il-proġetti u t-teżijiet tal-istudenti mal-imsieħba esterni relevanti. Se nkomplu nippromwovu l-firxa wiesgħa u profonda ta' korsijiet qosra, diplomi, programmi tal-ewwel grad u oħrajn postgradwatorji tal-Università mal-istudenti u l-impjegaturi.

**Norganizzaw Konferenzi Akkademiċi għall-Intrapriża u l-Industrija**

Il-Forum Strateġiku tal-Università ta' Malta għall-Intrapriża, il-Gvern u l-Imsieħba Soċjali, li attira udjenza kbira fil-bidu tal-2019, hu maħsub li jsir avveniment li, mill-inqas, jibqa' jittella' kull sentejn. L-Università se tospita konferenzi akkademiċi għas-setturi industrijali li huma l-ikbar kontributuri għall-ekonomija Maltija. Se norganizzaw seminars dwar l-oqsma emerġenti ta' interess pubbliku u suġġetti kontemporanji biex inxerrdu għarfien ġdid fil-komunità tal-Università magħmula minn 15,750 membru u mal-pubbliku inġenerali. L-Università tista' sservi ta' katalista biex tagħti importanza akbar lill-prodotti u s-servizzi lokali, li jinkludu dawk iġġenerati mill-SMEs fl-oqsma tal-agrikultura, il-produzzjoni tal-ikel, l-akkomodazzjoni turistika, l-ispettaklu u l-industrija tad-divertiment.

## Tabella 5: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar l-Impatt fuq l-Intrapriża u l-Industrija

| L-Istrateġiji Ewlenin | L-Istrateġiji Biex Nilħqu l-Għanijiet |
|---|---|
| • **Ninvolvu l-Industrija fl-Iżvilupp tal-Kurrikulu** | • Nissorveljaw ir-rekwiżiti nazzjonali għall-għarfien u l-ħiliet, nissorveljaw il-provvista u nidentifikaw id-diskrepanzi<br>• Nirrappurtaw id-diskrepanzi u l-lakuni biex insostnu t-teħid tad-deċiżjonijiet, it-tfassil tal-korsijiet u l-iżvilupp tal-kurrikulu<br>• Nipparteċipaw fl-assoċjazzjonijiet fuq l-Intrapriża u l-industrija<br>• Nippromwovu djalogu mal-industrija permezz ta' gruppi konsultattivi strateġiċi<br>• Ninvolvu l-industrija b'mod attiv fl-iżvilupp tal-kurrikulu permezz ta' kumitati, gruppi fokali u eżerċizzji ta' stħarriġ |
| • **Nintegraw l-Għarfien tal-Industrija fl-Esperjenza tat-Tagħlim** | • Niżviluppaw katalgu bi studji fattwali fuq l-Intrapriża lokali<br>• Nappoġġjaw il-Programm tal-Kelliema Industrijali fit-taqsimiet-studju.<br>• Norganizzaw is-Sensiela tal-Letturi Distinti f'oqsma ta' għarfien espert u ta' speċjalizzazzjoni relatati mal-industrija |
| • **Intejbu t-Tagħlim permezz ta' Proġetti mal-Intrapriżi** | • Ninkludu attivitajiet imsejsa fuq proġetti fil-programmi ta' studju<br>• Niżviluppaw ekosistema ta' għajnuna minn superviżuri akkademiċi u konsulenti tal-industrija għal assenjamenti u proġetti msejsa fuq l-industrija |
| • **Nippromwovu l-Ħiliet Interpersonali u Kollaborattivi** | • Ninkludu l-ħiliet kollaborattivi, il-ħidma f'tim, l-etika tax-xogħol u ċ-ċittadinanza tajba fil-programmi tat-tagħlim<br>• Niżviluppaw taqsimiet-studju fil-ħiliet interpersonali, il-komunikazzjoni viżiva u t-tmexxija fost id-dixxiplini<br>• Nadottaw metodi innovattivi ta' tagħlim li jinkludu l-isport u l-attività fiżika biex niżviluppaw il-kapaċità tal-istudenti li jsolvu l-problemi b'mod effettiv u jkunu reżiljenti |
| • **Inħejju lill-Istudenti għad-Dinja tax-Xogħol u biex jaħdmu għal Rashom** | • Nipprovdu taħriġ intraprenditorjali fl-Università kollha<br>• Nipprovdu taħriġ fuq ħiliet kummerċjali bażiċi, li jinkludu l-litteriżmu finanzjarju, ħiliet fl-organizzazzjoni u prattiċi tax-xogħol<br>• Inwasslu taħriġ fuq it-twaqqif ta' kumpaniji kummerċjali, intrapriżi soċjali u koperattivi |
| • **Inwessgħu l-Edukazzjoni Eżekuttiva** | • Inħeġġu l-iżvilupp professjonali kontinwu, l-edukazzjoni eżekuttiva, u t-tagħlim industrijali tul il-ħajja<br>• Niżviluppaw programmi elettroniċi għal korsijiet kummerċjali<br>• Nipprovdu taħriġ eżekuttiv dwar ir-regolamentazzjoni f'kollaborazzjoni ma' regolaturi u istituzzjonijiet internazzjonali |
| • **Nipprovdu l-Għarfien Espert lill-Industrija** | • Inxerrdu l-għarfien intern f'oqsma speċjalizzati u nippromwovu l-esperti akkademiċi mal-industrija<br>• Nippreżentaw il-proġetti u t-teżijiet tal-istudenti<br>• Nippromwovu l-korsijiet mal-impjegaturi |
| • **Norganizzaw Konferenzi Akkademiċi għall-Intrapriża u l-Industrija** | • Norganizzaw konferenzi akkademiċi fuq suġġetti kontemporanji<br>• Nipprovdu seminars kontinwi fuq oqsma ta' interess speċjali<br>• Nippromwovu l-wiri ta' servizzi u prodotti lokali |



# Tema Strateġika 5: L-Impatt Nazzjonali

## Inrawmu l-Wirt, il-Kultura u l-Iżvilupp Ekonomiku ta' Malta

L-Università ta' Malta identifikat għadd ta' fatturi li, fil-fehma tagħha, għandhom importanza u impatt nazzjonali sinifikanti. Dawn huma l-wirt kulturali u l-identità, il-lingwa Maltija, l-impatt ekonomiku, l-isfidi ġenerali, il-ħtieġa ta' ħaddiema kompetenti u tas-sengħa, l-opportunitajiet għat-tkabbir, u l-effett tal-klassifiki internazzjonali fuq il-perċezzjoni tal-Università fis-soċjetà Maltija. Il-fatturi identifikati jinfluwenzaw lil xulxin u flimkien iħallu impatt qawwi fuq il-ħajja tan-nazzjon.

**Niddefendu l-Wirt Kulturali u l-Identità**

L-Università ta' Malta hi l-unika università pubblika u komprensiva f'Malta, u għalhekk għandha rwol kruċjali fil-ħarsien u l-iżvilupp tal-kultura nazzjonali, fil-protezzjoni tal-wirt kulturali u fid-difiża ta' l-identità nazzjonali. Se naħdmu bis-sħiħ biex inrawmu fl-istudenti tagħna kuxjenza u apprezzament għall-identità u l-kultura Maltija billi noħolqu sens ta' komunità magħġuna f'ideali demokratiċi b'saħħithom u li tħaddan il-valuri tat-tolleranza, il-ġustizzja u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fis-soċjetà multikulturali tal-lum. Mod kif nilħqu dan l-għan hu li niżguraw li, meta jkun prattiku, il-programmi ta' studju jinkludu l-apprezzament tal-wirt kulturali tagħna.

**Nagħtu Ġieħ lill-Ilsien Malti**

Id-dehra ġdida li ngħatat lill-marka tal-Università fl-2018, b'enfasi fuq l-isem uffiċjali tagħha 'L-Università ta' Malta', turi ċar l-importanza li l-Università hi impenjata li tagħti lill-ħarsien u l-iżvilupp tal-ilsien Malti. Dan irid isir filwaqt li nkomplu ngħożżu l-lingwa Ingliża u nippromwovu l-profiċjenza tal-istudenti f'mill-inqas lingwa barranija oħra.

Se nippromwovu inizjattivi biex inħeġġu lill-istudenti jiktbu studji akkademiċi f'pubblikazzjonijiet umanistiċi u xjentifiċi bil-Malti ħalli jkomplu jarrikkixxu r-repertorju lingwistiku tagħhom. Dawn ix-xogħlijiet jiġu ppubblikati f'rivista ta' riċerka tal-Università. Se nikkunsidraw li noħolqu verżjoni bil-Malti tar-rivista THINK bħala radd il-ħajr għax-xogħol li għamlu studjużi lokali bis-saħħa tal-lingwa nazzjonali tagħna. Se naraw li niżviluppaw politika lingwistika u li noffru lill-istudenti u l-istaff internazzjonali l-opportunità li jistudjaw il-Malti. Se nkomplu nippromwovu l-ħiliet fil-lingwa Maltija f'sitwazzjonijiet speċifiċi, bħall-professjonijiet tal-kura.

**Insostnu l-Impatt Ekonomiku**

L-impatt tal-Università fuq l-ekonomija nazzjonali huwa, primarjament, li tħejji l-kapital uman lokali, mogħni bil-kreattività u l-kultura, li huwa wkoll lest biex jagħti servizz lill-industrija u s-suq tax-xogħol li jibqa' jevolvi. Se nagħmlu ħilitna biex nipprovdu gradwati fl-oqsma tal-Intelliġenza Artifiċjali, it-Teknoloġija Finanzjarja (FinTech), it-Teknoloġiji tar-Reġistru Distribwit u setturi ġodda oħra biex nappoġġjaw id-direzzjoni strateġika tal-pajjiż ħalli jirnexxi fl-industriji emerġenti.

L-Università se tirrevedi l-proċessi tagħha tal-proċeduri tal-assigurazzjoni interna tal-kwalità bl-għan li ssib bilanċ bejn l-assigurazzjoni tal-istandards akkademiċi u sistema ta' approvazzjoni effiċjenti. Minkejja li l-iskop tal-edukazzjoni akkademika huwa usa' milli jindirizza l-ħtiġijiet tax-xogħol, se naraw li nżidu l-attivitajiet li jippromwovu l-edukazzjoni u l-prattika intraprenditorjali.

**Nikkonfrontaw l-Isfidi Nazzjonali**

Malta taffaċċja numru ta' sfidi relatati mal-ġenerazzjoni attwali ta' prosperità, li f'ċerti każi jistgħu jinħolqu minħabba tensjonijiet soċjali potenzjali marbutin mal-multikulturaliżmu lokali u l-kwalità tal-ambjent fiżiku assoċjat mal-iżvilupp. Se nagħmlu li nistgħu biex, b'mod attiv, nindirizzaw dawn il-problemi bis-saħħa ta' riċerka li tinforma u tinfluwenza d-dokumenti ta' politika nazzjonali. Din id-direzzjoni strateġika għandha timxi id f'id mal-organizzazzjoni ta' laqgħat fuq temi ta' interess pubbliku.

Sfida kbira oħra li Malta qed tħabbat wiċċha magħha hija l-perċentwal baxx ta' studenti li qegħdin ikomplu bl-edukazzjoni ogħla u l-effett tagħha fuq is-suq tax-xogħol. L-Università se tikkonsidra r-rekwiżiti tad-dħul tagħha bl-għan li tħeġġeġ aktar studenti jistudjaw f'dixxiplini differenti.

**Nindirizzaw id-Diskrepanzi fl-Għarfien u l-Ħiliet**

Ir-responsabbiltà fundamentali tal-Università hija li twassal edukazzjoni ta' livell għoli li ssarraf lill-istudenti tagħha f'ċittadini bil-ħiliet u l-kompetenzi li bihom ikunu jistgħu jsostnu u jkabbru l-ekonomija, itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-komunità, inkluż tal-membri l-aktar dgħajfa tagħha, u jħarsu l-ambjent soċjali u fiżiku. F'sitwazzjoni globali ta' bidliet kostanti u mgħaġġla, l-Università jeħtieġ tipprovdi programmi ta' studju iżjed flessibbli li jkollhom element qawwi ta' multidixxiplinarjetà bħala tħejjija għall-impjiegi li jeħtieġu versatilità aħjar, minflok ikunu limitati fuq linja waħda jew b'attenzjoni speċjalizzata.

Meta jkun possibbli, dawn il-programmi għandhom jindirizzaw l-interessi personali u l-aspirazzjonijiet tal-istudenti. F'pajjiż żgħir b'riżorsi umani limitati, il-ħiliet trasferibbli huma ċ-ċavetta għal ġejjieni ta' suċċess li minnhom igawdu kemm l-individwu kif ukoll in-nazzjon.

**Noħolqu Opportunitajiet Nazzjonali għat-Tkabbir**

Li nżommu postna bħala l-Università ewlenija tal-gżira u bħala ċentru akkademiku uniku fil-Mediterran, hija opportunità kbira għal istituzzjoni li qiegħda tiċċelebra l-250 anniversarju mit-twaqqif tagħha bħala università pubblika. Se nibqgħu f'kuntatt mal-pubbliku ġenerali, il-gvern il-partijiet esterni sinifikanti relatati mal-oqsma kummerċjali u industrijali, il-komunitajiet sportivi, artistiċi u kulturali, u mal-gruppi soċjali li jeħtieġu l-kura u l-attenzjoni. It-tkabbir jista' jintlaħaq billi nindirizzaw b'mod effettiv il-ħtiġijiet u l-esiġenzi tas-soċjetà imma wkoll billi noħolqu oqsma speċjalizzati biex l-Università tiddiversifika l-introjtu u d-dħul tagħha. Se nibqgħu disposti li ntejbu l-permeabilità għall-progressjoni tal-istudenti li jiġu mis-settur vokazzjonali u anki, u b'mod speċjali, tal-istudenti adulti li jirritornaw.

**Nissorveljaw il-Klassifiki u l-Indiċijiet tal-Pajjiżi**

L-Università se tkompli tissorvelja u tindirizza r-rekwiżiti nazzjonali f'tentattiv biex ittejjeb il-post tagħha fil-klassifiki tal-indiċijiet internazzjonali tal-pajjiżi, speċjalment dawk ta' istituzzjonijiet ta' fama bħall-Eurostat, il-Bank Dinji, il-Forum Ekonomiku Dinji, u l-aġenziji tan-Nazzjonijiet Magħquda. Id-diskrepanzi tal-indiċijiet fil-prestazzjoni huma indikazzjoni tal-oqsma li jeħtieġu investiment u riżorsi għall-iżvilupp tal-edukazzjoni u tal-ħiliet.

**Insegwu l-Klassifiki tal-Universitajiet**

Il-klassifiki li ġew ippubblikati minn istituzzjonijiet internazzjonali ta' fama tajba poġġew lill-Università fost l-aqwa 4% tal-universitajiet fid-dinja. Sabiex intejbu iżjed din il-pożizzjoni prestiġjuża, huwa kruċjali li niżviluppaw u nkabbru r-riċerka tal-Università u r-riżultati tal-innovazzjoni. L-Università se tfittex kollaborazzjonijiet ma' universitajiet Ewropej ta' fama biex tieħu sehem fi proġetti ta' riċerka ambizzjużi u ffinanzjati kif jixraq li jistgħu jwasslu għal prospetti aħjar ta' innovazzjoni u kummerċjalizzazzjoni tal-propjetà intellettwali.

## Tabella 6: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar l-Impatt Nazzjonali

| L-Istrateġiji Ewlenin | L-Istrateġiji Biex Nilħqu l-Għanijiet |
|---|---|
| • **Nippromwovu l-istudji u r-riċerka li jiffukaw fuq il-wirt kulturali fiżiku u intanġibbli** | • Inħarrġu l-istudenti b'metodoloġija ta' tagħlim sħiħ biex japprezzaw u jifhmu s-sisien tal-wirt kulturali<br>• Noħolqu iżjed kuxjenza fost il-membri kollha tal-komunità universitarja, dwar il-valur tal-wirt kulturali intanġibbli u dwar l-importanza tal-protezzjoni tiegħu<br>• Inwettqu riċerka li tinforma u tinfluwenza l-politika nazzjonali<br>• Niżviluppaw sensiela ta' seminars pubbliċi li tkattar il-kuxjenza, tinforma u xxerred l-għarfien fuq il-wirt kulturali |
| • **Inrawmu fl-istudenti kuxjenza u apprezzament għall-karatteristiċi li jagħmluna Maltin** | • Ninkludu kontenut fuq il-wirt kulturali u l-apprezzament minn perspettiva wiesgħa fil-programmi ta' studju<br>• Nippromwovu l-valuri taċ-ċittadinanza tajba: is-sens ta' komunità, l-ospitalità, l-ideali demokratiċi, it-tolleranza, il-ġustizzja u l-ugwaljanza, bla diskriminazzjoni |
| • **Inħarsu l-ilsien Malti u nibżgħu għalih filwaqt li nibqgħu ngħożżu l-lingwa Ingliża** | • Niżviluppaw ir-repertorju lingwistiku tal-Malti għas-suġġetti umanistiċi u xjentifiċi<br>• Naraw li jkollna politika lingwistika dinamika għall-Università<br>• Noffru lill-istudenti u l-istaff internazzjonali l-opportunità li jistudjaw il-Malti<br><br>*tkompli fil-paġna li jmiss* › |

## Tabella 6: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar l-Impatt Nazzjonali (tkompli)

| | |
|---|---|
| • Inħejju kapital uman lokali, biżżejjed u xieraq, mogħni bil-kreattività u l-kultura, u li lest jaqdi l-industrija u s-suq tax-xogħol li qiegħed jevolvi | • Nirrevedu l-proċessi tal-proċeduri interni tal-assigurazzjoni tal-kwalità ħalli nsibu bilanċ bejn iż-żamma tal-istandards akkademiċi u s-sistemi effiċjenti ta' approvazzjoni<br>• Inżidu l-attivitajiet li jippromwovu l-edukazzjoni u l-prattika intraprenditorjali<br>• Niżviluppaw gradwati fit-teknoloġiji emerġenti, bħall-Intelliġenza Artifiċjali, it-Teknoloġija Finanzjarja (FinTech), u t-Teknoloġiji tar-Reġistru Distribwit<br>• Nindirizzaw il-perċentwal baxx ta' studenti li jsegwu l-edukazzjoni ogħla u l-effett li dan għandu fuq is-suq tax-xogħol<br>• Inżommu f'moħħna r-rekwiżiti tad-dħul fl-Università b'tali mod li nżidu l-aċċessibbiltà u l-applikanti |
| • Inwasslu edukazzjoni ta' kwalità għolja li kapaċi tibdel lill-istudenti f'ċittadini mill-aktar kompetenti u effettivi | • Nipprovdu programmi ta' studju iżjed flessibbli b'element qawwi ta' multidixxiplinarjetà<br>• Nipproduċu persunal kwalifikat u kompetenti, aktar versatili u b'ħiliet li jistgħu jiġu trasferiti |
| • Nippriservaw il-post tal-Università bħala l-istituzzjoni edukattiva ogħla ewlenija tal-gżira u bħala ċentru akkademiku uniku fil-Mediterran | • Nibqgħu f'kuntatt mal-pubbliku ġenerali, il-gvern, l-organizzazzjonijiet kummerċjali u industrijali, il-komunitajiet sportivi, artistiċi u kulturali, u l-gruppi soċjali<br>• Intejbu l-permeabilità tal-progressjoni għas-setturi vokazzjonali u għall-istudenti adulti li jirritornaw għall-istudju magħna |
| • Inżommu u ntejbu l-pożizzjoni tal-Università fost l-aqwa 4% tal-universitajiet tal-ogħla livell fid-dinja | • Inkomplu nżidu u ntejbu r-riċerka u l-innovazzjoni<br>• Noħolqu kollaborazzjonijiet iżjed b'saħħithom ma' universitajiet ta' fama tajba<br>• Nipparteċipaw f'iżjed proġetti ta' riċerka li jwasslu għal prospetti aħjar ta' innovazzjoni u kummerċjalizzazzjoni tal-propjetà intellettwali |



# Tema Strateġika 6: Il-Viżjoni Internazzjonali

## Inħaddnu l-Opportunitajiet

Fl-2018, 3% tal-istaff amministrattiv, 6% tal-istaff akkademiku u 15% tal-popolazzjoni studenteska tal-Università ta' Malta kienet magħmula minn ċittadini mhux Maltin. Fl-istess perjodu kienu għaddejjin 118-il proġett internazzjonali, iffinanzjati b'mod estern, u kważi l-akkademiċi residenti kollha rnexxielhom jiksbu grad wieħed jew iktar minn barra minn Malta.

Din l-istatistika indikattiva hi xhieda ta' internazzjonalizzazzjoni b'saħħitha u fonda, u ta' komunità universitarja lokali li qed iżżid aktar il-kuntatt globali fejn jidħlu l-isforzi ta' riċerka, il-kuntatti ma' barra, u ċ-ċittadinanza u l-isfond tal-istaff u l-istudenti tagħha. Barra minn hekk, meta tqis in-natura ibrida dejjem tiżdied tal-identità, dawn il-membri tal-istaff u l-istudenti jinkludu ċittadini Maltin li qed jirritornaw Malta wara li jkunu għexu barra, u ċittadini mhux Maltin li bħalissa qegħdin jgħixu Malta, li jkunu kisbu ċ-ċittadinanza Maltija.

Illum Malta hija bħal ħammiela fejn qed jixxettel il-kożmopolitaniżmu. Madwar 18% tar-residenti Maltin fl-2019 ma twildux Malta u din hija qabża sostanzjali meta tqabbilha maċ-ċifra ta' 8% fl-2013. Dan il-proporzjon iqiegħed lil Malta fit-28 post fid-dinja u t-tielet fl-UE bl-ogħla proporzjon ta' komunità ta' residenti immigranti mqabbel mal-proporzjon ta' persuni li twieldu Malta. Huma l-Lussemburgu u Ċipru li għandhom proporzjon ogħla fi ħdan l-UE. Aħna nibbenefikaw minn klima tajba, spazji pubbliċi siguri, stat soċjali b'saħħtu, sistema ta' kura tas-saħħa ta' klassi dinjija, sistema estensiva ta' trasport pubbliku u leġiżlazzjoni progressiva. Dawn kollha huma fatturi attraenti għall-promozzjoni tal-edukazzjoni mal-barranin.

Malta hija unika għax hi arċipelagu żgħir, sovran u Ewropew. F'kuntrast ma' stati żgħar oħra, l-Università nazzjonali tagħha għandha storja twila u mhijiex ċkejkna fid-daqs. Bl-eċċezzjoni tal-Università ta' Ġibiltà, l-Università ta' Malta hija l-unika università pubblika fil-Mediterran li għandha 99% tal-programmi ta' studju tagħha mgħallma, immexxija u eżaminati bl-Ingliż. Dan huwa ta' vantaġġ kbir.

Barra minn hekk, peress li hija l-unika università nazzjonali tal-pajjiż żviluppata b'mod sħiħ, kulma hu estern ifisser internazzjonali. Il-prattiċi tal-assigurazzjoni tal-kwalità bdew bl-involviment ta' eżaminaturi esterni, li kollha jibqgħu jiġu minn barra, ħafna minnhom mir-Renju Unit u l-Irlanda. Se niffukaw fuq it-titjib tal-prattiċi eżistenti bil-ħsieb li:

- inrawmu mentalità internazzjonali u narrikkixxu d-dinamika tal-klassi bl-integrazzjoni ta' diversi esperjenzi ta' studenti internazzjonali f'kull grupp;
- insaħħu l-għarfien interkulturali fi ħdan kull spazju tat-tagħlim u nagħtu spinta lill-integrazzjoni billi norganizzaw attivitajiet, bħal jiem kulturali, avvenimenti b'ikel etniku, sessjonijiet ta' apprezzament tal-poeżija, avvenimenti taż-żfin u tal-kant, rakkontar ta' stejjer, logħob edukattiv bħall-kaċċa għat-teżor, u żjarat ta' studju barra minn Malta;
- inrawmu spirtu kollaborattiv bejn l-istudenti lokali u internazzjonali billi nħeġġu t-taħlit fi gruppi ta' ħidma għall-assenjamenti;
- inħeġġu korp studentesk multilingwu billi nħeġġu l-ħiliet lingwistiċi f' lingwi differenti, lil hinn mil-lingwa nattiva tal-individwu;

- noħolqu korp studentesk residenti permezz tar-residenza tal-kampus, il-Campus Hub, li għandha tattira studenti internazzjonali u Għawdxin;
- innaqqsu d-distakk bejn in-numru ta' studenti internazzjonali aċċettati u dawk li jirreġistraw billi ntejbu l-proċess tal-applikazzjoni għall-istudenti internazzjonali prospettivi, naraw li nikkollaboraw mal-awtoritajiet tal-visa u noħorġu iżjed ittri ta' aċċettazzjoni proviżorja u kundizzjonata kemm jista' jkun malajr.

F'konformità mal-inizjattivi l-ġodda proposti, se naraw li:

- inħeġġu, nagħrfu aħjar u nippromwovu l-kollaborazzjoni personali u professjonali tal-istaff akkademiku lil hinn minn xtutna;
- nappoġġjaw programmi ta' kumpanni u skemi ta' akkomodazzjoni u aspetti oħra fil-'pakkett ta' għajnuna' għall-istudenti internazzjonali l-ġodda;
- infasslu programm ta' 'laqgħat kulturali' matul is-sena akkademika għall-istudenti kollha biex jissoċjalizzaw;
- nissorveljaw it-theddida tal-ispejjeż eċċessivi tal-kiri, għax din tista' tnaqqar il-kompetittività tal-Università biex tattira studenti internazzjonali, u b'hekk, nesploraw għażliet bħall-familji ospitanti jew sħubiji ma' komunitajiet reliġjużi li jistgħu joffru akkomodazzjoni bi prezzijiet raġonevoli għall-istudenti;
- ninvestu f'faċilitajiet sportivi u fi spazji miftuħa u kreattivi jew għal attivitajiet oħra fuq il-kampus biex nagħtu spinta lill-Università ħalli tattira l-istudenti kollha;
- nistabbilixxu ħoloq bejn l-Università u l-iskejjel privati tal-Ingliż f'Malta;
- nimplimentaw b'attenzjoni kbira semestru mobbli fil-programmi ta' studju kollha tal-Università biex niżguraw li dawn is-semestri jkunu eżentati minn taqsimiet-studju obbligatorji jew minn xogħol ieħor li jagħmilha diffiċli jew impossibbli għall-istudenti li jsiefru;
- noffru aktar għajnuna lill-istudenti mobbli li jkunu ġew jistudjaw fl-Università jew se jmorru jistudjaw barra;
- insaħħu l-pedagoġiji tal-klassi ħalli ntejbu l-elokwenza fid-diskors, id-djalogu, id-dibattitu b'rispett u forom oħra ta' komunikazzjoni, u nrawmu t-tagħlim u l-ħsieb kritiku;
- nippromwovu l-interazzjoni u d-djalogu f'komunità multinazzjonali u multikulturali fuq il-kampus;
- niżviluppaw il-gradwati tagħna b'mod sħiħ fl-umiltà, il-kunfidenza u l-kompetenza f'kuntesti varji;
- nagħrfu kif il-bidliet demografiċi futuri tal-popolazzjoni studenteska Maltija jistgħu jaffettwaw il-profil attwali tal-istudenti. Dan ġie propost mit-tibdil demografiku tal-iskejjel li qed ikollhom żieda fit-tfal ta' ċittadini li mhumiex Maltin;
- inħarrġu l-istaff f'kompetenzi multikulturali.

## Il-Klassifiki Globali u l-Immaniġġjar tar-Reputazzjoni

L-Università ta' Malta qiegħda ssir b'rata mgħaġġla istituzzjoni ta' għażla u mhux aktar ta' inevitabbiltà. L-istudenti lokali li jagħżlu li jistudjaw f'Malta għandhom varjetà ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla minn fejn jagħżlu, mill-MCAST u l-ITS sa provdituri privati tal-edukazzjoni ogħla u fergħat ta' universitajiet internazzjonali.

L-Università għandha tkun iżjed proattiva fir-rigward tal-istudenti li jiġu minn barra biex isegwu programm inizjali, ta' bażi għall-ewwel grad, korsijiet tal-ewwel grad, u oħrajn postgradwatorji. Irridu niżviluppaw il-viżibbiltà u r-reputazzjoni tagħna internazzjonalment. L-Università għandha l-opportunità li tuża l-esperjenzi pożittivi tal-alumni internazzjonali minn fommhom stess. Għalhekk, jeħtieġ li nikkomunikaw l-għarfien espert u l-programmi tal-Università tagħna biex inrawmu u nikkultivaw il-marka tagħha, niżviluppaw immaġni pożittiva fil-qasam vast u kompetittiv tal-edukazzjoni ogħla.

L-Università ta' Malta tikklassifika ruħha mal-aqwa 4% mit-28,800 istituzzjoni tal-edukazzjoni terzjarja madwar id-dinja. L-Università kklassifikat fid-951 post fl-2019, u diġà avvanzat fil-klassifika meta tqis li fl-2016 kienet fl-1243 post (Webometrics). Aħna konvinti li flimkien, nistgħu niksbu riżultati aħjar għall-ġejjieni.

Sabiex nikkonsolidaw u ntejbu l-prattiċi eżistenti, se nimmiraw li:

- nagħmlu l-Università aktar viżibbli permezz tal-klassifiki u bis-saħħa tal-ambaxxaturi nazzjonali u l-konsli onorarji;
- nibnu, inrawmu u ninvolvu regolarment il-kuntatt mal-alumni tal-Università;
- nippromwovu l-Università ta' Malta bħala università stabbilita b'kampus f'sit storiku ta' wirt dinji, u l-eqdem università mit-53 pajjiż tal-Commonwealth barra r-Renju Unit;
- inrawmu kultura ta' żvilupp professjonali kontinwu fost l-istaff, li tinvolvi żjarat f'universitajiet barranin;
- inżidu n-numru ta' riċerkaturi f'livell ta' dottorat u n-numru ta' akkademiċi residenti bi grad ta' dottorat li jmexxu riċerkaturi oħra għad-dottorat;
- inżidu n-numru ta' profili tar-riċerkaturi fuq il-pjattaformi ewlenin kollha permezz ta' studjużi u riċerkaturi dottorali u postdottorali ħalli niċċelebraw l-pubblikazzjonijiet tagħhom u ngħollu l-profil tal-Università;
- inħeġġu studjużi ta' fama biex jiżviluppaw il-paġna tagħhom stess fil-Wikipedia;
- nifhmu b'mod kritiku u nidentifikaw għaliex l-istudenti internazzjonali jagħżlu lil Malta;
- nippromwovu programmi speċifiċi li huma attraenti għall-istudenti internazzjonali, ngħidu aħna billi nipprovdu d-dettalji ta' opportunitajiet tax-xogħol lill-istudenti internazzjonali meta jkunu qed jistudjaw u wara;
- nimmiraw ħidmitna fuq il-'pajjiżi sors' b'kampanji speċifiċi ta' reklamar li jistgħu jintlaħqu billi ngħammru l-fakultajiet, l-istituti, iċ-ċentri u l-iskejjel b'ħiliet fi programm speċifiku ta' reklamar permezz tal-mezzi soċjali.

F'konformità mal-inizjattivi l-ġodda proposti, se nistinkaw biex:

- nintroduċu persuni amministrattivi u akkademiċi ta' kuntatt f'kull fakultà, istitut, ċentru u skola biex jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' internazzjonalizzazzjoni;
- nagħmlu użu mill-istudenti internazzjonali eżistenti bħala aġenti jew ambaxxaturi tal-Università għall-promozzjoni tal-programmi universitarji f'pajjiżhom;
- insegwu u nissorveljaw il-ħafna memorandi ta' ftehim u l-ftehimiet iffirmati mill-Università ma' istituzzjonijiet internazzjonali oħra;
- noffru iżjed programmi dottorali konġunti ma' universitajiet internazzjonali b'reputazzjoni tajba, li jistgħu jinvolvu tagħlim elettroniku u metodi mħallta ta' tagħlim;
- nippromwovu preżentazzjonijiet ta' kandidati dottorali u ta' riċerkaturi postdottorali mal-komunità usa' tal-kampus u mas-soċjetà ċivili;
- inħeġġu studenti internazzjonali ikbar fl-età biex jagħżlu li jistudjaw fl-Università; dan ifisser li rridu niżviluppaw servizzi li jaqdu aħjar il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

**L-Istudenti Internazzjonali**

L-Università għandha l-għan li twessa' t-tagħlim u r-riċerka postgradwatorji billi tattira studenti postgradwatorji intelliġenti u mimlija talenti. Dan jiddependi mill-ħila tal-Università li tappoġġja studenti bħal dawn matul iż-żmien tar-riċerka tagħhom f'Malta. Nilqgħu boroż ta' studju u apprentistati ffinanzjati mill-industrija jew mill-gvern, u l-Università għandha l-potenzjal li toffri boroż ta' studju f'oqsma strateġiċi ta' interess. Biex intejbu l-prattiċi li diġà jeżistu, se naraw li:

- nipprovdu għotjiet jew supplimenti lir-riċerkaturi dottorali internazzjonali;
- noffru għotjiet jew boroż ta' studju lill-istudenti internazzjonali li għaddejjin bl-istudju postgradwatorju tagħhom, b'mod full-time, l-aktar bir-riċerka;
- inkunu disposti u nappoġġjaw l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-kapital uman f'dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Billi nimpenjaw ruħna għal inizjattivi ġodda, se nippruvaw:

- nidentifikaw fondi dottorali u postdottorali, possibbilment mill-fondi tal-gvern;
- noffru taħriġ fuq kif jitmexxew ir-riċerkaturi dottorali;
- nassistu lill-Iskola għad-Dottorat biex tibda tieħu iżjed inizjattivi ħalli tappoġġja l-benesseri tal-istudenti kollha tagħha;
- inħeġġu boroż ta' studju u programmi ta' assistenza fit-tagħlim u r-riċerka li jappoġġjaw l-istudenti internazzjonali;
- nikkunsidraw il-possibbiltà li ninvestu f'Dar għall-Gradwati li takkomoda l-istudenti gradwati u l-familji tagħhom.

**L-Involviment Internazzjonali**

Iċ-ċokon ta' Malta jobbligana, bħala komunità tal-Università, biex nibqgħu f'kuntatt mad-dinja t'hemm barra. L-istaff akkademiku, amministrattiv, industrijali u tekniku jista' u għandu jopera ma' identitajiet lokali imma jistagħna bl-opportunitajiet billi jikkollabora ma' studjużi jew amministraturi minn bnadi oħra li jaħsbuha bħalhom.

Il-programm Erasmus, u l-fergħat varji tiegħu, huwa kapulavur tal-integrazzjoni Ewropea u jistħoqqlu attenzjoni partikolari. L-Università tibbenefika mill-programm Erasmus li jipprovdi għajnuna finanzjarja lill-istudenti li jmorru għal skambji ta' programmi ta' tagħlim matul is-semestri akkademiċi, u lil dawk li jkunu jixtiequ jqattgħu perjodu ta' impjieg barra minn Malta bħala apprentisti matul il-vaganzi tas-sajf. Għandna l-għan li nżidu n-numru ta' apprentistati b'kampanja indirizzata għall-istudenti u l-komunità akkademika usa'. Jekk insaħħu l-infrastruttura meħtieġa biex l-istudenti jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' min iħaddem l-apprentisti barra minn Malta, inkunu qed intejbu wkoll l-opportunitajiet tal-istudenti tagħna.

Fid-dawl tal-prattiċi eżistenti u bl-għan tagħna li ntejbu dan is-settur, se:

- inħeġġu lill-akkademiċi biex jinvolvu ruħhom aktar f'kull aspett internazzjonali ta' xogħolhom (konferenzi, proġetti, sessjonijiet ta' taħriġ, reviżjonijiet minn kollegi akkademiċi, bordijiet editorjali, stediniet għal lekċers, u eżaminazzjoni jew superviżjoni ta' studenti barranin) għaliex esperjenzi bħal dawn jistgħu jkunu ta' gwadann għall-kwalità tal-ispazji tat-tagħlim u għat-tisħiħ tal-ħiliet tal-istudenti;
- nippromwovu l-formazzjoni ta' oqsma ġodda ta' riċerka biex niżviluppaw razzjonali għal kollaborazzjonijiet internazzjonali ġodda u differenti;
- ninsistu mal-istudenti biex imorru semestru barra minn Malta u, għalhekk, il-fakultajiet, l-istituti, iċ-ċentri u l-iskejjel għandhom ikunu aktar flessibbli biex iħaffu l-iskambju ta' mobilità tal-Erasmus billi ma jobbligawx lill-istudenti jsegwu kurrikulu barra l-pajjiż li hu identiku għal dak lokali;
- nippromwovu u nżidu l-apprentistati tal-Erasmus biex noffru esperjenza internazzjonali ta' xogħol lill-istudenti;
- nikkunsidraw li noffru perjodi iqsar ta' żmien barra minn Malta għal studenti li, għal diversi raġunijiet, jista' ma jkollhomx ir-rieda li jmorru għal kwalunkwe esperjenza ta' mobilità;
- intejbu l-gwida li noffru lill-akkademiċi fuq kif jipparteċipaw fi proġetti internazzjonali.

Fid-dawl tal-inizjattivi l-ġodda, l-Università tipproponi li:

- nipprovdu sensittività kulturali speċifika u taħriġ ta' kompetenza interkulturali lill-istaff permezz tal-Uffiċċju OPAD u l-Uffiċċju tal-Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp;
- inħeġġu lill-akkademiċi jqattgħu żmien barra minn Malta matul il-perjodu sabbatiku tagħhom;
- nintegraw id-diversità fl-attivitajiet universitarji;
- ninsistu mal-akkademiċi biex jespandu fuq livell internazzjonali permezz tal-fondi istituzzjonali għar-riċerka;
- nistimulaw investiment finanzjarju li jappoġġja esperjenzi qosra, u aktar intensivi, barra minn Malta għall-istaff industrijali, tekniku u amministrattiv u għall-istudenti b'impjieg bi ħlas jew li huma attivi fis-settur volontarju lokali.



## Tabella 7: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar il-Viżjoni Internazzjonali

| L-Istrateġiji Ewlenin | L-Istrateġiji Biex Nilħqu l-Għanijiet |
|---|---|
| • **Insaħħu u nżidu r-relazzjonijiet internazzjonali tal-istudenti f'Malta li bħalissa għaddejja minn żmien ta' żieda fil- kożmopolitaniżmu** | • Nintegraw diversi esperjenzi ta' studenti internazzjonali u ntejbu l-laqgħat interkulturali fuq il-kampus kollu<br>• Inħeġġu u nippromwovu Università multilingwi<br>• Nippjanaw għar-residenzi taċ-Ċentru tal-Gradwati (Graduate Hub)<br>• Inħeġġu l-Programmi ta' Kumpanni<br>• Nesploraw għażliet ta' familji ospitanti jew sħubiji ma' ordnijiet reliġjużi biex noffru akkomodazzjonijiet bi prezzijiet raġonevoli għall-istudenti<br>• Ninvestu f'faċilitajiet sportivi u spazji għall-prestazzjoni u l-attivitajiet<br>• Insaħħu r-rabtiet tagħna mal-iskejjel privati tal-Ingliż bħala provdituri tal-edukazzjoni ta' qabel l-Università<br>• Intejbu l-viżibbiltà ta' kif l-istudenti internazzjonali jistgħu jaħdmu f'Malta matul il-perjodu tal-istudju tagħhom u wara<br>• Nimmiraw ħidmitna fuq il-'pajjiżi sorsi' b'inizjattivi kummerċjali adattati<br>• Nipprovdu lill-fakultajiet, l-istituti, iċ-ċentri u l-iskejjel il-ħiliet meħtieġa biex ikunu jistgħu jmexxu 'l quddiem programmi ta' studju speċifiċi b'mod effettiv permezz tal-mezzi soċjali<br>• Nidentifikaw għaliex l-istudenti barranin jagħżlu lil Malta u l-Università<br>• Ninvolvu lill-istudenti u l-alumni bħala ambaxxaturi tal-Università |
| • **Insaħħu u nżidu l-internazzjonalizzazzjoni tal-istaff** | • Nappoġġjaw il-kuntatti li jkollhom il-membri tal-istaff akkademiku ma' barra minn Malta<br>• Inħarrġu lill-istaff fil-kompetenza multikulturali u s-sensittività kulturali<br>• Inrawmu fl-istaff kultura ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu<br>• Noħolqu Profili tal-Google Scholar għall-akkademiċi kollha biex iħabbru u juru l-għarfien espert tagħhom<br>• Inwaqqfu numru ta' 'persuni ta' kuntatt' amministrattivi u akkademiċi f'kull fakultà, istitut, ċentru u skola biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-internazzjonalizzazzjoni |
| • **Inħarsu u nxerrdu l-fama tajba li għandha l-Università** | • Nagħtu viżibbiltà aħjar lill-Università permezz tal-klassifiki, l-ambaxxaturi ta' Malta u l-konsli onorarji<br>• Nibnu, inrawmu u nindukraw il-kuntatt mal-alumni u bejniethom<br>• Noħolqu u nrawmu gruppi tal-alumni barra minn Malta |
| • **Nattiraw studenti postgradwatorji internazzjonali** | • Intejbu l-proċessi interni biex intejbu l-esperjenza tal-istudenti u r-riċerkaturi internazzjonali f'Malta<br>• Noffru għotjiet, boroż ta' studju u opportunitajiet ta' tagħlim lill-istudenti internazzjonali<br>• Nidentifikaw aktar sorsi diversi ta' fondi għar-riċerka |
| • **Inwessgħu l-involviment reċiproku u rikk tal-Università mar-reġjun u mad-dinja** | • Inħeġġu involviment ikbar, imsaħħaħ u impenjattiv mill-akkademiċi f'kull aspett internazzjonali ta' xogħolhom<br>• Inħeġġu oqsma u gruppi ġodda ta' riċerka li jservu ta' bażi għal alleanzi internazzjonali ġodda u differenti<br>• Innebbħu iżjed studenti biex jagħżlu l-mobilità tal-Erasmus bi programmi ta' skambji akkademiċi u apprentistati<br>• Inkunu disposti u nappoġġjaw l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-ħolqien tal-kapital uman fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw |

# Tema Strateġika 7: Is-Sostenibbiltà

## Naġixxu b'Mod Responsabbli u Nipproteġu l-Ġejjieni Tagħna

L-Università ta' Malta hija impenjata li twassal is-sostenibbiltà skont il-prinċipji tal-Miri għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Magħquda. Il-kunsiderazzjonijiet tas-sostenibbiltà se jiġu integrati mal-funzjonijiet kollha, li jinkludu l-amministrazzjoni, l-istruzzjoni, u r-riċerka, u se jitmexxew minn kumitat iddedikat li jirrapporta direttament lir-Rettur. L-istrateġija, il-linji gwida, l-assessjar, l-infrastruttura tal-informatika, l-immaniġġjar tal-proġetti, il-komunikazzjoni, il-kuxjenza, it-taħriġ, l-istruzzjoni, ir-riċerka, u l-kuntatti meħtieġa se jiġu intensifikati bil-ħsieb li l-Università tinbidel f'laboratorju ħaj ta' prattika xierqa sostenibbli.

**Niżviluppaw Art u Binjiet Sostenibbli**

Il-Kampus tal-Imsida huwa magħmul minn numru ta' binjiet imdawra bi spazji miftuħa u ħodor. Madwar 33% tad-dawra tal-kampus qed tinbena. L-ispazji ambjentali miftuħa huma ta' benefiċċju għall-komunità tal-kampus. L-inħawi bis-siġar tal-Kampus tal-Imsida jeħtieġu manutenzjoni kontinwa li tista' ssir iżjed faċilment bl-introduzzjoni ta' ġabra tal-informatika dettaljata dwar is-siġar. Is-sostenibbiltà ta' dawn l-inħawi tista' titjieb bit-tħawwil ta' siġar indiġeni u, possibbilment, bil-promozzjoni ta' intrapriża ambjentali, bħal fil-każ tas-siġar taż-żebbuġ, jekk u meta jkun possibbli. Minħabba li dawn l-ispazji ekoloġiċi qegħdin f'livelli differenti, l-aċċessibbiltà għalihom toffri sfida. Il-parkeġġ jieħu 47% tal-art sħiħa tal-Kampus tal-Imsida, li ma tinkludix l-inħawi bis-siġar. It-traffiku u d-domanda għall-parkeġġ qed jagħmlu pressjoni fuq ir-riżorsa tal-art tal-kampus. Meta tqis il-medda kbira ta' art li tintuża għall-infrastruttura tat-toroq u l-parkeġġi, malajr tintebaħ li din l-infrastruttura jeħtieġ li tkun immaniġġjata aħjar.

Filwaqt li l-kampus igawdi minn spazji miftuħa u ambjentali, id-domanda għall-ispazju qiegħda dejjem tikber, tant li diversi spazji qed jittieħdu biex jittellgħu binjiet ġodda u aktar sulari fuq il-binjiet eżistenti. L-Għodod għall-Assessjar tas-Sostenibbiltà jeħtieġ li jintużaw fil-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda u fir-rinovar tal-binjiet u l-infrastruttura. Ix-xogħol tal-kostruzzjoni joħloq volumi kbar ta' skart tat-twaqqigħ u l-iskavar li jeħtieġ li jiġu indirizzati bi prattiċi innovattivi. Minħabba ż-żieda fid-domanda għall-ispazju, ix-xogħlijiet li għaddejjin fuq binjiet ġodda, l-estensjonijiet tal-bini, u x-xogħol ta' rinovar iwasslu għal diversi xogħlijiet permanenti f'partijiet differenti tal-kampus, li jippreżentaw sfidi fl-immaniġġjar ta' dawn l-ispazji.

Iż-żieda fid-domanda għall-ispazju fi ħdan il-bini u 'l barra minnu jeħtieġ li tiġi indirizzata, ngħidu aħna, bi prattiċi alternattivi tax-xogħol. Filwaqt li l-ħtieġa ta' adattabilità u flessibbiltà fl-użu tal-ispazji hija importanti biex nilħqu l-ħtiġijiet tal-ġejjieni tal-Università, inkluż fit-tfassil tal-proġetti ta' twaqqigħ, hemm bżonn ukoll li jintgħażlu komponenti tal-bini li jkunu jistgħu jiġu żmantellati biex jerġgħu jintużaw jew jiġu rriċiklati. Fl-istess waqt, il-binjiet eżistenti jistgħu jintużaw bħala laboratorju ħaj għar-riċerka fuq l-evalwazzjoni ta' interventi u assessjar tal-prestazzjoni.

**Innaqqsu, Nerġgħu Nużaw u Nirriċiklaw l-Iskart**

Fl-Università diġà hemm proċeduri għar-rimi ta' tipi differenti ta' skart, bħall-iskart tal-apparat tal-IT u kimiku. Fl-istess waqt, se nibqgħu naħdmu biex niżviluppaw politika ċara għall-immaniġġjar tal-iskart b'miri għar-rimi tal-karti, il-plastik, l-iskart organiku, il-metalli, l-iskart elettroniku, l-iskart perikoluż, u t-terrapien tal-kostruzzjoni u t-twaqqigħ. Din għandha tinkludi strateġiji differenti li jinvolvu l-iżvilupp ta' proċeduri u linji gwida, il-provvista ta' infrastruttura, il-komunikazzjoni u inċentivi jew diżinċentivi, u l-infurzar, li jwasslu għat-tnaqqis, is-separazzjoni u r-rimi sigur ta' kull tip ta' skart solidu. L-akkwist ta' materjali mmanifatturati b'mod sostenibbli, iċ-ċarezza dwar l-obbligi għall-immaniġġjar tal-iskart fil-kuntratti, u t-titjib fl-inventarji bl-iskop li naqsmu bejnietna l-istess riżorsi, nużawhom mill-ġdid jew nirkuprawhom, bħall-għamara, fi ħdan il-kampus huma wkoll miżuri importanti.

B'rabta mal-iskart, it-tnaqqis fl-użu tal-karta għandu jiġi assessjat minħabba l-kwantitajiet kbar ta' karti li niġġeneraw. Għandu jiġi studjat ukoll il-potenzjal li niddiġitalizzaw aktar (assenjamenti, eżamijiet b'eżerċizzji b'għażla multipla), filwaqt li nagħrfu li l-pjattaformi tal-VLE u l-AIMS diġà ħallew effett pożittiv. It-tneħħija tal-użu tal-plastik li jintuża darba biss fil-qasam tal-ikel u fid-dokumentazzjoni tal-assessjar, il-potenzjal li l-iskart organiku jinqaleb f'kompost, u l-ħażna sigura tal-iskart tal-kostruzzjoni, huma importanti wkoll. Fejn japplika, l-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri ssir bi proġetti pilota jew permezz tar-riċerka, filwaqt li l-ġbir tal-informazzjoni b'mod regolari għandu jipprovdi l-evidenza neċessarja dwar il-progress.

**Nestendu l-Miżuri ta' Effiċjenza fl-Enerġija**

Diversi miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u inizjattivi għall-enerġija rinovabbli ġew implimentati fuq il-kampus u fil-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela fl-aħħar snin. Dawn jinkludu l-ftuħ ta' park solari għall-iġġenerar ta' enerġija rinovabbli, il-bdil tal-bozoz f'oħrajn effiċjenti fl-enerġija, il-bdil ta' tubi fluworexxenti u ta' bozoz bl-aloġenu u s-sodju, u l-installazzjoni ta' sistemi ċentralizzati ta' arja kkundizzjonata intelliġenti li tista' tiġi kkontrollata bl-ethernet. Dawn l-inizjattivi differenti wasslu għal tnaqqis fl-impronta tal-karbonju tal-Università, u ġew iffrankati daqs 1,000 tunnellata ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-konsum annwali, filwaqt li l-konsum tal-enerġija bejn l-2015 u l-2018 (inklużi) kien inqas mill-konsum tal-2014. Għadd ta' binjiet fuq il-kampus għandhom il-konsum tal-enerġija primarja taħt il-miri nazzjonali għall-binjiet mhux residenzjali b'konsum ta' enerġija baxx.

Il-programm ta' tnaqqis fl-emissjoni tal-karbonju jeħtieġ li jibqa' sostnut matul is-snin li ġejjin b'enfasi kemm fuq l-investiment kontinwu f'sistemi ċentralizzati ta' arja kkundizzjonata effiċjenti li tista' tiġi kkontrollata u li jistgħu jieħdu post l-air conditioners l-antiki, fuq l-użu ta' miżuri passivi li jkomplu jgħinuna nnaqqsu d-domanda għall-konsum tal-enerġija fil-binjiet, fuq l-installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi fil-binjiet il-ġodda, kif ukoll fuq l-użu ta' sensors li meta jindunaw bil-preżenza ta' xi ħadd jixegħlu d-dawl, b'risq l-immaniġġjar aktar effiċjenti tal-enerġija.



Se nfasslu pjan dettaljat biex indaħħlu sistemi intelliġenti fil-binjiet l-antiki, u se niffukaw biex niksbu l-fondi neċessarji għar-restawr u r-rinovazzjoni tal-binjiet l-antiki ta' fuq il-kampus. B'hekk, inkunu nistgħu nżidu n-numru ta' binjiet b'konsum ta' enerġija baxx.

**Nibżgħu għall-Ilma u Nnaqqsu l-Konsum**

L-ilma huwa riżorsa importanti f'Malta u l-konservazzjoni tiegħu toffri sfida kruċjali. Fuq il-kampus teżisti sistema effiċjenti għall-ġbir tal-ilma tax-xita f'numru sinifikanti ta' ġibjuni. L-ilma tat-tieni klassi li jinħażen f'dawn il-ġibjuni jintuża għat-tisqija u l-ilma li jinġabar fil-ġibjuni tal-binjiet il-ġodda jintuża għall-ifflaxxjar tat-toilets. Madwar il-kampus ġew installati wkoll diversi għejun tal-ilma tax-xorb. Minkejja dan, se nippruvaw intejbu s-sistemi tal-ġbir tal-ilma, inkluż dak li jinġabar fil-ġibjuni, biex jintuża mill-ġdid u jiġi rriċiklat. Dawn is-sistemi huma meħtieġa f'oqsma speċifiċi fejn il-ġbir tal-ilma fil-ġibjuni mhuwiex daqstant effettiv.

Barra minn hekk, filwaqt li ż-żieda fil-kuxjenza għall-konservazzjoni tar-riżorsi wasslet għal titjib fl-użu tal-ilma u tal-enerġija f'bosta binjiet fuq il-kampus, se nkomplu naħdmu biex innaqqsu aktar il-konsum tal-ilma u, fejn hu possibbli, nippromwovu l-konservazzjoni tal-ilma b'kampanji edukattivi. Fejn hu prattiku, jistgħu jiġu adottati wkoll sistemi intelliġenti għal inqas ħela tal-ilma. Il-ħela tal-ilma fuq il-kampus, li tinkludi wkoll l-ilma li jintrema mil-laboratorji, tista' tiġi indirizzata u l-infrastruttura għall-użu ta' ilma griż għall-applikazzjonijiet sekondarji għandha tiġi estiża. Se nqisu l-possibbiltà li ninvestu f'impjant għar-riċiklar tal-ilma mormi fuq il-kampus biex ikun jista' jintuża għat-tisqija tax-xtieli u s-siġar li għandna fuq il-kampus.

**Inħeġġu Miżuri ta' Trasport Sostenibbli**

Fl-2011 l-Università adottat l-ewwel Pjan ta' Vvjaġġar Favur l-Ambjent. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-Università implimentat diversi inizjattivi li għandhom x'jaqsmu mal-ivvjaġġar ekoloġiku sal-Kampus tal-Imsida. Il-limitazzjoni fl-ispazji ta' parkeġġ introdotta fil-Pjan Lokali tal-2006, isservi ta' deterrent għaż-żieda fl-użu tal-karozzi sal-kampus u lura. Jekk l-immaniġġjar effettiv tal-parkeġġi jingħata prijorità, ikun jista' jsir programm ta' monitoraġġ li jipprovdi l-informazzjoni neċessarja fuq id-domanda tal-parkeġġ fil-Kampus tal-Università, u jitfassal pjan għall-immaniġġjar aħjar tal-parkeġġi fuq il-kampus, li jista' jinkludi l-użu ta' diżinċentivi finanzjarji li jkollok tħallas biex tipparkja.

Il-Kampus tal-Imsida għandu sistema diretta ta' trasport pubbliku bejnu u kull lokalità f'Malta, u sistemi diretti u pronti li jwassluk saż-żoni tal-Park and Ride tal-Marsa u ta' Pembroke. Se nkomplu nħeġġu biex tiżdied il-komunità ta' dawk li jimxu u li jsuqu r-rota, u se naraw li ntejbu l-faċilitajiet tal-kampus u ta' 'l barra minnu. Il-ħolqien ta' bankina mad-dawra tal-Università huwa investiment bżonjuż ħafna biex jiżdiedu s-sigurtà u l-aċċess fil-kampus. Se nikkunsidraw il-ħolqien ta' rotot siguri għall-mixi u għar-roti li jwassluk sal-kampus u lura. Dawn jiġu proposti lill-gvern. Is-servizz ta' trasport li jopera skont id-domanda jista' jgħin b'mod pożittiv, l-użu tat-teknoloġija tal-ismartphones tista' tiffaċilita l-monitoraġġ, u l-ivvjaġġar li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali tal-Università. L-Università se tikkunsidra wkoll li tieħu sehem fil-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità b'attivitajiet fil-jum bla karozzi li jiġi organizzat fil-pajjiżi Ewropej.

**Inwasslu t-Taħriġ u r-Riċerka dwar is-Sostenibbiltà**

L-Università għandha s-setgħa li twassal struzzjoni u riċerka fuq prattiċi sostenibbli f'għadd ta' istituti u dipartimenti tagħha. Il-Kunsill Studenti Universitarji u l-korpi studenteski l-oħra huma parteċipanti attivi, bħal ħafna akkademiċi li huma konsulenti jew jaħdmu ma' entitajiet tal-gvern jew ma' għaqdiet mhux governattivi li jippromwovu prattiċi sostenibbli.

Madankollu, huwa meħtieġ li jingħata tagħlim u taħriġ lill-individwi, mhux biss lill-istudenti u l-akkademiċi, iżda anke lill-istaff ta' għajnuna awżiljarja. Se nħeġġu li ssir reviżjoni tat-taqsimiet-studju relatati mas-sostenibbiltà, li qegħdin jiġu offruti, biex nimlew il-vojt fl-għarfien li hu meħtieġ jitwassal. Irridu nqisu li nintegraw prattiċi sostenibbli fil-programmi, u li s-sostenibbiltà tkun waħda mill-kisbiet tat-tagħlim li joħorġu mill-korsijiet. Għal dan il-għan, l-istudenti għandhom jingħataw aċċess għal taqsimiet-studju elettivi fil-programmi ta' studju lil hinn mill-fakultà li jkunu rreġistrati magħha biex nippromwovu l-għażla ta' taqsimiet-studju dwar is-sostenibbiltà. Għandna nħeġġu proġetti konġunti bejn individwi ta' dixxiplini differenti. Għandhom jiġu introdotti wkoll korsijiet ġenerali dwar l-apprezzament tal-flora u l-fawna lokali u dwar il-prattiċi ta' sostenibbiltà.

**Nippromwovu l-Prassi favur Ħajja Sana**

L-Università se tippromwovi żieda fl-aċċessibbiltà ta' firxa usa' ta' ikel sustanzjuż fl-istabbilimenti kollha tal-ikel li hawn fuq il-kampus. Din l-inizjattiva se tkun segwita b'kampanja effettiva ta' kuxjenza fuq kemm saħħitna tiddependi fuq dak li nieklu. Min-naħa tas-saħħa fiżika, minbarra li l-eżerċizzju fiżiku jtejjeb saħħet dawk li jiġu l-Università bil-mixi jew bir-rota, jeħtieġ li jkun hemm aktar promozzjoni biex inħeġġu stil ta' ħajja b'saħħitha bis-saħħa tal-eżerċizzju u l-isport. Dan jirrikjedi infrastrutturi fuq il-kampus għas-saħħa fiżika u l-promozzjoni ta' attivitajiet sportivi li jittellgħu fuq bażi regolari, kull semestru. L-Università se tikkonsolida l-politika tagħha ta' kampus 'ħieles mit-tabakk'.

Kontribuzzjoni oħra għal ħajja b'saħħitha tista' ssir mill-Università billi tipprovdi taħriġ xieraq fuq programmi ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja għall-istaff tagħha. Barra minn hekk, il-provvista akbar ta' sigħat flessibbli ta' xogħol għall-impjegati kollha tal-Università, tkompli ssaħħaħ din ix-xewqa ta' stil ta' ħajja b'saħħitha.

## Tabella 8: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar is-Sostenibbiltà

| L-Istrateġiji Ewlenin | L-Istrateġiji Biex Nilħqu l-Għanijiet |
|---|---|
| • **Niżviluppaw art u binjiet sostenibbli** | • Napplikaw għodod għall-assessjar tas-sostenibbiltà fil-binjiet il-ġodda u fir-rinovar tal-binjiet u l-infrastruttura<br>• Nintegraw l-ispazji miftuħa u nċaqalqu l-parkeġġi biex inżidu l-ispazji ħodor fejn l-istudenti u l-istaff jistgħu jaqraw u jiltaqgħu<br>• Nippermettu l-flessibbiltà fl-użu tal-ispazju tal-binjiet ġodda, l-estensjonijiet u rinovar<br>• Insegwu proċessi ta' akkwist ambjentali u nużaw materjali bl-inqas dannu għall-ambjent<br>• Nadottaw pjan għat-twaqqigħ, it-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-riċiklar tal-bini, ir-radam tat-twaqqigħ u t-tħaffir, u l-użu ta' materjali riċiklabbli fil-kostruzzjoni |
| • **Innaqqsu, nerġgħu nużaw u nirriċiklaw l-iskart** | • Intejbu l-politika, il-linji gwida, il-miri, l-infrastruttura, il-miżuri, il-komunikazzjoni u l-infurzar biex innaqqsu, nagħżlu u narmu l-iskart b'mod sigur<br>• Intejbu s-sistema tal-akkwist tal-prodotti u s-servizzi kollha biex inħeġġu sorsi sostenibbli, b'enfasi fuq ir-responsabbiltà tal-produttur<br>• Infasslu applikazzjoni ta' inventarju għall-użu komuni, l-użu mill-ġdid u l-irkupru tar-riżorsi<br>• Neliminaw l-użu tal-plastik li jintuża darba biss fl-ikel u x-xorb<br>• Innaqqsu l-karta mill-formoli, mill-materjali tat-tagħlim u mill-assessjar permezz tad-diġitalizzazzjoni |
| • **Nestendu l-miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija** | • Insegwu sistemi ta' arja kkundizzjonata effiċjenti fl-użu tal-enerġija<br>• Nippromwovu miżuri attivi u passivi għal tnaqqis fil-konsum tal-enerġija<br>• Inżidu l-binjiet bil-valuri tal-konsum tal-enerġija primarja taħt il-miri stabbiliti għall-binjiet b'konsum baxx<br>• Ngħammru l-binjiet qodma b'sistemi intelliġenti tal-immaniġġjar tal-enerġija<br>• Nibdlu l-flotta tal-karozzi tal-Università f'vetturi elettriċi<br>• Nibqgħu għaddejjin b'iżjed inizjattivi għat-tnaqqis tal-emissjoni tal-karbonju |



| | |
|---|---|
| • **Nibżgħu għall-ilma u nnaqqsu l-konsum** | • Intejbu l-mod li bih niġbru u naħżnu l-ilma f'ġibjuni kbar fil-binjiet il-ġodda<br>• Inżidu l-użu tas-sistemi intelliġenti għall-konservazzjoni tal-ilma<br>• Nestendu r-riċiklar u l-infrastruttura tal-ilma mormi għal applikazzjonijiet sekondarji<br>• Nagħmlu kampanja ta' komunikazzjoni biex nippromwovu l-konservazzjoni tal-ilma<br>• Inżidu l-għejun tal-ilma tax-xorb fuq il-kampus<br>• Inlestu azzjonijiet għat-tnaqqis tal-konsum tal-ilma fil-laboratorji u l-binjiet tagħna |
| • **Inħeġġu miżuri ta' trasport sostenibbli** | • Ninċentivaw l-ivvjaġġar attiv u niskoraġġixxu l-ivvjaġġar bil-karozza fil-Pjan ta' Vvjaġġar Favur l-Ambjent<br>• Nimplimentaw korsiji siguri għar-roti u bankini fit-toroq pubbliċi<br>• Nintroduċu servizz ta' trasport li jopera skont id-domanda<br>• Niżviluppaw is-sistema ta' monitoraġġ tal-parkeġġ biex ikun jista' jitfassal pjan għall-immaniġġjar tal-parkeġġ<br>• Nipparteċipaw fil-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità b'attivitajiet fil-jum bla karozzi |
| • **Inwasslu t-taħriġ u r-riċerka dwar is-sostenibbiltà** | • Inkattru l-interess fuq is-sostenibbiltà fost l-akkademiċi, l-istaff ta' għajnuna u l-istudenti billi nippromwovu ekwità fuq il-kampus<br>• Nippromwovu u nżidu l-korsijiet eżistenti li jiffukaw fuq is-sostenibbiltà<br>• Inħeġġu tagħlim interdixxiplinari u riċerka fuq il-kwistjonijiet ambjentali, soċjali u ta' sostenibbiltà ekonomika<br>• Inħeġġu l-kwistjonijiet ta' sostenibbiltà bħala kisbiet mit-tagħlim f'iżjed taqsimiet-studju<br>• Nintroduċu l-programmi ta' tutur billi nsieħbu akkademiċi anzjani ma' oħrajn ġodda |
| • **Nippromwovu l-prassi favur ħajja sana** | • Inħeġġu d-disponibbiltà ta' ikel sustanzjuż fl-istabbilimenti tal-ikel tal-kampus<br>• Nippromwovu s-saħħa u l-eżerċizzju fiżiku billi ntejbu l-infrastruttura, l-avvenimenti u l-attività sportiva<br>• Nikkonsolidaw il-politika ta' kampus 'ħieles mit-tabakk'<br>• Nippromwovu programm ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, u sigħat flessibbli ta' xogħol għall-ħaddiema kollha |



# Is-Servizzi u s-Sapport Amministrattiv

**Noħolqu Ekosistema ta' Infrastruttura u Sapport**

Biex l-Università tilħaq l-għanijiet tal-Pjan Strateġiku, jeħtieġ li noħolqu ekosistema ta' infrastruttura u sapport edukattiv li tippromwovi ambjent li jwassal għal livell għoli ta' struzzjoni u riċerka. L-istudenti u l-istaff tagħna jeħtieġu s-sapport u l-gwida meta jipparteċipaw fil-programmi tat-tagħlim jew meta jagħmlu r-riċerka għax dawn jgħinuhom jipproduċu xogħol li jħalli impatt fuq l-akkademja, l-industrija u s-soċjetà. L-ambjenti ta' struzzjoni u studju u l-infrastruttura anċillari tas-servizzi ta' għajnuna jistgħu jkunu fatturi b'saħħithom li jippermettu l-għerf, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà.

*Allokazzjoni Ġusta ta' Riżorsi*

Il-provvista tas-servizzi ta' għajnuna għandha tkun imparzjali, ġusta u prattika biex tgħin lill-istudenti u l-membri tal-istaff iżidu r-riżultati u l-involviment tagħhom fit-tagħlim. L-allokazzjoni tar-riżorsi se tibqa' msejsa fuq informazzjoni preċiża dwar il-ħtiġijiet edukattivi, u evalwata bi proċess trasparenti u sistematiku.

*L-Immaniġġjar Imsejjes fuq l-Evidenza*

Huwa importanti li nħeġġu t-teħid tad-deċiżjonijiet li jkun imsejjes fuq l-evidenza u li nibbilanċjaw ix-xewqa, mill-aktar xierqa, tal-Università li l-inizjattivi l-ġodda jittieħdu wara li tkun saret evalwazzjoni tagħhom, b'tali mod li l-proġetti jibqgħu sostenibbli fit-tul.

*Is-Sinerġija u l-Effiċjenza*

Sabiex noffru programmi edukattivi u riċerka avvanzata, il-komunità universitarja teħtieġ għarfien amministrattiv espert speċjalizzat u aġġornat għall-provvista indiskriminata ta' riżorsi umani, servizzi finanzjarji, ippjanar tal-artijiet, teknoloġija tal-informatika, mudelli legali, proċeduri tal-akkwist, komunikazzjoni, proċessi tal-istudenti, servizzi tal-librerija u għajnuna għar-riċerka. Bħala parti mill-metodu prammatiku tagħna, l-Università se tagħraf u ssegwi inizjattivi tal-immaniġġjar li jżidu l-produttività u l-konformità tal-proċessi operattivi ħalli l-istudenti u l-membri tal-istaff ikunu jistgħu jappoġġjaw aħjar il-viżjoni tal-Università.

Se nkomplu niżviluppaw il-programmi edukattivi u s-sħubiji ta' riċerka tal-Università. Hu importanti li l-fakultajiet, id-dipartimenti, iċ-ċentri, l-istituzzjonijiet u l-iskejjel jikkollaboraw biex nibnu bażi finanzjarja sostenibbli billi joħolqu sinerġiji, itejbu l-proċessi tal-istudenti, u jevitaw id-duplikazzjoni tal-programmi, ir-riżorsi u l-ispejjeż matul l-organizzazzjoni.

**Nimmaniġġjaw il-Proċessi filwaqt li nżommu lill-Istudenti fil-Mira Tagħna**

L-Università ta' Malta hija impenjata biex taqdi l-ħtiġijiet tal-istudenti, l-istaff, l-alumni u l-partijiet interessati esterni kollha, kemm prospettivi kif ukoll attwali. Nagħrfu l-ħtieġa għall-effiċjenza fil-provvista tal-proċessi bl-istudenti fil-mira fl-oqsma tal-applikazzjonijiet, l-iskedar u l-assessjar, kif ukoll fl-assigurazzjoni tal-integrità u l-kunfidenzjalità tar-rekords akkademiċi tal-istudenti.




L-Università se tkompli tanalizza l-programmi biex ittejjeb is-servizz li tipprovdi lill-partijiet interessati interni u esterni. L-iżvilupp tal-proċessi, id-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni se jkun iffukat fuq l-istudenti ħalli noffrulhom l-aqwa esperjenza edukattiva possibbli. Se ninvestu u niffukaw fuq it-twassil tal-aqwa sapport teknoloġiku u loġistiku li jiffaċilita l-proċessi essenzjali tal-istudenti billi:

- inwieġbu għat-talbiet ta' informazzjoni dwar il-programmi;
- nimmaniġġjaw l-operat tar-reġistrazzjoni tal-istudenti u t-tnedija tal-programmi ta' studju;
- nippjanaw u nwettqu l-loġistika kollha relatata mal-programmi edukattivi;
- nikkordinaw l-użu tas-swali tal-lekċers u l-ispazju tal-kampus li jinqasam bejn bosta taqsimiet;
- niżguraw l-aqwa użu possibbli tal-opportunitajiet kollha ta' struzzjoni li huma disponibbli għall-istudenti;
- norganizzaw il-proċessi ta' assessjar u l-loġistika tal-eżamijiet;
- niġbru u nirreġistraw l-assessjar tal-istudenti u l-informazzjoni fuq il-programmi akkademiċi;
- nikkordinaw u nipproduċu ċertifikazzjoni uffiċjali;
- nipprovdu l-għajnuna biex niddeterminaw l-eliġibbiltà għall-progress akkademiku;
- ninfurmaw lill-istudenti u l-akkademiċi fuq l-għarfien tal-kwalifiki minn pajjiż għal ieħor;
- nipprovdu informazzjoni relevanti u fil-ħin biex nassistu fit-teħid ta' deċiżjonijiet istituzzjonali

*Uffiċċju għas-Servizzi tal-Istudenti Taħt Saqaf Wieħed*

Għandna l-għan li nwaqqfu uffiċċju li jieħu ħsieb it-talbiet u s-servizzi meħtieġa mill-istudenti li jidħlu l-Università. Dan l-Uffiċċju għas-Servizzi tal-Istudenti Taħt Saqaf Wieħed joffri lill-istudenti tal-programmi akkademiċi kollha l-kumdità li jmorru jew jikkuntattjaw uffiċċju wieħed biex jitkellmu ma' uffiċjali mħarrġa dwar il-proċess tad-dħul fl-Università, ir-rekords akkademiċi u l-kwistjonijiet

finanzjarji. Dan l-ispazju komuni jippermetti wkoll lill-membri tal-istaff iddedikati għall-oqsma tas-servizzi rispettivi tagħhom biex jinteraġixxu, jirrelataw u jikkoperaw ħalli jsolvu l-problemi b'mod aktar effettiv u effiċjenti.

*Iċ-Ċerimonji, iċ-Ċertifikazzjoni u r-Rekords*

Se nistabbilixxu taqsima għaċ-ċerimonji, iċ-ċertifikazzjoni u r-rekords fi ħdan l-Uffiċċju tad-Dħul fl-Università u tar-Rekords biex jieħu ħsieb speċifikament l-organizzazzjoni tal-ftuħ, il-gradwazzjonijiet u avvenimenti uffiċjali oħra, kif ukoll il-ħruġ tat-traskrizzjonijiet, is-supplimenti tad-diplomi u dokumentazzjoni uffiċjali oħra għall-istudenti u l-alumni.

*Id-Diġitalizzazzjoni tad-Dokumenti*

L-Università se tfittex modi kif tnaqqas id-dokumenti stampati għal aktar sostenibbiltà u effiċjenza, u minflokhom tuża mezzi elettroniċi siguri. Din l-istrateġija se taffettwa l-proċessi kollha tal-istudenti li għadhom ma ġewx diġitalizzati, mid-dħul sal-gradwazzjoni tagħhom.

Se noħolqu opportunitajiet biex, bla dewmien, il-formoli tat-talbiet maħruġa fuq il-karti, bħall-formoli għall-bdil tat-taqsimiet-studju jew għall-estensjoni fl-istudju, ikunu disponibbli fuq l-internet.

Proġett kumpless ieħor se jkun jinvolvi l-iżvilupp ta' metodi biex inqassmu ċ-ċertifikazzjoni permezz ta' pjattaformi diġitali siguri ddisinjati apposta. Proġett ieħor li jeħtieġ kordinazzjoni multilaterali hu dak tal-ħolqien ta' sistemi awtomatiċi ta' għarfien ma' istituzzjonijiet edukattivi oħra.

*L-Iskedar Awtomatiku tal-Lezzjonijiet u l-Eżamijiet*

B'kollaborazzjoni ma' diversi dipartimenti amministrattivi, l-Università se tintroduċi software għall-iskedar tal-lezzjonijiet u l-eżamijiet. Se nevalwaw il-funzjonalitajiet il-ġodda li jiżdiedu b'dan is-software il-ġdid għall-immaniġġjar tal-Università, biex inżidu l-użu tat-teknoloġija fil-proċessi tagħna tal-immaniġġjar. Bis-saħħa ta' applikazzjonijiet stabbiliti għall-allokazzjoni tal-faċilitajiet, se ngħinu l-Università tuża l-ispazju fiżiku bl-aħjar mod li tista', ħaġa li għandha tgħin fit-tnaqqis tal-ħela tal-enerġija li jkun hemm fil-bini li ma jkunx qed jintuża b'mod sħiħ.

*Sistema tal-Immaniġġjar tal-Informazzjoni tal-Istudenti*

Is-Sistema tal-Immaniġġjar tal-Informazzjoni tal-Istudenti u l-App tal-Università MyUM se jkomplu jiġu żviluppati biex jipprovdu karatteristiċi u servizzi ġodda għall-istudenti. Din il-funzjonalità mtejba se tassisti l-Università biex ikollha s-servizzi applikabbli kollha tal-istudenti offruti fuq l-internet, u b'hekk inneħħu l-formoli stampati u l-mistoqsijiet bil-posta elettronika li jieħdu l-ħin biex jiġu pproċessati u solvuti. L-Università se tevalwa l-proċessi meħtieġa ħalli l-istudenti jibdew ikunu responsabbli mit-tibdil fir-reġistrazzjoni, il-kurrikulu u l-programmi ta' studju. L-Università qiegħda taħseb biex tattiva l-funzjonalità tal-ambjent virtwali tat-tagħlim eżistenti ħalli l-istaff akkademiku jkun jista' jibda jdaħħal il-marki direttament, u biex tħeġġeġ l-għoti volontarju tar-reazzjonijiet dwar il-korsijiet.

*L-Applikazzjonijiet tal-Mobile*

It-teknoloġija tal-mobile qed tikber, u magħha l-aspettattivi tal-istudenti. Se nippromwovu t-teknoloġija ħalli niddeterminaw liema servizzi jistgħu jiġu offruti bl-App tal-Università. It-tħassib ewlieni fuq l-użu ta' din it-teknoloġija huwa fuq is-sigurtà tad-dettalji personali tal-istudenti, ir-rekords u l-privatezza. Is-servizzi u l-proċessi, bħal dawk relatati mar-reġistrazzjoni tal-istudenti l-ġodda u r-riżultati tat-taqsimiet-studju diġà huma disponibbli f'din l-applikazzjoni. Se jiġu introdotti wkoll servizzi ġodda, bħall-orarji u tfakkiriet għal skadenzi importanti lill-istudenti u l-istaff.

*Sistema tal-Immaniġġjar tal-Informazzjoni*

L-Università għandha ammont vast ta' informazzjoni marbuta mal-istudenti li kapaċi tinfluwenza l-politika b'mod sinifikanti. L-analiżi u l-organizzazzjoni ta' din l-informazzjoni jżidu t-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u jidentifikaw opportunitajiet għal titjib. L-Università se timxi 'l quddiem bl-implimentazzjoni ta' sistema tal-immaniġġjar tal-informazzjoni li għandha tipprovdi l-informazzjoni fil-waqt dwar l-istudenti, il-programmi u l-allokazzjoni tar-riżorsi għad-dekani, il-kapijiet u l-amministraturi tad-dipartimenti, u d-diretturi tat-taqsimiet akkademiċi u amministrattivi. Bl-użu ta' sistema ppruvata u ttestjata, inkunu nistgħu:

- intejbu l-kollaborazzjoni interdixxiplinarja ta' bejn it-taqsimiet akkademiċi u amministrattivi;
- niddiskutu, nanalizzaw, naqsmu u nieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq l-informazzjoni dwar l-organizzazzjoni;
- noħorġu statistika u analiżi li jkunu aċċessibbli minn pjattaformi elettroniċi interni;
- nissimplifikaw il-ġabriet tal-informazzjoni li jiddependu minn varjabbli ta' informazzjoni simili, biex neliminaw id-dħul manwali doppju tal-programmi ta' studju, it-taqsimiet-studju, l-iskedar u l-allokazzjoni tal-ispazji tat-tagħlim.

L-Università se tkun tista' toħroġ b'soluzzjonijiet aħjar biex ittejjeb il-kwalità tar-riċerka, it-tagħlim, is-servizzi tal-istudenti, l-isforzi kummerċjali li jippromwovu r-reklutaġġ tal-istudenti, u żżid l-effiċjenza tal-operat u ttejjeb ir-riżorsi finanzjarji.

**Inżidu l-Għajnuna għall-Istudenti u l-Benesseri Tagħhom**

L-Università ta' Malta hi impenjata li tipprovdi esperjenza ta' livell għoli lill-istudenti fi ħdan ambjent akkademiku ispiranti u motivanti bl-għan li ntejbu t-tagħlim u l-prestazzjoni tal-komunità gradwata tagħna. Nifhmu li l-istudenti li jingħataw għajnuna akkademika u soċjali u li jipparteċipaw fil-ħajja tal-kampus, jiksbu iżjed fl-istudji u l-karriera tagħhom. Se nżidu l-attenzjoni tagħna fuq it-titjib tal-esperjenza tal-istudenti f'firxa ta' fatturi, li jinkludu s-sikurezza, is-saħħa, is-sigurtà, il-benesseri fiżiku u psikoloġiku, u l-involviment soċjali.

Li nipproteġu l-istudenti u niggarantixxu li jirċievu esperjenza edukattiva komprensiva u pożittiva huwa l-qofol tal-istrateġija tal-Università. Huwa essenzjali għalina li nidentifikaw il-ħtiġijiet partikolari ta' gruppi speċifiċi ta' studenti u li noħolqu attivitajiet li jintegraw l-istudenti internazzjonali u domestiċi u l-istudenti bi sfondi soċjali, ekonomiċi u kulturali differenti. L-integrazzjoni tal-istudenti fil-komunità tal-kampus hija importanti għall-istudenti b'diżabilità u

għal dawk li qed jistudjaw b'mod remot fi programmi elettroniċi u fi skambji jew apprentistati ma' istituzzjonijiet internazzjonali.

Hija r-responsabbiltà tagħna li noħolqu kultura intellettwali u soċjali fi ħdan ambjent ta' riċerka b'varjetà ta' programmi ekstrakurrikulari. L-istudenti u r-riċerkaturi jeħtieġu spazji flessibbli ta' tagħlim li jwasslu għall-produttività u għal ekosistema ta' għajnuna. Is-sikurezza, is-sigurtà u l-benesseri tal-istudenti huma prerekwiżiti importanti biex nilħqu l-għanijiet tal-Università, u se nkomplu nfittxu li niżviluppaw is-servizzi ta' għajnuna għall-istudenti fuq il-kampus.

L-Università se tara li tkun ċara dwar l-irwoli, l-obbligi tar-rappurtaġġ u l-konfini tas-servizzi, billi tagħraf id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-istudenti u tipprovdi għażliet li jħaddnu l-parteċipazzjoni tal-istudenti. Li nibnu ekosistema ta' għajnuna għall-istudenti hija impriża kollaborattiva li tinvolvi ħafna oqsma tal-komunità akkademika, amministrattiva u studenteska tal-Università. Billi tipprovdi esperjenza edukattiva komprensiva u sħiħa lill-istudenti tagħna, l-Università tiżgura li taqdi l-aġenda ta' kwalità tagħha, li biha l-pajjiż u l-gradwati tagħha jibqgħu f'vantaġġ kompetittiv.

**Intejbu l-Għajnuna u r-Riżorsi tal-Librerija**

Il-librerija se jibqa' jkollha rwol kruċjali fl-involviment, l-iżvilupp u l-kisbiet akkademiċi billi tipprovdi għażla wiesgħa ta' riżorsi u servizzi għall-istudju, kemm b'mod fiżiku kif ukoll virtwali, u bil-ħiliet meħtieġa fil-litteriżmu tal-informazzjoni.

Qed nippjanaw li nirranġaw mill-ġdid inħawi differenti fil-librerija ħalli nkabbru l-użu tal-ispazji għall-istudju u nieħdu ħsieb il-ħtiġijiet il-ġodda u diversi ta' kull min juża l-librerija. L-inizjattiva se żżid is-siġġijiet, ittejjeb l-akustika, tipprovdi spazju għall-faċilitajiet u tippermetti l-flessibbiltà biex il-librerija tibqa' għaddejja kuljum u l-ħin kollu 24/7.

F'konformità mal-istituzzjonijiet akkademiċi internazzjonali, il-librerija se tkompli tibqa' favur l-Aċċess Ħieles għax-Xjenza. Għalhekk, se nistinkaw biex niżguraw li r-riżultati kollha tar-riċerka ġġenerata taħt l-awspiċi tal-Università, niġbruha, nippreservawha u nxerrduha. Ir-riżultati tar-riċerka u l-kontenut diġitalizzat kollu se jittella' fir-Repożitorju Istituzzjonali OAR@UM biex nagħmluhom iżjed aċċessibbli.

Barra minn hekk, il-librerija se tiġbor u timplimenta Politika għall-Immaniġġjar tal-Informazzjoni tar-Riċerka u tipprovdi l-infrastruttura neċessarja biex issostni l-aċċess ħieles għall-informazzjoni.

Il-librerija se taħdem ukoll fuq proġett ta' diġitalizzazzjoni biex ittejjeb il-viżibbiltà u l-preservazzjoni tal-Kollezzjonijiet Speċjali u prezzjużi tagħha. Se niżviluppaw riżorsi ta' arkivjar ħalli nippriservaw il-memorja istituzzjonali u nazzjonali.



**Niksbu l-Eċċellenza fit-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni**

L-Università se tkompli tqabbel il-provvista tat-teknoloġija tal-informatika tagħha mal-aqwa prattiċi tal-qafas u l-għodod ta' mmaniġġjar tal-Librerija Infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITIL) biex tiżgura li jkunu pprovduti servizzi ta' kwalità għolja u affidabbli b'mod sistematiku u professjonali. Id-dokumenti ta' politika u l-proċessi se jiġu dokumentati, u l-informazzjoni tiġi kkomunikata lill-partijiet interessati. L-Università se tadotta l-użu ta' desk software bbażat fuq l-ITIL, u se tagħmel din l-għodda disponibbli biex jużawha dipartimenti oħra tas-servizz. Huwa importanti ħafna li jkollna kordinazzjoni tajba bejn id-diversi strutturi tal-immaniġġjar biex niżguraw li l-partijiet interessati kollha huma infurmati kif jixraq u involuti fil-proġetti.

L-infrastruttura tal-ICT, is-sistemi u l-faċilitajiet se jibqgħu jiġu żviluppati u aġġornati, ħalli jipprovdulna pjattaforma teknoloġika b'saħħitha, reżiljenti u effiċjenti biex nappoġġjaw il-ħtiġijiet attwali u tal-ġejjieni tal-Università. Din l-infrastruttura se tinkludi l-appoġġ għall-proġetti tal-binjiet il-ġodda tal-Università, u r-rinovar sistematiku tal-ispazji tat-tagħlim mogħnija bit-teknoloġija.

Se nimplimentaw teknoloġiji u prattiċi tal-ICT li jagħmlu l-Università aktar effiċjenti u sostenibbli fl-użu tal-enerġija. Se ninkludu miżuri biex innaqqsu l-ħela tal-karti u l-linka b'faċilitajiet tal-istampar aktar sostenibbli u bl-użu ta' sistemi diġitalizzati.

F'suq tax-xogħol kompetittiv ħafna, se tibqa' sfida sinifikanti li nżommu staff tekniku ta' kalibru għoli. Se nfittxu modi kif insaħħu u ninvolvu lill-persunal tagħna. L-Università se tkompli tiżviluppa l-istruttura tal-istaff fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni biex tiżgura li l-membri tal-istaff ikollhom rotot b'saħħithom għall-iżvilupp tal-karriera maniġerjali u teknika tagħhom. Se nippromwovu tisħiħ fil-prestazzjoni u l-immaniġġjar permezz ta' gwida, taħriġ, immaniġġjar tas-servizzi integrati u proġetti ta' mmaniġġjar.

**Ninvestu fin-Nies u Nsaħħu l-Forza tax-Xogħol**

*Nattiraw l-Istaff u Nżommuh Magħna*

L-Università se tkompli tiżgura li tista' tattira, iżżomm u timmaniġġja r-riżorsi umani essenzjali biex tilħaq l-oġġettivi strateġiċi u operattivi tagħha. Se nagħtu spinta lill-isforzi tagħna ħalli nħaddmu staff akkademiku, amministrattiv, tekniku u industrijali ta' kalibru għoli. Huwa importanti li nattiraw kandidati prospettivi għall-pożizzjonijiet battala u li niffukaw fuq proċess ta' reklutaġġ effiċjenti u effettiv. L-Università se tkompli timpjega akkademiċi kwalifikati u mħarrġa f'dixxiplini speċifiċi u f'oqsma interdixxiplinarji li jgħollu l-kalibru tat-tagħlim, l-istruzzjoni u r-riċerka tal-istituzzjoni.

Biex inżommu magħna l-persuni xierqa hija sfida. Se niżguraw li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu kompetittivi fil-kuntest ta' suq li qed jinbidel b'rata mgħaġġla u li noħolqu wkoll ambjent pożittiv tax-xogħol. L-Università se tħeġġeġ mekkaniżmi biex timmotiva l-istaff ħalli jilħaq standards għolja fil-kwalità tas-servizz u li tippremja prestazzjoni eċċellenti.

*Kultura Organizzattiva*

Se nrawmu ambjent li jħeġġeġ is-sodisfazzjon professjonali u li jippromwovi kultura ta' smigħ tal-ideat u li joffri l-appoġġ għal inizjattivi ġodda. L-Università se tgħin fil-progressjoni tal-karriera, u tagħraf l-obbligi u l-imġiba professjonali assoċjata ma' kull kariga. It-tabella tal-organizzazzjoni attwali se tibbenefika mis-simplifikazzjoni tal-linji tar-rappurtaġġ ħalli tissaħħaħ il-forza tax-xogħol u tittejjeb il-kollaborazzjoni.

*It-Tqassim tal-Għarfien u l-Appoġġ*

L-Università se tagħti sehemha biex tara li l-membri tal-istaff ikollhom l-għarfien, ikunu infurmati u involuti, u personalment immotivati. Se nqanqlu kultura fost l-istaff biex wieħed jaqsam l-għarfien tiegħu ma' ħaddieħor. B'dan il-mod iżidu l-għarfien espert fl-oqsma tagħhom u jippromwovu l-aqwa prattiċi fil-kwistjonijiet operattivi, kurrikulari u infrastrutturali.

Se nħeġġu attivitajiet bejn id-dipartimenti biex ninfurmaw u nħarrġu lill-istaff u nikkomunikaw miegħu b'mod regolari dwar il-proċessi akkademiċi u amministrattivi. Is-sessjonijiet ta' informazzjoni għall-istaff se jiżdiedu u se jiġu organizzati f'ħinijiet regolari. Se nagħmlu seminars perjodiċi annwali biex nipprovdu opportunità oħra għall-istaff ħalli jissuġġerixxi inizjattivi ġodda li bihom inkunu nistgħu ntejbu s-servizzi amministrattivi tagħna.

Se jiġu pprovduti, b'mod awtomatiku, programmi ta' orjentazzjoni u tal-bidu tal-impjieg għall-membri l-ġodda tal-istaff. Se nikkunsidraw ukoll li nwaqqfu proċess formali ta' gwida u għajnuna għall-membri l-ġodda tal-istaff. L-impjegati li jidħlu f'pożizzjonijiet ġodda ta' tmexxija fi kwalunkwe dipartiment se jingħataw sessjonijiet ta' informazzjoni mfassla biex jiggwidawhom fuq il-proċessi edukattivi, il-proċeduri amministrattivi u l-immaniġġjar tar-riżorsi umani. Jeħtieġ nistabbilixxu linji gwida ċari għal min ikun se jieħu post xi ħadd f'pożizzjoni ta' tmexxija. Għandna wkoll il-ħsieb li nżidu l-attivitajiet soċjali għall-istaff u attivitajiet oħra li jsaħħu l-ħidma f'tim.

*L-Iżvilupp Professjonali*

Se naraw li ntejbu r-riżultat u l-prestazzjoni tal-amministrazzjoni permezz tat-tmexxija, l-immaniġġjar tajjeb, il-ħiliet operattivi u involviment akbar fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-Università se tkompli tressaq 'il quddiem il-programmi ta' taħriġ interni għall-impjegati kollha tagħha. Il-membri tal-istaff huma mħeġġa wkoll biex igawdu mill-ambjent uniku edukattiv u mill-opportunitajiet ta' tagħlim f'firxa wiesgħa ta' suġġetti fil-post tax-xogħol tagħhom. L-iżvilupp tal-membri tal-istaff se jitfassal biex iżid il-ħiliet professjonali tagħhom u jgħinhom javvanzaw fil-karriera.

*Id-Diġitalizzazzjoni u l-Modernizzazzjoni*

Il-proċessi manwali, b'mod ġenerali, jistgħu jiġu modernizzati billi nittrasferuhom fuq il-pjattaformi diġitali tal-Università ħalli nnaqqsu l-użu tal-karti u nżidu l-effiċjenza. L-app tal-mobile MyUM tista' ssir iżjed relevanti għall-istaff billi żżid il-funzjonalità tas-servizzi għar-riżorsi umani, fosthom servizzi bażiċi bħal formoli elettroniċi għal-leave u tagħrif fuq is-salarji. L-użu ta' ġabriet diġitali,

li jiddependu minn varjabbli ta' informazzjoni simili, jistgħu jiġu kkordinati biex jitnaqqas id-dħul manwali doppju ta' informazzjoni li għandha x'taqsam mal-programmi ta' studju, it-taqsimiet-studju, l-orarji, il-Programm għar-Rekwiżiti tar-Riżorsi Umani (PHRR), u l-pagi tal-istaff.

**Niżviluppaw Komunikazzjoni Interna u Esterna**

L-istrateġija tal-komunikazzjoni tal-Università ta' Malta se ssegwi r-rotta tal-esperjenza tal-istudenti, minn meta jidħlu l-Università sal-gradwazzjoni u lil hinn. Il-komunikazzjoni se tiffoka fuq il-ħtieġa li nibnu sens ta' komunità u ninvolvu l-istudenti u l-istaff fil-ħajja tal-kampus. L-attenzjoni primarja tal-istrateġija tal-komunikazzjoni se tkun fuq il-provvista ta' informazzjoni kostanti dwar l-avvenimenti u l-opportunitajiet ta' fuq il-kampus li jtejbu l-esperjenza tat-tagħlim u jiddefinixxu l-identità u r-reputazzjoni tal-Università ta' Malta.

L-istrateġija tal-komunikazzjonijiet se tkun tiddependi fuq ir-relazzjonijiet mal-mezzi tax-xandir u tal-istampa, il-komunikazzjoni kummerċjali, l-avvenimenti speċjali, il-komunikazzjoni eżekuttiva u l-kuntatt mal-pubbliku. Biex nilħqu l-għanijiet tagħna, se nippubblikaw kontenut permezz ta' firxa ta' mezzi tax-xandir u l-istampa, fosthom siti elettroniċi, fuljetti u rivisti, u se nibqgħu nevalwaw u nesploraw teknoloġiji u modi ġodda kif nilħqu l-udjenzi.

*Il-Komunikazzjoni Kummerċjali*

L-immaniġġjar tal-mezzi kummerċjali tal-midja se jiffoka fuq ir-riżultat ta' artikli viżivi, bl-awdjo, u ppubblikati fuq pjattaformi tradizzjonali u tal-mezzi soċjali. Aħna u nindirizzaw il-pjan strateġiku, se nkomplu nippjanaw u nwettqu strateġija għax-xandir pubbliku għal kull inizjattiva ta' komunikazzjoni, inqassmu materjal u stqarrijiet għall-istampa, u niżviluppaw metodu komprensiv biex niġbru u nxerrdu l-informazzjoni.

Il-komunikazzjoni kummerċjali se tespandi f'firxa wiesgħa ta' formati tagħna stess jew mixtrija, mezzi tax-xandir u esperjenzi. Se noħolqu suġġetti, materjal għar-reklamar, u se nimmaniġġjaw il-mezzi differenti tal-midja, bħal rivisti, siti elettroniċi u pjattaformi soċjali, ħalli ninteraġixxu mal-partijiet interessati interni u esterni b'mod effettiv. Se niffukaw fuq il-mod kif titqies l-Università bħala istituzzjoni ta' reputazzjoni, u se:

- nirrikonoxxu l-partijiet interessati interni u esterni bħala l-udjenza fil-mira għall-isforzi tal-komunikazzjoni tagħna u biex niżviluppaw kampanji personalizzati ta' komunikazzjoni;
- noħolqu, niżviluppaw u nikkordinaw siti, stazzjonijiet soċjali, apps u kampanji bil-posta elettronika;
- nipprovdu prinċipji ta' gwida permezz ta' dokumenti ta' politika u mudelli għall-utenti;
- nipproduċu mudelli u materjali tal-awdjo, viżivi, stampati, diġitali u multimedji li jistgħu jintużaw mid-dipartimenti u t-taqsimiet biex inqassmu l-informazzjoni fl-Università;
- inkomplu nfasslu, nipproduċu u nqassmu rivisti u fuljetti elettroniċi;
- nirriflettu l-identità tal-marka u nikkordinaw ir-reklamar estern bi ħlas fil-mezzi tal-istampa u x-xandir;
- nipprovdu servizzi ta' reklamar u kummerċ lill-fakultajiet, id-dipartimenti u t-taqsimiet tal-kampus;
- inqassmu avviżi fuq il-proċessi tal-istudenti;
- nikkomunikaw fil-ħin is-soluzzjonijiet li nsibu biex nilqgħu għat-tfixkil li jinħoloq mill-iżvilupp li jkun għaddej;
- naġġornaw lill-istaff minn żmien għal żmien bid-deċiżjonijiet strateġiċi li jkunu ttieħdu mis-Senat u l-Kunsill;
- nippubbliċizzaw il-viżjoni strateġika b'inizjattivi interni tal-midja.



*Il-Kuntatt mal-Partijiet Interessati*

L-inizjattivi ta' kuntatt jagħtu vuċi lill-missjoni edukattiva tal-Università ta' Malta. Permezz tal-komunikazzjoni miktuba u bil-fomm għar-rettorat, id-dekani, il-kapijiet u d-diretturi, se nikkomunikaw il-prinċipji, l-ideat, il-kisbiet u l-pjanijiet fit-tul tal-Università lil firxa wiesgħa ta' partijiet interessati interni, fosthom l-istudenti, l-istaff, l-imsieħba soċjali, l-intrapriżi, l-industrija, il-gvern u provdituri oħra tal-edukazzjoni. Il-kuntatt mal-pubbliku hu importanti għax iżid il-kuxjenza, il-fehim u l-appoġġ għall-inizjattivi tal-Università fost udjenzi lokali, nazzjonali u internazzjonali. Bl-inizjattivi li se nieħdu f'dan l-aspett se nimmiraw li:

- noħolqu attivitajiet ta' kuntatt li fihom il-partijiet interessati interni u esterni jagħrfu aħjar l-irwol tal-Università bħala strument għall-kwalità tal-ħajja reġjonali u internazzjonali;
- nipproduċu attivitajiet f'għamla ta' konferenzi u seminars li jesponu t-tmexxija akkademika tal-Università bħala katalista fid-diskussjoni u fit-tqassim tal-għarfien;
- niżviluppaw djalogu kontinwu fost l-istudenti, l-akkademiċi u r-rappreżentanti ta' diversi komunitajiet soċjali, industriji u stabbilimenti pubbliċi fil-pajjiż;
- nidentifikaw avvenimenti nazzjonali u internazzjonali li bihom ninvolvu l-partijiet interessati;
- nissieħbu ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà, entitajiet pubbliċi u skejjel għal kuntatt effettiv u għal opportunitajiet ta' viżibbiltà għall-fakultajiet u l-amministraturi.

*Il-Komunikazzjoni għad-Dħul fl-Università*

L-Università se tħeġġeġ li jkun hemm applikazzjonijiet għad-dħul u r-reġistrazzjoni permezz ta' soluzzjonijiet elettroniċi ta' livell għoli, avvenimenti, u servizzi magħmula apposta. L-Università ta' Malta ilha s-snin tiffoka biex tkun l-istituzzjoni ta' dawk li jkunu jixtiequ jakkwistaw kwalifika terzjarja. Biż-żieda fl-istandards tal-provdituri edukattivi lokali u internazzjonali, l-Università ma baqgħetx l-unika għażla għall-istudenti biex ikomplu l-edukazzjoni terzjarja tagħhom u, għal dan il-għan, l-Università jeħtieġ li tieħu l-pożizzjoni tagħha mill-ġdid bħala entità ta' reklutaġġ. Hemm ħtieġa li qed tikber biex l-Università tidentifika u tagħti prijorità fuq kif u fejn għandha timmira l-kampanji tal-komunikazzjoni tagħha biex tattira aktar studenti prospettivi.

Permezz ta' avvenimenti u fieri tal-istudenti lokali u internazzjonali, se naraw li nattiraw applikazzjonijiet mill-istudenti li jkopru l-ispettru kollu tal-programmi akkademiċi. Għandna l-għan li nipprovdu aċċess elettroniku lil eluf ta' studenti prospettivi b'avvenimenti fl-iskejjel, fil-lokalitajiet, u f'avvenimenti internazzjonali annwali. It-tir tagħna hu li niffukaw fuq dawk li jtemmu l-iskola obbligatorja, l-istudenti tal-ewwel grad u l-istudenti postgradwatorji billi noħolqu avvenimenti f'postijiet aċċessibbli, megħjuna mill-istaff esperjenzat u ddedikat tagħna.

Nippjanaw li nniedu proċess innovattiv ta' reġistrazzjoni u teknoloġija ta' ċċekkjar li bihom inkunu nistgħu nipprovdu lill-fakultajiet informazzjoni dwar numru ta' studenti internazzjonali li mbagħad ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati minn tim dedikat responsabbli mid-dħul tal-istudenti internazzjonali. Il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-istudenti jirrikjedi metodu iżjed intensiv biex insegwu t-talbiet, speċjalment, ta' dawk l-istudenti internazzjonali li normalment ma jkollhomx aċċess għall-informazzjoni u jkunu jeħtieġu iżjed għajnuna.

Il-proċess tar-reġistrazzjoni ta' spettru usa' ta' studenti internazzjonali hu maħsub li jgawdi minn sapport teknoloġiku li l-Università se tevalwa biex toħloq metodu strutturat permezz ta':

- software tar-relazzjoni mal-klijenti għall-immaniġġjar tal-informazzjoni tal-istudenti, biex inwieġbu fil-ħin it-talbiet tagħhom, u biex inkunu nistgħu nsegwu l-istess talbiet;
- għarfien kummerċjali u analiżi tal-informazzjoni storika tar-reġistrazzjonijiet u tax-xejriet tal-programmi lokali u internazzjonali.

L-istudenti li jidħlu l-Università se jkomplu jiġu appoġġjati mill-Uffiċċju tas-Servizzi tal-Istudenti propost biex jaqdi lill-istudenti taħt saqaf wieħed, u li jista' jservi bħala ċentru fejn jiltaqgħu dawk li jiġu l-Università biex jiksbu l-informazzjoni dwar id-dħul u r-reġistrazzjoni.

*L-Avvenimenti*

L-avvenimenti speċjali se jirrikjedu l-esperjenzi li joħolqu l-affinità b'tali mod li l-udjenzi jkunu jistgħu jinteraġixxu direttament mal-Università. Dawn l-attivitajiet jesponu l-impatt u r-reputazzjoni tal-Università għall-eċċellenza. Minn żjarat dinjitarji u ċelebrazzjonijiet mal-kampus għal laqgħat u avvenimenti intellettwali, l-Università se tuża l-istandard għall-avvenimenti li jħallu sinifikat u impatt. Sabiex nilħqu dawn l-għanijiet strateġiċi se:

- nidentifikaw, nippjanaw u nikkordinaw avvenimenti u attivitajiet megħjuna minn tim speċjalizzat fuq l-avvenimenti bil-ħsieb li jappoġġja d-direzzjoni strateġika tal-Università;
- noħolqu għodda għall-konferenzi, seminars, u avvenimenti oħra li tista' tiġi adottata mid-dipartimenti meta jorganizzaw attivitajiet interni u esterni;
- nikkordinaw kalendarju bl-avvenimenti u l-attivitajiet tal-Università kollha biex niffaċilitaw il-kordinazzjoni, naraw li ma jkunx hemm avvenimenti l-istess, u nikkomunikaw l-attivitajiet li jkunu għaddejjin;
- nipprovdu linji gwida għal politika relatata mal-avvenimenti, il-proċeduri u l-aqwa prattika;
- nimmaniġġjaw l-avvenimenti ta' livell għoli u li jinvolvu delegazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali.

*L-Alumni*

L-Università se tara li tħeġġeġ il-kollaborazzjoni u l-kuntatt bejn l-alumni tagħha li jgħixu u jaħdmu f'industriji, setturi u pajjiżi differenti. Qed nimmiraw li nsaħħu n-networks tar-riċerka li diġà jeżistu, li nqanqlu d-djalogu, u li ngħinu biex jiġu stabbiliti iżjed kollaborazzjonijiet u sħubiji ta' skambju mal-alumni. Bħala parti mill-istrateġija biex ninvolvu l-alumni, l-Università se tfittex li tgħaqqad l-alumni biex tħeġġeġ u trawwem proġetti konġunti, u tesplora li tibni inizjattivi konġunti oħra.



**Inwasslu Infrastruttura Fiżika**

Il-Pjan Strateġiku jeħtieġ strateġija effettiva li tinvesti fit-tagħlim fiżiku u fl-ispazji tax-xogħol li jnaqqsu d-distakk bejn il-faċilitajiet eżistenti tagħha u oħrajn ġodda biex jaqdu l-ħtiġijiet futuri kif identifikati u determinati fil-viżjoni strateġika. L-investiment ġejjieni fl-iżvilupp tal-kapital se jkollu bżonn jindirizza dawn l-aspetti. Il-propjetajiet tal-Università jiffurmaw grupp ta' assi li jwasslu għall-eċċellenza fl-operat tagħha.

*L-Ispazji Kollaborattivi għat-Tagħlim u r-Riċerka*

L-Università teħtieġ spazji oħra għat-tagħlim u l-istudju, laboratorji, żoni ta' inkubazzjoni, studios għat-tagħlim mill-bogħod, u spazji għad-diskussjonijiet u l-laqgħat. Il-komunità tal-Università se tibbenefika minn faċilitajiet għall-konferenzi u spazji għal laqgħat disponibbli għall-intrapriża u l-industrija biex tiltaqa' mal-akkademiċi u r-riċerkaturi għal proġetti kollaborattivi.

Għan kritiku hu li noħolqu firxa ta' spazji tax-xogħol li l-akkademiċi u l-istudenti jkunu jistgħu jużaw biex jikkollaboraw, u li jkunu jistgħu jintużaw għall-kiri ta' impriżi ġodda biex ngħinuhom jiżviluppaw u jimmaturaw qabel imorru fil-binjiet permanenti tagħhom. Dan jista' jkun utli wkoll għall-proġetti ta' riċerka.



*It-Tqassim tar-Riżorsi Fiżiċi bi Flessibbiltà Modulari*

L-Università se tiżviluppa u timplimenta ekosistema għas-servizzi ta' għajnuna u spazji flessibbli tranżitorji, li jistgħu jerġgħu jiġu rranġati biex isostnu l-edukazzjoni u r-riċerka huma u jinbidlu matul iż-żmien. Il-qafas ta' għajnuna jinfirex mal-Università kollha u jinkludi l-faċilitajiet u l-għarfien espert xieraq għal tipi varji ta' inizjattivi u f'fażijiet differenti ta' tkabbir. Se nagħmlu minn kollox biex inkunu effiċjenti, effettivi u nwieġbu għall-ħtiġijiet tal-komunità Universitarja li qed tevolvi b'rata mgħaġġla.

*Linji Gwida dwar Proċessi u Servizzi*

Numru ta' prattiċi li jkopru l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-bini tal-Università spiss jitmexxew b'regoli mhux miktuba u prattiċi li ilhom snin fis-seħħ bi ftehim taċitu. Wasal il-waqt li nirrevedu dawn il-prattiċi u nistrutturawhom f'politika permezz ta' proċeduri tal-operat standard jew b'modi oħra biex insaħħu u nirregolaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija tat-tkabbir tal-Università. Regoli u proċeduri li jingħarfu u ċari għandhom isaħħu d-diviżjonijiet biex jużaw il-kapaċitajiet tagħhom u jaħdmu fi ħdan konfini aċċettati, kif ukoll biex jipprovdu servizz ta' għajnuna teknoloġika effettiva u effiċjenti lill-entitajiet varji fi ħdan l-istrutturi tal-Università.

*Il-Manutenzjoni Reattiva u Preventiva*

L-Università tirċievi bosta talbiet kuljum għall-manutenzjoni u għal xogħol żgħir li jkun hemm bżonn li jsir. Jekk ikollna sistema awtomatizzata tkun għodda utli biex talbiet bħal dawn jiġu indirizzati mill-ewwel u direttament lit-taqsimiet varji fuq bażi ta' prijorità ħalli niżguraw li tittieħed azzjoni xierqa u fil-ħin.

*L-Immaniġġjar tal-Faċilitajiet*

Ħafna mill-prattiċi li jirregolaw l-użu tal-ispazju, il-preċinti, l-enerġija, il-parkeġġ, it-traffiku, it-trasport, it-tindif, is-sigurtà, l-iskart u l-immaniġġjar taż-żamma tal-bini ġew żviluppati mas-snin b'reazzjoni għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi tal-Università u t-tkabbir organiku tagħha. Madankollu, biex inkunu effettivi u effiċjenti, il-politika u l-proċeduri li jmexxu lill-partijiet interessati kollha f'dan ir-rigward jeħtieġ li jitniżżlu f'politika miktuba ħalli niżguraw li kull aspett jiffunzjona kif jixraq u li s-servizzi operattivi ta' għajnuna tal-Università jimxu ħarir. L-immaniġġjar taż-żamma tal-post qed tingħata importanza partikolari minħabba n-numru ta' persunal involut u l-irwol li jista' jkollhom biex jiżguraw is-sapport fl-operat.

*Il-Proġetti Kapitali*

Iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġetti kapitali ta' skala kbira spiss joffri diversi sfidi f'kull stadju biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tar-riżorsi filwaqt li jiġu ssodisfati d-domandi u l-ħtiġijiet attwali u tal-ġejjieni. Definizzjoni ċara tal-irwoli u r-responsabbiltajiet tkun ta' gwida għall-partijiet interessati kollha meta jiġu biex jieħdu deċiżjonijiet korretti u fil-ħin. F'dan ir-rigward, iċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġett jeħtieġ li jkun spjegat u ddokumentat bl-approvazzjonijiet miktuba, bir-responsabbiltajiet u bil-jeddijiet tal-awtorità.

Minħabba l-attivitajiet ta' kostruzzjoni li jeħtieġ li jsiru fuq il-kampus matul l-operat regolari tal-Università, importanti li jkun hemm komunikazzjoni xierqa bejn l-entitajiet amministrattivi u l-bqija tal-Università. L-attività tal-kostruzzjoni fuq il-kampus spiss iġġib magħha sfidi u kwistjonijiet loġistiċi, tniġġis, storbju u limitazzjonijiet ta' parkeġġ u aċċessibbiltà. Huwa kruċjali għall-Università li tikkomunika l-isfidi, is-soluzzjonijiet u l-miżuri ta' mitigazzjoni lill-partijiet interessati kollha.

**Insaħħu l-Qafas Finanzjarju**

*Is-Setgħa Permezz tal-Informazzjoni*

L-Università se tipparteċipa fis-sorveljanza bir-reqqa u b'sensibilità tad-dħul u n-nefqa. B'hekk inkunu nistgħu nirreaġixxu minnufih u b'mod effettiv għall-isfidi li niltaqgħu magħhom fil-kuntest tal-finanzjament pubbliku estern u internazzjonali. Biex nikkontrollaw ir-riżorsi finanzjarji u niżguraw is-sostenibbiltà ekonomika fit-tul tal-organizzazzjoni, napprezzaw li l-kontroll tal-operat tar-riżorsi jiġbor fih l-għanijiet kollha tagħna.

Se naraw li ntejbu l-integrazzjoni tal-istrutturi ta' appoġġ finanzjarju biex niżguraw li l-ambjenti tat-tagħlim u tar-riċerka jkunu kkumplimentati bl-aqwa prattiċi tal-immaniġġjar tal-organizzazzjoni, inkluż b'miżuri u rappurtaġġ ekonomiku. L-adozzjoni ta' metodi tal-operat moderni u aġġornati joħolqu titjib fil-klima tax-xogħol tal-akkademiċi u l-amministraturi kollha u twassal għal tnaqqis sostanzjali fl-ispejjeż billi ttejjeb l-effiċjenza.

Il-pożizzjoni strateġika li qed tieħu l-Università hija waħda ta' setgħa permezz tal-aċċessibiltà tal-informazzjoni u l-allokazzjoni tar-riżorsi. Din tista' tgħin fl-immaniġġjar b'deċiżjonijiet ibbażati fuq l-informazzjoni. Permezz tal-kollaborazzjoni ta' numru ta' diviżjonijiet amministrattivi, jiġu installati għodod ta' informazzjoni li jsaħħu d-data minn sistemi differenti f'sistema unifikata li tipprovdi r-rapporti neċessarji.

Flimkien ma' din l-attività, l-Università se tipprovdi viżibbiltà akbar tal-baġits li bħalissa huma ristretti biss għall-baġits tal-operat tat-taqsimiet akkademiċi u amministrattivi. Din l-informazzjoni se tkun akkumpanjata b'informazzjoni li tirrifletti metodu tal-ispejjeż ibbażat fuq l-attività, li ilu jinżamm u jiġi rfinut għal dawn l-aħħar snin.

*Inżidu s-Sorsi tal-Qligħ mid-Dħul*

L-istrateġija tagħna se tkun li nipproteġu u nrawmu s-sorsi tagħna tad-dħul billi naħtfu l-opportunitajiet li għadhom ma tteħdux, bħall-provvista ta' żvilupp professjonali kontinwu bi ħlas, edukazzjoni eżekuttiva, u tagħlim elettroniku ċċertifikat. Għandna l-ħsieb li niddiversifikaw id-dħul tagħna u li nkomplu naħdmu fuq strateġija komprensiva ta' żvilupp biex niffinanzjaw l-istrateġiji ewlenin u l-għanijiet akkademiċi fit-tul tagħna.

*Intejbu l-Litteriżmu Finanzjarju*

L-Università se tinvesti f'persunal imħarreġ li hu jew se jkun f'pożizzjoni li jimmaniġġja l-fondi u jieħu d-deċiżjonijiet għal taqsimiet speċifiċi fi ħdan l-Università skont is-sistemi l-ġodda tar-rappurtaġġ. Is-sessjonijiet ta' taħriġ u ta' informazzjoni dwar ir-rapporti tal-kontabilità u l-evalwazzjoni tagħhom se nestenduhom ukoll għall-akkademiċi u l-amministraturi.

Se jiġu stabbiliti persuni ta' kuntatt għat-taqsimiet akkademiċi u amministrattivi biex jipprovdu s-sapport u l-għarfien finanzjarju fl-interpretar tal-informazzjoni, fit-twettiq ta' azzjoni ta' mmaniġġjar u fil-fehim tal-proċessi tal-kontabilità.

*L-Akkwist permezz ta' Miżuri tal-Ekonomija Ċirkolari*

L-Università tħeġġeġ stil ta' akkwist li jħares iżjed l-ambjent f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari. L-akkwist ċirkolari jimmira għall-ksib ta' prodotti u servizzi li jnaqqsu l-iskart, li jippromwovu l-użu mill-ġdid tiegħu, u li jnaqqsu l-effetti negattivi fuq l-ambjent.



## Tabella 9: Rakkomandazzjonijiet Strateġiċi dwar is-Servizzi u s-Sapport Amministrattiv

| L-Istrateġiji Biex Nilħqu l-Għanijiet | L-Impenji |
|---|---|
| • Noħolqu ekosistema ta' infrastruttura u sapport | • Noħolqu ekosistema ta' servizzi ta' għajnuna u infrastruttura<br>• Nallokaw ir-riżorsi b'mod ġust bi proċessi sistematiċi<br>• Nieħdu deċiżjonijiet imsejsa fuq l-evidenza dwar riżorsi u inizjattivi sostenibbli<br>• Ninsġu l-għarfien espert eżistenti u nnaqqsu d-dupplikazzjoni tar-riżorsi<br>• Nippromwovu inizjattivi u prattiċi ta' mmaniġġjar li jżidu l-produttività u nqabblu l-proċessi tal-operat mal-għanijiet tal-organizzazzjoni |
| • Nimmaniġġjaw u niżviluppaw proċessi bl-istudenti fil-mira tagħhom | • Intejbu l-proċessi tal-istudenti mid-dħul tagħhom fl-Università sal-gradwazzjoni<br>• Nintroduċu Uffiċċju għas-Servizzi tal-Istudenti miġbura taħt saqaf wieħed<br>• Inwaqqfu taqsima apposta għaċ-ċerimonji, iċ-ċertifikazzjoni u r-rekords<br>• Inżidu d-diġitalizzazzjoni u nnaqqsu l-proċessi bbażati fuq il-karti<br>• Nintroduċu s-sistema ta' skeda awtomatizzata għal-lezzjonijiet u l-eżamijiet<br>• Insaħħu l-funzjonalità tas-Sistema tal-Immaniġġjar tal-Informazzjoni tal-Istudenti<br>• Inżidu s-servizzi disponibbli għall-istudenti u l-istaff permezz tal-app tal-Università<br>• Nippermettu l-funzjonalità awtomatizzata għat-tlugħ elettroniku tal-marki u l-għoti tal-kummenti fuqhom<br>• Nadottaw sistema tal-informatika għall-immaniġġjar tal-proċessi bbażati fuq l-evidenza |
| • Inwessgħu l-infrastruttura għall-benesseri tal-istudent | • Nappoġġjaw strateġiji maħsuba għat-tagħlim, l-istruzzjoni u l-impatt soċjali<br>• Insaħħu l-benesseri psikoloġiku, soċjali u fiżiku tal-istudenti<br>• Inżidu l-involviment soċjali u s-sens ta' komunità fuq il-kampus<br>• Inżidu s-sapport għall-istudenti lokali li jkunu għaddejjin bi skambji edukattivi internazzjonali, apprentistati u bi programmi elettroniċi tat-tagħlim remot<br>• Niċċaraw l-irwoli u r-responsabbiltajiet marbutin mal-provvista tas-sapport lill-istudenti |
| • Intejbu r-riżorsi fil-librerija | • Niżviluppaw riżorsi ta' informazzjoni għall-istudjużi u ħiliet fil-litteriżmu tal-informazzjoni<br>• Inqassmu mill-ġdid iż-żoni tal-librerija biex inżidu l-ispazji għall-istudju u l-funzjonalità<br>• Inħeġġu l-Aċċess Ħieles għall-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi<br>• Niġbru, nippriservaw u nxerrdu r-riżultati tar-riċerka li ssir fl-Università<br>• Niġbru u nimplimentaw Politika għall-Immaniġġjar tal-Informazzjoni tar-Riċerka<br>• Intejbu l-viżibbiltà tal-Kollezzjonijiet Speċjali permezz tad-diġitalizzazzjoni<br>• Niżviluppaw ir-riżorsi tal-arkivjar biex nippriservaw il-memorja istituzzjonali u nazzjonali |
| • Niksbu l-eċċellenza fis-servizzi bbażati fuq it-teknoloġija | • Inqabblu l-provvista tal-IT mal-qafas u l-għodod tajba għall-immaniġġjar tal-Librerija Infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITIL)<br>• Nipprovdu pjattaformi tat-teknoloġija li huma reżiljenti u effiċjenti biex isostnu l-ħtiġijiet attwali u futuri tal-Università<br>• Nadottaw sistemi ta' effiċjenza fl-enerġija fil-provvista tal-infrastruttura tal-IT<br>• Nattiraw u nżommu magħna staff tekniku ta' kalibru għoli |

| | |
|---|---|
| • **Ninvestu fin-nies u nsaħħu l-forza tax-xogħol** | • Nattiraw staff tal-ogħla livell f'dixxiplini differenti<br>• Inżommu l-istaff magħna bis-saħħa ta' ambjent organizzattiv pożittiv u mmotivat<br>• Nistimulaw kultura ta' staff li jaqsam l-għarfien tiegħu ma' xulxin<br>• Norganizzaw sessjonijiet qosra regolari ta' informazzjoni bejn id-dipartimenti<br>• Nifformalizzaw programmi ta' orjentazzjoni u tal-bidu għall-istaff il-ġdid<br>• Inħarrġu l-istaff fi rwoli ġodda ta' tmexxija dwar il-proċessi akkademiċi u amministrattivi<br>• Nipprovdu l-iżvilupp professjonali kontinwu permezz tat-taħriġ u r-reġistrazzjoni fi programmi ta' studju eżistenti<br>• Niddiġitalizzaw il-proċessi manwali u nintegraw ġabriet tad-data multipli |
| • **Niżviluppaw komunikazzjoni interna u esterna** | • Niddefinixxu u niżviluppaw l-identità u r-reputazzjoni tal-Università ta' Malta<br>• Noħolqu siti elettroniċi, stazzjonijiet soċjali, apps u kampanji elettroniċi ta' livell għoli<br>• Noħolqu attivitajiet ta' kuntatt biex nintegraw lill-partijiet interessati interni u esterni<br>• Intejbu l-komunikazzjoni permezz ta' teknoloġija tal-mobile u software tar- relazzjoni mal-klijenti<br>• Infasslu pjanijiet tal-komunikazzjoni b'għarfien dwar is-suq u informazzjoni analitika<br>• Noħolqu għodod għall-konferenzi, is-seminars u l-avvenimenti<br>• Nikkordinaw kalendarju ta' avvenimenti u attivitajiet għall-Università kollha<br>• Inqanqlu d-djalogu u l-involviment mal-alumni |
| • **Inwasslu infrastruttura fiżika** | • Nimmaniġġjaw it-tkabbir mgħaġġel tal-infrastruttura tal-kapital fuq il-kampus<br>• Niżviluppaw spazji kollaborattivi għat-tagħlim u r-riċerka<br>• Infasslu spazji fiżiċi modulari li jistgħu jintużaw u jiġu adattati għall-ħtiġijiet differenti tal-Università<br>• Nipprovdu u nimplimentaw sett ta' linji gwida għall-provvista tas-servizzi tal-bini<br>• Nintroduċu sistemi awtomatizzati għat-talba, it-twassil u l-kontroll tas-servizzi<br>• Nimmaniġġjaw il-manutenzjoni reattiva u preventiva ta' fuq il-kampus<br>• Norganizzaw u naġġornaw l-irwoli u d-dmirijiet tal-immaniġġjar tal-fakultajiet<br>• Intaffu l-effetti tal-proġetti ta' kostruzzjoni fil-ħajja ta' fuq il-kampus |
| • **Insaħħu l-qafas finanzjarju** | • Nissorveljaw il-finanzi biex nirreaġixxu għat-tibdil fl-ambjent tal-fondi<br>• Nimplimentaw metodi moderni ta' operat biex intejbu l-effiċjenza<br>• Insaħħu l-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet permezz ta' rappurtaġġ finanzjarju regolari<br>• Inwasslu l-baġits u l-miri finanzjarji fil-ħin għas-sottotaqsimiet<br>• Inżidu s-sorsi tad-dħul permezz ta' programmi bi ħlas għall-iżvilupp professjonali, l-edukazzjoni eżekuttiva, it-tagħlim elettroniku u l-proġetti ta' riċerka<br>• Inħarrġu l-istaff fl-amministrazzjoni finanzjarja u fis-sistemi tar-rappurtaġġ<br>• Noħolqu persuni ta' kuntatt li jappoġġjaw ir-rappurtaġġ finanzjarju u l-kontabilità<br>• Nadottaw il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari fil-proċess tal-akkwist |

# Niżviluppaw il-MATSEC u l-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela

L-Università se tkompli taqsam u tiżviluppa l-governanza u l-infrastruttura tal-għajnuna tagħha maż-żewġ istituzzjonijiet edukattivi ewlenin.

Il-Bord tal-Eżaminaturi taċ-Ċertifikat tal-Matrikola u l-Edukazzjoni Sekondarja (MATSEC) ġie fdat bl-iżvilupp tas-sistema nazzjonali tat-tfassil tal-eżamijiet li jwasslu għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, iċ-Ċertifikat Intermedju, u ċ-Ċertifikat Avvanzat, li jkopru s-suġġetti kollha mgħallma fil-livell sekondarju u postsekondarju.

Il-Kulleġġ Ġ.F. Abela (Junior College) joffri firxa ta' programmi edukattivi bbażati, prinċipalment, fuq iċ-Ċertifikat tal-Matrikola u hu msieħeb essenzjali għax huwa l-provditur ewlieni tal-edukazzjoni ta' qabel l-Università fuq skala nazzjonali.

Dawn iż-żewġ entitajiet importanti tal-infrastruttura edukattiva ta' Malta jeħtieġu ppjanar strateġiku speċjalizzat u partikolari għalihom li jindirizza r-rekwiżiti speċifiċi tagħhom għall-għarfien espert, l-infrastruttura u r-riżorsi.



# Noħolqu Kultura ta' Kwalità

Il-kwalità tat-tagħlim u l-istruzzjoni qiegħda fil-qalba tal-aġenda Universitarja, b'attenzjoni partikolari fuq il-kurrikuli li jwasslu l-aħħar għarfien u ħiliet li huma konnessi globalment, relevanti għas-suq tax-xogħol, u li jservu ta' bażi għat-tagħlim kontinwu tal-gradwati.

L-Università teżamina kontinwament modi kif ittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni ogħla filwaqt li fl-istess ħin tipprovdi t-tagħlim tagħha lill-korp studentesk li qed ikompli jiżdied fin-numru u fid-diversità. Biex nindirizzaw uħud mill-iżjed kwistjonijiet diffiċli fil-pedagoġija, nirreferu għal-linji gwida stabbiliti u għat-tfassil tal-politika tal-edukazzjoni ogħla. Se nkomplu nippromwovu kultura ta' kwalità msejsa fuq:

- L-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej
- Ir-rekwiżiti tal-Verifika Interna tal-Kwalità żviluppati mill-Università
- Il-proċeduri tal-Verifika Esterna tal-Kwalità mfassla mir-regolatur tal-edukazzjoni ogħla

Ir-rekwiżit legali tal-verifiki interni u esterni tal-kwalità jwassalna biex inqabblu d-direzzjoni strateġika mal-ħdax-il pilastru ta' kwalità, li jitolbuna:

1. insegwu l-politika tal-Università għall-assigurazzjoni interna tal-kwalità;
2. naraw li jkollna fis-seħħ proċeduri li bihom niżguraw l-integrità finanzjarja u s-sostenibbiltà;
3. niffaċilitaw it-tfassil sistematiku u l-approvazzjoni tal-programmi;
4. inħeġġu tagħlim, istruzzjoni u assessjar bl-istudenti fil-mira;
5. nipprovdu infrastruttura għad-dħul fl-Università, il-progress, l-għarfien u ċ-ċertifikazzjoni;
6. nivverifikaw u niżviluppaw il-kompetenzi tal-istaff tal-istruzzjoni;
7. nipprovdu riżorsi għat-tagħlim u sapport lill-istudenti;
8. inżommu l-effiċjenza fis-sistemi tal-immaniġġjar tal-informazzjoni;
9. noffru informazzjoni lill-pubbliku fuq il-programmi u l-operat tagħna;
10. nissorveljaw u nirrevedu perjodikament il-programmi;
11. nipparteċipaw fil-proċess ta' assigurazzjoni ċiklika, esterna u ta' kwalità.

L-Università trawwem kultura ta' kwalità bbażata fuq il-prinċipju li l-kwalità tasal mingħand in-nies. F'kultura bħal din:

- l-istruzzjoni, it-tagħlim u r-riċerka huma l-missjonijiet fundamentali ewlenin;
- il-parteċipazzjoni u l-involviment tal-istudenti huma indispensabbli fit-tfassil, l-iżvilupp u r-reviżjoni tal-programmi, l-evalwazzjoni tal-proċeduri u l-governanza;
- l-ippremjar tar-riċerka aktar milli tal-istruzzjoni biex niddefinixxu l-mertu akkademiku jeħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid u li jiġu identifikati mekkaniżmi għall-ippremjar tal-eċċellenza fl-istruzzjoni;
- l-akkademiċi jiġu impjegati biex jipprovdu struzzjoni ta' standard professjonali għoli;
- l-akkademiċi huma mħarrġa sew u kwalifikati bħala edukaturi professjonali, kif ukoll ikkwalifikati f'suġġett akkademiku partikolari;
- il-membri ġodda tal-istaff ikollhom esperjenza jew kwalifika fit-tagħlim meta japplikaw għax-xogħol inkella jkollhom aċċess għal żvilupp professjonali fl-ewwel stadji tal-ingaġġ tagħhom;
- l-opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu jkunu disponibbli għall-istaff bħala edukaturi professjonali u mhux biss bħala akkademiċi ta' suġġett jew dixxiplina speċifika;
- l-amministrazzjoni jew l-istaff ta' għajnuna jingħataw opportunitajiet biex bihom itejbu l-ħiliet u l-għarfien tagħhom b'relevanza għall-provvista tas-servizzi meħtieġa.

# Nimplimentaw il-Pjan Strateġiku

Il-Pjan Strateġiku jipprovdi l-metodi li bihom nistgħu niksbu l-miri tagħna, inwasslu servizz ta' valur, u nirnexxu bħala istituzzjoni kritika fis-settur edukattiv ta' Malta. Il-pjan huwa biss l-ewwel pass tal-vjaġġ.

Fil-fażi li jmiss, l-Università se tipparteċipa fi proċess intensiv ta' implimentazzjoni li jibdel l-għanijiet strateġiċi f'azzjonijiet biex nilħqu l-viżjoni u l-missjoni żviluppati mal-istudenti, l-akkademiċi, l-amministraturi u l-imsieħba soċjali.

Biex nimplimentaw din l-istrateġija, l-Università se tuża l-aqwa prattiċi relevanti ħalli:

- nikkomunikaw il-kontenut, il-prinċipji u l-għanijiet tal-istrateġija tal-Università mal-partijiet interessati ta' kull attività strateġika;
- nindirizzaw min, fejn, meta u kif se jintlaħaq kull għan strateġiku;
- nimmaniġġjaw il-pilastri tal-implimentazzjoni - in-nies, ir-riżorsi, l-istruttura, is-sistemi u l-kultura;
- noħolqu sjieda ċara u kontabilità fl-inizjattivi strateġiċi;
- insaħħu lill-implimentaturi bl-awtorità, ir-responsabbiltà u l-għodod meħtieġa;
- norbtu inċentivi għall-ħaddiema mal-istrateġija;
- norbtu l-aspett finanzjarju ta' baġit mal-istrateġija;
- nintegraw il-pjan strateġiku mal-attivitajiet amministrattivi ta' kuljum;
- insegwu l-progress u nipparteċipaw fir-reviżjoni u d-diskussjoni dwar l-implimentazzjoni f'intervalli regolari, permezz ta' laqgħat strateġiċi ta' kull xahar fuq kull tema strateġika, u ta' reviżjoni strateġika annwali.



# Appendiċi I: Linji Gwida għall-Edukazzjoni Ogħla

Fid-direzzjoni strateġika tagħha, l-Università ta' Malta tinkorpora prattiċi tajba, linji gwida, u statistika tal-prestazzjoni minn organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali permezz ta' evalwazzjoni perjodika u eżerċizzju ta' referenzar tal-għarfien u tal-aqwa prattiċi relatati mal-amministrazzjoni ta' edukazzjoni ogħla.

### Pjanijiet u Kummentarji Preċedenti

- Forging Ahead, 2016
- Living the Vision, 2016
- Vision 2020, 2010
- Strategic Plan 2002-2006, 2002

### Il-Linji Gwida Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla

- L-Att dwar l-Edukazzjoni, 1988
- Malta Qualifications Framework, 2016
- L-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki (Kap 451), 2002
- Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali (L.S. 451.03), 2008
- Referencing Report, NCFHE, 2016

### Il-Linji Gwida Internazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla

- Bologna Process Implementation Report, 2018
- Bologna with Student Eyes, 2018
- Diploma Supplement, 2018
- ECTS Users' Guide, 2015
- European Guidelines for Validating Non-Formal and Informal Learning, 2015
- European Higher Education Area, Ministerial Communique, 2012, 2015, 2018
- European University Association, Trends 2018, Learning and Teaching in the European Higher Education Area
- Framework of Qualifications for the European Higher Education Area, 2018
- Magna Charta Universitatum, 1988
- Modernisation of Higher Education in Europe, 2017
- Recognition of Professional Qualifications, 2005
- University Policy, Austria, 2018

### Il-Mudelli tal-Kwalità

- European Standards and Guidelines for Quality Assurance, 2015
- External Quality Assurance Providers Audit Manual of Procedures, NCFHE, 2015
- Guide to Internal Quality Assurance, NCFHE, 2016
- Internal and External Quality Assurance in Further and Higher Education, NCFHE, 2016
- The National Quality Assurance Framework for Further and Higher Education, NCFHE, 2015

**Il-Kejl Internazzjonali tal-Klassifiki**

Dan li ġej huwa ġabra tal-fatturi meqjusin fil-klassifiki li jintużaw minn organizzazzjonijiet internazzjonali tal-edukazzjoni ogħla, li jinkludu t-Times Higher Education Rankings, il-QS World University Rankings, il-Webometrics u l-U-Multirank:

*Il-kejl (metrika) tat-tagħlim u l-istruzzjoni*

- il-missjoni tal-istruzzjoni
- l-iżvilupp tal-ħiliet
- ir-rata tal-gradwati
- it-tħejjija għall-karriera tal-istudenti
- l-involviment tal-istudenti
- l-interazzjoni mal-istudenti
- il-proporzjon ta' studenti għal kull fakultà
- ir-reputazzjoni akkademika
- l-istħarriġ dwar l-esperjenza tal-istudenti
- l-internazzjonalizzazzjoni

*Il-kejl tar-riċerka*

- il-bibljometriċi tar-riċerka
- il-pubblikazzjonijiet konġunti reġjonali
- il-pubblikazzjonijiet interdixxiplinarji
- il-pubblikazzjonijiet konġunti internazzjonali
- l-iżjed pubblikazzjonijiet ikkwotati
- ir-referenza marbuta ma' kull fakultà
- il-pubblikazzjonijiet kollaborattivi ma' msieħba fl-industrija
- l-għoti ta' privattivi
- id-dħul mir-riċerka
- il-proporzjon ta' bejn il-ktibiet akkademiċi ppubblikati u n-numru tal-istaff
- il-proporzjon ta' bejn l-istudenti tad-dottorat u l-istudenti tal-baċellerat
- il-proporzjon ta' bejn id-dottorati miksuba u n-numru tal-istaff akkademiku
- ir-riżultati ta' sondaġġi dwar ir-reputazzjoni

*Il-kejl tal-mobilità tal-istudenti*

- il-proporzjon ta' bejn l-istudenti internazzjonali u domestiċi
- il-proporzjon ta' bejn l-istaff internazzjonali u domestiku
- il-proporzjon internazzjonali tal-fakultajiet
- il-kollaborazzjoni internazzjonali

*Il-kejl tal-funzjonijiet amministrattivi*

- il-kwalità tas-servizzi
- ir-reputazzjoni tal-impjegatur
- il-bilanċ fil-ġeneru tal-istudenti u l-istaff

*Il-kejl tas-sostenibbiltà finanzjara*

- id-dħul istituzzjonali
- id-dħul mill-iżvilupp professjonali kontinwu
- id-dħul mill-industrija
- id-dħul mir-riċerka

**Networks Universitarji**

L-Università ta' Malta hija membru ta' dawn in-networks u tosserva l-prinċipji li jirregolaw lill-assoċjazzjonijiet:

- L-Assoċjazzjoni tal-Universitajiet tal-Commonwealth
- Il-Grupp Compostela ta' Universitajiet
- L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Universitajiet
- In-Network Ewropew għall-Kontinwazzjoni tal-Edukazzjoni Universitarja
- In-Network ta' Eċċellenza tal-Universitajiet li Jinsabu fuq Gżira
- Magna Charta Universitatum
- In-Network ta' Universitajiet ta' Pajjiżi Żgħar u Territorji
- In-Network ta' Universitajiet ta' Bliet Kapitali Ewropej
- In-Network tal-Universitajiet Ewropej tal-Grupp Santander
- L-Aġenzija Nazzjonali Brittanika għall-Għarfien Reċiproku u t-Tqabbil tal-Kwalifiki u l-Ħiliet
- In-Network ta' Utrecht

**Networks Nazzjonali**

Malta hija membru ta' dawn in-networks edukattivi fuq livell nazzjonali:

- Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla
- L-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura (Il-Kummissjoni Ewropea)
- L-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Ogħla
- Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Ogħla
- Il-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER)
- Ir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità
- L-Istitut Internazzjonali għall-Ippjanar Edukattiv (UNESCO)



# Appendiċi II: L-Istruttura tal-Università

L-Università hija magħmula minn 14-il fakultà, 114-il dipartiment akkademiku, akkademja waħda, 17-il istitut, 13-il ċentru, 3 skejjel u 12-il direttorat amministrattiv. L-Università taħdem mill-erba' kampusijiet fl-Imsida, il-Belt, Marsaxlokk u Għawdex, u minn żewġ ċentri pubbliċi fl-Argotti u l-Kottonera.

Il-popolazzjoni tal-istudenti tikkonsisti minn 11,650 membru, li jinkludu 1,750 student internazzjonali minn 92 pajjiż differenti, li qed isegwu programmi full-time jew part-time li jwasslu għal grad u diploma. Il-programmi ta' studju tfasslu biex jipproduċu professjonisti ta' livell għoli, b'esperjenza fir-riċerka, li se jkollhom irwoli ewlenin fl-industrija, il-kummerċ u l-affarijiet pubbliċi b'mod ġenerali. Kull sena jiggradwaw iżjed minn 3,500 student mill-Università.

L-Università hija waħda mill-akbar impjegaturi fil-pajjiż għax tħaddem 4,220 persuna: 860 akkademiku full-time u 2,100 akkademiku part-time, 1,010 membri tal-istaff full-time u 250 membru tal-istaff part-time fi rwoli amministrattivi, tekniċi u industrijali.

Il-Librerija tal-Università tieħu ħsieb kollezzjoni ta' aktar minn miljun volum fiżiku. Il-librerija tipprovdi l-aċċess lill-komunità tal-Università għal iżjed minn 60,000 ġurnal elettroniku, spettru wiesa' ta' ġabriet tad-data elettroniċi, u 16,500 ktieb elettroniku, u hija repożitorju nazzjonali tal-Melitensia. Barra minn hekk, il-librerija tamministra r-Repożitorju Istituzzjonali OAR@UM li fih iżjed minn 35,000 sors ta' riċerka diġitali.

### L-Istruttura tal-Governanza

Il-Kunsill tal-Università
Is-Senat tal-Università

### Il-Fakultà tal-Ambjent Mibni

Id-Dipartiment tal-Arkitettura u d-Disinn Urban
Id-Dipartiment tal-Arti Viżiva
Id-Dipartiment tal-Bini u l-Inġinerija Ċivili
Id-Dipartiment tad-Disinn Ambjentali
Id-Dipartiment tal-Ippjanar tal-Ispazju u l-Infrastruttura
Id-Dipartiment tal-Konservazzjoni u l-Wirt Mibni
Id-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u l-Ġestjoni tal-Propjetà

### Il-Fakultà tal-Arti

Id-Dipartiment tal-Arti u l-Istorja tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Filosofija
Id-Dipartiment tal-Franċiż
Id-Dipartiment tal-Ġeografija
Id-Dipartiment tal-Ġermaniż
Id-Dipartiment tal-Ingliż
Id-Dipartiment tal-Istorja
Id-Dipartiment tal-Istudji Klassiċi u l-Arkeoloġija
Id-Dipartiment tal-Istudji Orjentali
Id-Dipartiment tal-Istudji Spanjoli u Latin Amerikani
Id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, tat-Terminoloġija u l-Interpretar
Id-Dipartiment tal-Malti
Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Internazzjonali
Id-Dipartiment tas-Soċjoloġija
Id-Dipartiment tat-Taljan
Id-Dipartiment tax-Xjenzi Antropoloġiċi

### Il-Fakultà tal-Edukazzjoni

Id-Dipartiment tal-Arti, il-Komunitajiet Miftuħa u l-Edukazzjoni għall-Adulti
Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni Bikrija u Primarja
Id-Dipartiment tal-Inklużjoni u l-Aċċess għat-Tagħlim
Id-Dipartiment tal-Istudji dwar l-Edukazzjoni
Id-Dipartiment tal-Lingwi u l-Istudji Umanistiċi fl-Edukazzjoni
Id-Dipartiment tal-Matematika u x-Xjenza fl-Edukazzjoni
Id-Dipartiment tas-Saħħa, l-Edukazzjoni Fiżika u l-Istudji tal-Konsumatur
Id-Dipartiment tat-Teknoloġija u l-Intraprenditorija fl-Edukazzjoni
Id-Dipartiment tat-Tmexxija fit-Tagħlim u l-Innovazzjoni

## Il-Fakultà tal-Ekonomija, tal-Ġestjoni u l-Kontabilità

Id-Dipartiment tal-Assigurazzjoni
Id-Dipartiment tal-Ekonomija
Id-Dipartiment tal-Ġestjoni
Id-Dipartiment tal-Kontabilità
Id-Dipartiment tal-Kummerċjalizzazzjoni
Id-Dipartiment tal-Politika Pubblika
Id-Dipartiment tax-Xjenza Bankarja u Finanzjarja

## Il-Fakultà tal-Inġinerija

Id-Dipartiment tal-Inġinerija tal-Industrija u l-Manifattura
Id-Dipartiment tal-Inġinerija Mekkanika
Id-Dipartiment tal-Inġinerija tas-Sistemi Elettroniċi
Id-Dipartiment tal-Konverżjoni Industrijali fl-Enerġija Elettrika
Id-Dipartiment tal-Metallurġija u l-Inġinerija tal-Materjali
Id-Dipartiment tas-Sistemi u l-Inġinerija tal-Kontroll

## Il-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

Id-Dipartiment tad-Dentistrija Restorattiva
Id-Dipartiment tal-Kirurġija Dentali
Id-Dipartiment tal-Kura Dentali fit-Tfal u l-Ortodonzja
Id-Dipartiment tar-Riabilitazzjoni Orali u l-Kura fil-Komunità

## Il-Fakultà tal-Liġi

Id-Dipartiment tad-Dritt Ewropew u Komparattiv
Id-Dipartiment tad-Dritt dwar il-Midja, il-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija
Id-Dipartiment tad-Dritt Pubbliku
Id-Dipartiment tal-Istorja Legali u l-Metodoloġija Legali
Id-Dipartiment tal-Liġi Ambjentali u għall-Użu tar-Riżorsi
Id-Dipartiment tal-Liġi Ċivili
Id-Dipartiment tal-Liġi Internazzjonali
Id-Dipartiment tal-Liġi Kriminali
Id-Dipartiment tal-Liġi Kummerċjali

## Il-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

Id-Dipartiment tal-Anatomija
Id-Dipartiment tal-Farmaċija
Id-Dipartiment tal-Farmakoloġija Klinika u Terapewtika
Id-Dipartiment tal-Fiżjoloġija u l-Bijokimika
Id-Dipartiment tal-Kirurġija
Id-Dipartiment tal-Mediċina
Id-Dipartiment tal-Mediċina tal-Familja
Id-Dipartiment tal-Ostetriċja u l-Ġinekoloġija
Id-Dipartiment tal-Patoloġija
Id-Dipartiment tal-Pedjatrija
Id-Dipartiment tal-Psikjatrija
Id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika

## Il-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

Id-Dipartiment tal-Arti Diġitali
Id-Dipartiment tal-Informazzjoni mil-Librerija u x-Xjenzi tal-Arkivji
Id-Dipartiment tal-Komunikazzjoni Korporattiva
Id-Dipartiment tal-Midja u l-Komunikazzjoni
Id-Dipartiment tal-Politika tal-Informazzjoni u l-Governanza
Id-Dipartiment tax-Xjenza Konjittiva

## Il-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

Id-Dipartiment tal-Inġinerija tal-Komunikazzjoni u l-Kompjuters
Id-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali
Id-Dipartiment tal-Mikroelettronika u n-Nanoelettronika
Id-Dipartiment tas-Sistemi tal-Informazzjoni tal-Kompjuter
Id-Dipartiment tax-Xjenza tal-Kompjuter

## Il-Fakultà tat-Teoloġija

Id-Dipartiment tal-Filosofija
Id-Dipartiment tal-Iskrittura Mqaddsa, l-Ebrajk u l-Grieg
Id-Dipartiment tal-Istorja tal-Knisja, il-Patroloġija u l-Arkeoloġija Paleo-Kristjana
Id-Dipartiment tat-Teoloġija Fundamentali u Dommatika
Id-Dipartiment tat-Teoloġija Morali
Id-Dipartiment tat-Teoloġija Pastorali, il-Liturġija u l-Liġi Kanonika

## Il-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

Id-Dipartiment tal-Istudji dwar id-Diżabilità
Id-Dipartiment tal-Istudji dwar il-Familja
Id-Dipartiment tal-Istudji dwar il-Ġeneri
Id-Dipartiment tal-Istudji tal-Ġerontoloġija u d-Dimensja
Id-Dipartiment tal-Istudji dwar iż-Żgħażagħ u l-Komunità
Id-Dipartiment tal-Konsulenza
Id-Dipartiment tal-Kriminoloġija
Id-Dipartiment tal-Politika Soċjali u l-Ħidma Soċjali
Id-Dipartiment tal-Psikoloġija

## Il-Fakultà tax-Xjenza

Id-Dipartiment tal-Bijoloġija
Id-Dipartiment tal-Fiżika
Id-Dipartiment tal-Ġeoxjenzi
Id-Dipartiment tal-Istatistika u r-Riċerka tal-Operat
Id-Dipartiment tal-Kimika
Id-Dipartiment tal-Matematika

## Il-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

Id-Dipartiment tal-Fiżika Medika
Id-Dipartiment tal-Fiżjoterapija
Id-Dipartiment għall-Ġestjoni tas-Servizzi tas-Saħħa
Id-Dipartiment tal-Infermerija
Id-Dipartiment tal-Podjatrija
Id-Dipartiment tal-Qwiebel
Id-Dipartiment tar-Radjografija
Id-Dipartiment tas-Saħħa Mentali
Id-Dipartiment tat-Terapija tal-Komunikazzjoni
Id-Dipartiment tat-Terapija Okkupazzjonali
Id-Dipartiment tax-Xjenza Bijomedika Applikata
Id-Dipartiment tax-Xjenzi tal-Ikel u n-Nutrizzjoni

## Taqsimiet Amministrattivi

Id-Direttorat tal-Akkwisti
Id-Direttorat tal-Bini, il-Faċilitajiet u l-Iżvilupp tal-Kapital
Id-Direttorat tas-Servizzi għall-Għajnuna fir-Riċerka
Is-Servizzi Legali
Is-Servizzi tal-Librerija
Is-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni
L-Uffiċċju għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani
L-Uffiċċju Internazzjonali
L-Uffiċċju tal-Finanzi
L-Uffiċċju tal-Kummerċjalizzazzjoni, il-Komunikazzjoni u l-Alumni
L-Uffiċċju tar-Reġistratur
L-Uffiċċju tar-Riċerka Korporattiva u t-Trasferiment tal-Għarfien

## Akkademja

L-Akkademja Mediterranja tal-Istudji Diplomatiċi

## Ċentri

Iċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenzi Liberali
Iċ-Ċentru għaċ-Ċibernetika Bijomedika
Iċ-Ċentru għall-Edukazzjoni Ambjentali u r-Riċerka
Iċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fuq l-Edukazzjoni
Iċ-Ċentru għall-Intraprenditorija u għall-Inkubazzjoni tan-Negozju
Iċ-Ċentru għall-Istudju u l-Prattika tar-Riżoluzzjoni tal-Kunflitti
Iċ-Ċentru tal-Istudji dwar ix-Xogħol
Iċ-Ċentru tal-Litteriżmu
Iċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali
Iċ-Ċentru tal-Mediċina Molekulari u tal-Biobanking
Iċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża
Iċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali
Iċ-Ċentru għat-Teknoloġija tar-Reġistru Distribwit

## Istituti

L-Istitut għall-Bidla fil-Klima u l-Iżvilupp Sostenibbli
L-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport
L-Istitut Edward de Bono għat-Tifsil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb
L-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli
L-Istitut tal-Gżejjer u l-Istati Żgħar
L-Istitut Internazzjonali għall-Istudji fil-Barokk
L-Istitut għall-Istudji Anglo-Taljani
L-Istitut tal-Istudji Ewropej
L-Istitut tal-Istudji Maltin
L-Istitut Konfuċju
L-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa
L-Istitut tal-Logħob Diġitali
L-Istitut tal-Mediterran
L-Istitut tas-Sistemi Ambjentali
L-Istitut għat-Teknoloġiji Aerospazjali
L-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura
L-Istitut għax-Xjenzi Spazjali u l-Astronomija

## Skejjel

L-Iskola tal-Arti Performattiva
L-Iskola għad-Dottorat
L-Iskola Internazzjonali għall-Istudji Bażiċi

## Kulleġġ

Il-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela

## Ċentri tar-Riżorsi

Iċ-Ċentru għar-Riżorsi fil-Kottonera
Il-Ġonna Botaniċi tal-Argotti u ċ-Ċentru tar-Riżorsi

## Fondi u Fondazzjonijiet

Il-Fondazzjoni Emanuele għar-Riċerka tal-Kanċer
Il-Fondazzjoni għall-Internet ta' Malta
Il-Fondazzjoni għall-Promozzjoni ta' Inizjattivi Intraprenditorjali
Il-Fond għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Iżvilupp

## Organizzazzjonijiet Assoċjati

Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC
L-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi
L-Università tat-Tielet Età

## Azjendi tal-Università ta' Malta

L-Iskola tal-Lingwi tal-Università ta' Malta
L-Istamperija tal-Università ta' Malta
L-Iżvilupp Professjonali Kontinwu tal-Università ta' Malta
Il-Lukanda tal-Kappara
Il-Prodotti Promozzjonali tal-Università ta' Malta
L-Ospitalità, l-Isports u d-Divertiment tal-Università ta' Malta
Ir-Residenza tal-Università ta' Malta
Is-Servizzi ta' Konsulenza tal-Università ta' Malta
Is-Servizzi Laboratorji tal-Università ta' Malta
Ix-Xandir tal-Università ta' Malta

## Għaqdiet Reġistrati tal-Istudenti

Il-Kunsill Studenti Universitarji
+9 Studenti
Aħna - L-Organizzazzjoni LGBTQQI tal-Università ta' Malta
L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Istudenti tal-Liġi
L-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Iskambju tal-Istudenti għall-Esperjenza Teknika
L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti tax-Xjenza, l-Ekonomija u l-Kummerċ
L-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tal-Arti
L-Assoċjazzjoni għall-Istudenti tad-Dentistrija f'Malta
L-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tad-Dipartiment tal-Ingliż
L-Assoċjazzjoni tal-Istudenti Ewropej (AEGEE)
L-Assoċjazzjoni għall-Istudenti tal-Farmaċewtika f'Malta
L-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tal-Istorja tal-Arti
L-Assoċjazzjoni għall-Istudenti tal-Mediċina f'Malta
L-Assoċjazzjoni għall-Istudenti tas-Saħħa f'Malta
L-Assoċjazzjoni għall-Istudenti tas-Soċjoloġija
L-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni
L-Assoċjazzjoni għall-Istudenti tax-Xjenza Soċjali, l-Edukazzjoni u r-Riċerka
L-Assoċjazzjoni tal-Komunikazzjoni
L-Assoċjazzjoni tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa
L-Assoċjazzjoni tas-Sistemi Ambjentali
L-Assoċjazzjoni Universitarja għall-Istudenti tal-Inġinerija
Beta Psi
GetUpStandUp!
Graffiti
Green House
Grupp Universitarji Għawdxin
Il-Grupp tal-Qdif tal-Università ta' Malta
Il-Grupp Universitarju tal-Bibbja
Il-Grupp Universitarju tal-Films f'Malta
Il-Grupp Universitarju tal-Isports f'Malta
L-Għalliema-Studenti tal-Università ta' Malta
L-Għaqda għad-Dibattiti tal-Università ta' Malta
L-Għaqda tal-Ġeografija tal-Università ta' Malta
L-Għaqda għall-Istudenti tal-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili
L-Għaqda għall-Istudenti tal-Filosofija
L-Għaqda għall-Istudenti tar-Relazzjonijiet Internazzjonali
L-Għaqda għall-Istudenti tax-Xjenza
L-Għaqda tal-Malti - Università
L-Għaqda Studenti tal-Kriminoloġija
L-Għaqda Studenti tal-Liġi
L-Għaqda Studenti tat-Teoloġija
L-Għaqda tat-Tlielaq tal-Università ta' Malta
L-Għaqda Universitarja tal-Istorja f'Malta
Insite
L-Istudenti tal-Arti Performattiva tal-Università
L-Istituzzjoni tal-Inġinieri Ċivili, il-Kapitlu tal-Istudenti
L-Istitut tal-Inġinieri tal-Elettriku u l-Elettronika
Il-Kamra tal-Avukati ta' Malta għaż-Żgħażagħ
Move Studenti
Moviment Kattoliku Studenti Universitarji
Nitgħallmu Flimkien
L-Organizzazzjoni Studenti Qwiebel
L-Organizzazzjoni tal-Istudji Ewropej
Pulse
Realtà Kollettiva Indipendenti
Is-Sistema tal-Istudenti Erasmus tal-Università ta' Malta
Studenti Demokristjani Maltin
Studenti għal Ħajja b'Saħħitha
Studenti Ħarsien Soċjali
Terra di Mezzo Malta
The Third Eye
It-Tim tal-Istudenti tal-Futsal tal-Università ta' Malta
L-Università tat-Tielet Età
Iż-Żgħażagħ għall-Ambjent
Iż-Żgħażagħ Federali Ewropej

# Appendiċi III: Kumitati u Gruppi Konsultattivi

L-Università ta' Malta tirringrazzja mill-qalb lill-membri tal-komunità li taw ħinhom u qasmu l-għarfien espert tagħhom, bħala parteċipanti attivi, fil-Proċess tal-Pjan Strateġiku. F'din it-taqsima se nippruvaw insemmu u nirringrazzjaw lit-tim ta' tmexxija fi ħdan il-Kumitat ta' Tmexxija, il-Presidenti u r-Relaturi tad-49 Grupp ta' Ħidma Strateġika, il-membri tal-Gruppi Strateġiċi ta' Konsulenza, il-membri tat-Tim tal-Operat, u l-1,500 delegat li attendew il-Konferenzi ta' Żvilupp Strateġiku.

### Il-Governanza

Il-Kanċillier: Prof David Attard
Il-Pro-Kanċillier: Dr Michael Sciriha

### Ir-Rettorat

Rettur Prof Alfred J Vella
Prorettur Prof Godfrey Baldacchino
Prorettur Prof Joseph M Cacciottolo
Prorettur Prof Tanya Sammut-Bonnici
Prorettur Prof Carmen Sammut
Prorettur Prof Inġ Saviour Zammit

### Il-Kumitat ta' Tmexxija għall-Iżvilupp Strateġiku

Il-President: Prof Alfred J Vella (Rettur)
Il-Kopresident: Prof Tanya Sammut-Bonnici
Prof Godfrey Baldacchino
Prof Joseph M Cacciottolo
Is-Sur Omar Chircop
Is-Sur William Farrugia
Prof Dominic Fenech
Is-Sa Carla Galea
Is-Sa Veronica Grech
Is-Sur Alexander Hili
Is-Sur Michael R Piccinino
Prof Carmen Sammut
Is-Sur Simon Sammut
Prof Emmanuel Sinagra
Prof Alex Torpiano
Is-Sur Daniel Vella
Prof Inġ Saviour Zammit
Il-Konsulenti Esterni: Prof John McGee,
Prof David Wilson

### Il-Grupp ta' Konsulenza dwar it-Tagħlim u l-Istruzzjoni

Il-President: Prof Joseph M Cacciottolo
Is-Sa Sarah Albanozzo
Is-Sa Jo-Anne Attard
Is-Sa Lara Attard
Prof Nikolai J Attard
Prof Christopher Bezzina
Is-Sur Stephen Cachia
Dr Colin Calleja
Is-Sa Josianne Camilleri Vella
Prof Sandro Caruana
Is-Sur James Cilia
Is-Sa Anne Marie Debono
Prof Inġ Carl James Debono
Is-Sur Kevin J Ellul
Dr Francis Fabri
Is-Sur Alessandro Gauci
Prof Adrian-Mario Gellel
Is-Sa Veronica Grech
Prof David Mamo
Is-Sa Elizabeth Micallef
Dr Denise Mifsud
Is-Sa Jessica Napier
Is-Sur Dario Pirotta
Prof Godfrey Pirotta
Is-Sur Roderick Vassallo
Inġ Godfrey Vella
Prof Nicholas C Vella
Is-Sur Paul Xuereb

### Il-Grupp ta' Konsulenza dwar ir-Riċerka u t-Trasferiment tal-Għarfien

Il-President: Prof Inġ Saviour Zammit
Dr Inġ Anton Bartolo
Dr Christian Bonnici
Dr Ruben Borg
Prof Inġ Kenneth P Camilleri
Prof Joseph Cannataci
Dr Inġ Glenn Cassar
Is-Sur Omar Chircop
Inġ Michelle Cortis
Is-Sur Mark Debono
Prof Inġ Simon Fabri
Prof Anthony Fenech
Dr Inġ James Foden
Dr Gabriella Gatt
Prof Suzanne Gatt
Prof Helen Grech

Prof Joseph N Grima
Dr Stephen Lungaro Mifsud
Is-Sur Clint Meli
Prof Luciano Mule Stagno
Is-Sur Geoffrey Saliba
Prof Charles V Sammut
Dr Inġ Nicholas Sammut
Dr Axel Steuwer
Is-Sa Gabriella Sutton
Prof Peter Vassallo
Prof Andre' Xuereb
Prof Inġ David Zammit Mangion

## Il-Grupp ta' Konsulenza dwar il-Fatturi Soċjali u l-Impatt Tagħhom

Il-President: Prof Carmen Sammut
Is-Sur Robert Abdilla
Rev Prof Emmanuel Agius
Prof Andrew Azzopardi
Dr Roderick Bugeja
Is-Sa Josanne Cassar
Dr Maureen Cole
Dr Greta Darmanin Kissaun
Dr Andrew Decelis
Dr Nadia Delicata
Dr Giuliana Fenech
Is-Sa Jacqueline Fenech
Prof Marvin Formosa
Dr Maria Luisa Gainza-Cirauqui
Rev Prof George Grima
Dr Mark Harwood
Is-Sa Carmen Mangion
Dr Gillian Martin
Is-Sur Bernard Micallef
Dr Dione Mifsud
Prof Janet Mifsud
Dr Marceline Naudi
Dr Roberta Sammut
Rev Prof Hector Scerri
Is-Sur Karl Andrew Schembri
Is-Sur Jean Claude Scicluna

## Il-Grupp ta' Konsulenza dwar l-Impatt fuq l-Intrapriża u l-Industrija

Il-President: Prof Tanya Sammut-Bonnici
Is-Sur Joseph Azzopardi
Is-Sur Stephen Agius
Is-Sur Yacopo Baldacchino
Prof Frank Bezzina
Is-Sur Herald Bonnici
Prof Noellie Brockdorff
Dr Inġ Marvin K Bugeja
Is-Sur Christopher Busuttil
Prof Ernest Cachia
Prof Jean Calleja Agius
Is-Sur Peter Calleya
Is-Sa Fiona Captur
Is-Sur Noel Caruana
Is-Sur Pierre Cassar
Is-Sa Daniela Castillo
Is-Sur James Cilia
Prof Joseph Cilia
Dr Franco Curmi
Prof Alexiei Dingli
Inġ Jonathan Ferrito
Is-Sur Gavril Flores
Is-Sur Beppe Galea
Is-Sur Paul M Gauci
Dr Michelle Gialanze
Is-Sa Elaine Grech
Is-Sur Alexander Hili
Is-Sa Amanda Holmes
Prof Matthew Montebello
Dr Emanuel Said
Is-Sur Josef Said
Prof Russell Smith
Dr Chris Soler
Prof Doreen Spiteri
Dr Robert Suban
Is-Sur Joe Tanti
Is-Sa Cindy Vargas
Is-Sa Chiara Vassallo
Dr Odette Vassallo

## Il-Grupp ta' Konsulenza dwar l-Impatt Nazzjonali

Il-President: Prof Alfred J Vella (Rettur)
Prof Kevin Aquilina
Is-Sa Naomi Attard
Prof Lilian Azzopardi
Is-Sur Elton J Baldacchino
Dr Peter Baldacchino
Rev Dr John Berry
Is-Sa Eleanor Bezzina
Prof Anthony Bonanno
Is-Sur Colin Borg
Prof Frank Camilleri
Dr Mario L Cassar
Is-Sur Mario Cutajar
Dr Joshua Ellul
Prof Dominic Fenech
Prof Saviour Formosa

Is-Sur Tonio Mallia
Dr Ivan Mifsud
Is-Sur Michael R Piccinino
Dr Inġ Andrew Sammut
Is-Sur Simon Sammut
Prof Keith Sciberras
Is-Sa Angela Tabone
Dr Anne Marie Thake
Prof Alex Torpiano
Dr Josef Trapani
Dr Mario T Vassallo
Is-Sa Jennifer Vella
Dr Philip von Brockdorff

## Il-Grupp ta' Konsulenza dwar il-Viżjoni Internazzjonali

Il-President: Prof Godfrey Baldacchino
Is-Sa Stephanie Abood
Is-Sa Stefania Agius Fabri
Is-Sa Hanien Alouzi
Dr Natasha Azzopardi Muscat
Prof Simone Borg
Prof Stephen Calleya
Is-Sa Antoinette Caruana
Is-Sa Caroline Chetcuti
Is-Sa Charlotte Cucciardi Fava
Is-Sa Yasmine Ellul
Prof Raymond Galea
Is-Sa Victoria Gauci
Dr Omar Grech
Is-Sur Bernard Hamilton
Dr Anna Khakee
Is-Sa Nicola Kirkpatrick
Prof Godfrey LaFerla
Prof Gloria Lauri Lucente
Is-Sur Nigel Micallef
Prof Stephen Montefort
Prof Isabel Stabile

## Il-Grupp ta' Konsulenza dwar is-Sostenibbiltà

Il-Presidenti: Prof Alfred J Vella (Rettur),
Prof Inġ Joseph Micallef

Inġ Marjohn Abela
Prof Maria Attard
Perit Carmelo Barbara
Dr Ruben Borg
Dr Marie Briguglio
Is-Sur Joe Bugeja
Prof Spiridione Buhagiar
Prof Louis F Cassar
Prof Vincent Cassar
Is-Sur Mark Debono
Is-Sa Carla Galea
Inġ Francarl Galea
Dr Paul Gauci
Is-Sa Petra Grech
Dr Simon Grima
Dr Odette Lewis
Prof David Magri
Inġ Reuben Mifsud
Dr Stefano Moncada
Prof Paul J Pace
Il-Perit Michelle Piccinino
Prof Emmanuel Sinagra
Il-Perit Christopher Spiteri
Is-Sur Robert Sultana
Is-Sur Walter Zahra

## Il-Kumitat tas-Servizzi u l-Għajnuna Amministrattiva

Il-Kordinatur: Is-Sur Simon Sammut
Is-Sur Robert Abdilla
Is-Sa Stefania Agius Fabri
Is-Sur Joseph Azzopardi
Dr Inġ Anton Bartolo
Dr Christian Bonnici
Is-Sur Joe Bugeja
Is-Sa Josianne Camilleri Vella
Dr Mario L Cassar
Is-Sur Pierre Cassar
Is-Sur James Cilia
Is-Sur Mark Debono
Is-Sur Kevin Joseph Ellul
Is-Sa Jacqueline Fenech
Is-Sa Victoria Gauci
Is-Sa Veronica Grech
Is-Sur Wilfred Kenely
Is-Sur Tonio Mallia
Is-Sur Dario Pirotta
Is-Sur Geoffrey Saliba
Dr Chris Soler
Il-Perit Christopher Spiteri
Dr Axel Steuwer
Is-Sur Robert Sultana
Is-Sa Angela Tabone
Is-Sa Angela Xuereb
Is-Sur Walter Zahra

## It-Tim tal-Pjan Strateġiku

Il-Kordinatur: Prof Tanya Sammut-Bonnici
Amministrazzjoni: Ms Brenda Vella

Analiżi tal-Informazzjoni:
Is-Sur Colin Borg
Is-Sa Daniela Castillo
Dr Franco Curmi
Is-Sa Elaine Grech
Is-Sa Carmen Mangion
Dr Emanuel Said

Teknoloġija tal-Informazzjoni:
Is-Sur Michael Caruana
Is-Sur James Cilia
Is-Sur Mark Farrugia
Is-Sur Dave Mifsud
Is-Sur Robert Sultana

Promozzjoni u Komunikazzjoni:
Dr Mario L Cassar
Is-Sur Pierre Cassar
Is-Sa Monica Farrugia
Is-Sur Gabriel Izzo
Is-Sur James Moffett
Is-Sa Roberta Scerri
Is-Sa Dorianne Tabone
Is-Sa Angela Xuereb

Traduzzjoni u Qari tal-Provi:
Dr George Farrugia
Prof Bernard Micallef
Is-Sur Thomas Pace
Dr Michael Spagnol
Dr Odette Vassallo
Is-Sa Doriana Vella
Dr Daniel Xerri

Il-Kampus tal-Belt:
Is-Sa Veronica Barbara
Is-Sa Lucienne May Bugeja
Is-Sur Carmel Falzon
Is-Sur David Farrugia
Is-Sur Clive Ferrante
Is-Sa Angele Grixti
Is-Sur Rayvin Mercieca
Is-Sa Sarah Sammut
Is-Sa Maria Evelyn Vella

um.edu.mt